IL-KELMA TAR-RAGHAJ

I-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi

Isqof ta' Ghawdex

EDIZZJONI
"LUMEN CHRISTI"
1974

IL-KELMA TAR-RAGHAJ

Gabra ta' ittri pastorali, cirkulari, u atti ohra tal-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi Isqof t'Ghawdex.

Vol. I

"Orphans' Press" — Gozo.

DAĦLA

L-Appostlu Missierna lid-dixxiplu tiegħu Timotju, minnu mqiegħed bħala raġħaj spiritwali tal-kommunita' nisranija ta' Efesus iwiddbu: "xandar il-Kelma, isħaq f'waqtu u barra minn waqtu, widdeb, ċanfar, wissi bis-sabar kollu u t-tagħlim" (2 Tim. 4.2). Sa minn l-ewwel żminijiet tal-Knisja, wieħed mid-dmirijiet l-iktar importanti tal-Isqfijiet huwa dak li jippriedka l-messaġġ ta' Kristu u bil-kelma tiegħu jinsisti ma' l-insara biex iżommu sħiħ fit-twemmin u jimxu skond is-sejħa nisranija tagħhom.

Iżda, bil-priedki biss l-Isqof ma jistax jilħaq lill-insara kollha afdati f'idejh u għalhekk ikollu jinqeda ħafna drabi bl-ittri pastorali u b'kitbiet oħra sabiex iwassal il-kelma tiegħu. Hija drawwa qadima fil-Knisja, li dawn l-ittri — għall-inqas l-iktar importanti fosthom — jinqraw lill-kommunita' nisranija miġbura għaċ-ċelebrazzjoni liturġika, iżda jista' jiġri xi drabi li wara ftit taż-żmien, it-tagħlim u d-direttivi li jkun fihom jiġu minsija.

Sabiex l-insara afdati f'idejna jkollhom għajnuna ħalli jiftakru fit-tagħlim tar-Raġħaj spiritwali tagħhom, aħna lqajna bil-ferħ is-suġġeriment li għamlulna xi whud li niġbru l-ittri pastorali u xi atti oħra tagħna u nerġgħu nippubblikawhom. Din hija r-raġuni li għaliha ħareġ dan il-ktieb li nisperaw, bil-għajnuna t'Alla, iħalli xi ġid spiritwali f'dawk kollha li jaqrawh.

† Nikol G. Cauchi
Isqof t'Għawdex.
11 ta' Jannar 1974.

WERREJ

Daħla

I PARTI (L-ITTRI PASTORALI)

1. Tislima ta' Raghaj u Missier 1
2. Is-Sitwazzjoni tal-Ħaddiema fi Ġżiritna 14
3. Iż-Żgħażagħ 35
4. Il-Quddiesa 65
5. Il-Maturità Nisranija 89
6. Stil Ġdid ta' l-Ubbidjenza 108
7. Taħt il-Ħarsien ta' San Ġużepp 133
8. Art Twelidna 141
9. Il-Kelma t'Alla 162
10. Il-Proċess tas-Sekularizzazzjoni 188

II PARTI (SILTIET MIĊ-ĊIRKULARIJIET)

Il-Ħtieġa tal-Ġurnaliżmu Kattoliku 210
Il-Paċi fid-Dinja u f'Pajjiżna 215
Ir-Rispett lejn is-Saċerdoti 217
Il-Ġurnata tal-Karità 220
Id-Devozzjoni tar-Rużarju 222
Il-Ħidma Ekumenika 223
L-Għajnuna lill-Missjonijiet 225
Il-Konsagrazzjoni tal-Parroċċi lil-Madonna 228
Il-Vokazzjonijiet u s-Seminarju 229

III PARTI (SILTIET MINN TAĦDIDIET)

L-Ewkaristija, Ċentru tal-Ħajja Nisranija 233
Id-Dmir ta' Rikonoxxenza 235
Dmirijietna lejn Kristu 237
Il-Kooperazzjoni Missjunarja 244

I. TISLIMA TA' RAGĦAJ U MISSIER

Hija drawwa antika li kull Isqof residenzjali, fl-okkażjoni tal-Ingress tiegħu, jindirizza l-Ewwel Ittra Pastorali lill-uliedu spiritwali, biex fiha jesprimi s-sentiment u x-xewqat apostoliċi tiegħu u biha wkoll jagħtihom l-ewwel tislima u l-ewwel twissijiet bħala Raġħaj u Missier tagħhom.

Il-każ tagħna huwa differenti peress li f'dawn l-aħħar ħames snin li għaddew, Aħna kellna r-responsabilità tal-erwieħ tagħkom, iddedikajna għalikom l-enerġija u l-attivita tagħna, u ġietna kemm il-darba l-okkażjoni li nagħtukom it-twissijiet tagħna sewwa bil-fomm kif ukoll bil-kitba.

L-Ansjeta' ta' l-Uffiċċju Pastorali Tagħna

Matul dan il-perijodu, fil-waqt li qsamna magħkom il-ferħ u n-niket li bihom tintiseġ

il-ħajja tal-bniedem fid-dinja, diġa' ġarrabna iktar minn darba, l-ansjeta u l-preokkupazzjonijiet li jġib miegħu l-uffiċċju pastorali tagħna. La tistagħġbux immela, jekk wara dawn is-snin ta' novizjat — biex insejħulhom hekk — il-kelma tagħna illum mhix mżewqa b'espressjonijiet poetiċi u b'aċċenti rettoriċi ta' min iħares b'entużjażmu lejn il-ġejjieni u fil-fantasija tiegħu, joħlom biss ward u żagħar, għax ikun għadu ma daq xejn mill-imrar li toffri l-ħajja. l-kelma tagħna illum, hija ispirata pjuttost minn ċertu sens ta' realiżmu, li bih il-bniedem matur, wara li jkun kiseb esperjenza tal-ħajja u forsi wkoll qala' kemm-il darba fuq wiċċu ma jaqax malajr f'ottimiżmu esaġerat.

Imma propju, għal din ir-raġuni, huwa kapaċi, iktar minn qabel li jirrifletti u jagħti ġudizzju fuq dak li jiġri madwaru u meta jkun il-waqt, jaġixxi bil-prudenza, iżda fl-istess ħin b'determinazzjoni qawwija.

Id-Djoċesi u l-Isqof Jingħaqdu Flimkien

Madanakollu, illum li ser nibdew il-missjoni tagħna bħala Isqof residenzjali ta' din id-djoċesi, xorta waħda ħassejna li m'għandniex nħallu jgħaddu iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ingress bla ma nkunu bagħtnilkom il-messaġġ tagħna; għaliex din iċ-ċirkostanza hija bħal festa tat-tieġ li biha d-djoċesi u l-Isqof tagħha jingħaqdu flimkien mhux proviżorjament, imma għal medda ta' snin, sakemm ikun jogħġob lill-Alla, li jħoll din ir-rabta, li Huwa stess fil-ġudizzi moħbija tas-Sapjenza tiegħu, għoġbu jfassal u jwettaq. Nistgħu aħna f'ċirkostanza

bħal din nibqgħu siekta u ma nesprimux lilkom is-sentimenti tagħna?

II. IT-TREĠIJA TAD-DJOĊESI: PIŻ U SALIB

Nibdew, qabel xejn, biex nistqarru, li Aħna aċċettajna t-treġija ta' din id-djoċesi, bħala salib li bih Alla għoġbu jagħbbina; imma aċċettajnieh bla tlaqlieq u b'riżoluzzjoni sħiħa li nġorruh kif u sakemm ikun irid Hu.

— Dan għamilnieh, l-ewwelnett għax Aħna persważi li din hija r-rieda t'Alla u dmir tal-karita' tagħna lejn Alla huwa dak li nfittxu r-rieda Tiegħu u li nwettquha, anke jekk jitlob minna xi sagrifiċċji.

— Għamilnieh ukoll, għax hekk biss jista' l-bniedem isib il-kontentizza u l-paċi tal-qalb, jekk ma jirrifjutax li jerfgħa salibu u jagħmel dak li Alla jistenna minnu "M'hemmx triq oħra li tieħu għall-ħajja u għal paċi vera tar-ruħ — jgħidilna l-ktieb ta' l-Imitazzjoni ta' Kristu — ħlief it-triq tas-salib Imqaddes" (II, 12,3) "Jekk twarrab minnek xi salib, żgur ssib ieħor, u aktarx ikun itqal" (II 12, 5).

— Aċċettajna wkoll dan il-piż għaliex jekk Alla jrid jinqeda bix-xejn tagħna, biex iwettaq xi ġid fostkom, l-karità tagħna lejkom ma tippermettilniex li nibqgħu lura u nitilfu din l-opportunità li niddedikaw għalikom, l-enerġija tagħna il-ħin tagħna u kull ma għandna.

Sens ta' Gratitudni Lejn il-Mulej

Ser nibdew din il-missjoni tagħna, b'sens ta' gratitudni kbira lejn il-Mulej, għaliex ried jafdalna t-tmexxija tal-erwieħ fi żminijiet li għalkemm mimlija bid-diffikultajiet u bil-problemi ta' kull xorta, huma però żminijiet sbieħ għaliex jiċċalenġjawna biex inkunu ġenerużi ma' Alla u biex ngħixu l-Fidi tagħna mhux biex nimxu mal-kurrent, imma għaliex konvinti minnha u propju għax tiswielna sagrifiċċju, napprezzawha aħjar u nintrabtu iktar magħha.

III. ĦARSA LEJN IL-KNISJA

Il-Ħidma moħbija tal-Ispirtu Santu, qanqlet fil-Knisja tas-seklu għoxrin, movimenti li bl-appoġġ tal-Awtoritajiet Ekklażjastiċi taw diġa' frott l-iktar bnin u hemm tama li dan il-frott ikompli joktor. Fost dawn nistgħu nsemmu

L-Moviment Bibliku u Liturġiku,
il-Moviment Ewkaristiku u Marjoloġiku,
l-Moviment għal Qdusijja Universali
il-ħidma apostolika tas-sekulari
l-attività missjunarja u ekumenika tal-Knisja.

X'Jiswa li Naraw Biss il-Ħażin?

Inkunu nonqsu mis-sens ta' realiżmu, jekk naraw biss il-ħażen u l-iskandli ta' l-epoka

moderna u nagħalqu għajnejna imbagħad għal dak kollu li hemm pożitiv u tajjeb, li mwettaq mingħajr għagħa, imma żgur ġej minn Alla, l-għajn ta' kull tieba u jiswa biex lejn Alla iressaq l-erwieħ. X'jiswa, mbagħad, fil-prattika, li ngħaddu żmienna niddenunzjaw il-ħażen u nikkundannawh? Iktar u iktar, jekk naqtgħu qalbna u ningħalqu fina nfusna, ma nkunux tlifna diġa' nofs it-taqbida?

Mhux Aħjar li Nfittxu t-Tajjeb u Ninkoraġġuh?

Mhux aħjar u forsi iktar utli, li nfittxu lil dawk — anke jekk ftit — li qed jagħmlu xi ħaġa għat-tajjeb u ninkoraġġuhom b'kull mezz?

Mhux aħjar nistudjaw il-metodi li użaw l-oħrajn biex jagħmlu l-ġid u nimitawhom u napplikawhom fl-ambjent tagħna?

Huwa dmir tagħna li nitgħallmu naqraw "is-sinjali taż-żminijiet" u kull fejn niskopru xi ħaġa tajba, nroddu ħajr l'Alla u nutilizzawha għal ġid tal-erwieħ.

IV. ĦARSA LEJN ID-DJOĊESI

A. SINJALI POSITIVI

Ferment ta' Spiritwalità Ġdida

U dawn il-fermenti ta' ħajja nisranija u ta' spiritwalita' ġdida, iktar sodi u ġenwini minn ċerti apparenzi tal-imgħoddi, jinħassu f'pajjiżna wkoll.

Ir-riformi fil-Liturġija, speċjalment l-

użu ta' ilsien artna fil-Quddiesa u fl-amministrazzjoni tas-Sagramenti, diġa' qed jagħtu l-ewwel frott tagħhom u l-parteċipazzjoni attiva tal-insara bit-talb u bil-kant tagħhom tidher li bdiet titwettaq.

Ħafna minn uliedna jgħożżu u jippratikaw *l-ispiritwalita' ewkaristika;* hekk ukoll *l-ispiritwalita' marjana,* b'mod partikolari bil-konsagrazzjoni personali lil Madonna, ħadet spinta l-quddiem.

Ninnotaw ukoll bi pjaċir, li l-metodi l-ġodda użati fit-*tagħlim kateketiku* għad li jiswew impenn u xogħol mhux żgħir da parti tal-għalliema, naqqsu ħafna minn dik is-superfiċjalità li biha t-tfal kienu jiġu mħejjija għall-ewwel sagramenti u qegħdin jikkontribwixxu mhux ftit biex isawru fit-tfal mentalita' nisranija iktar matura.

Tamiet fil-Ġenerazzjoni Żagħżugħa

Kull ma jmur qed jikber fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa l-għatx għat-tagħlim tal-Kotba Mqaddsa. Huma għalina ta' soddisfazzjoni kbira:—

d-dispożizzjoni li juru għadd sabiħ ta, żgħażagħ, ġuvintur u xebbiet, biex jieħdu sehem attiv fil-funzjonijiet liturġiċi,

l-interess tagħhom fil-problemi ekklesjali,

l-attenzjoni u l-ħeġġa li bihom jipparteċipaw fid-djalogu mas-saċerdoti li huma dedikati għalihom,

il-kooperazzjoni tagħhom fl-inizjativi kulturali u rikreativi, li jsiru għall-formazzjoni tagħhom.

Sens Akbar ta' Maturità

Għadd ġmielu ta' koppji żgħażagħ, qed jieħdu bl-ikbar serjetà l-preparazzjoni għas-Sagrament taż-żwieġ.

Ħafna mill-ġenituri u b'mod partikulari l-ommijiet, jagħtu prova ta' l-ikbar għożża ta' wliedhom, u b'attenzjoni kontinwa u b'sens ta' sagrifiċċju jinsistu bla waqfien għall-edukazzjoni xierqa tagħhom.

Il-poplu tagħna jidher li qed isir iktar sensibbli għall-esiġenzi tal-karità nisraniija u xhieda ta' dan hija l-għajnuna li tingħata lill-Missjonijiet u l-ġenerosità li biha jikkorrispondi ma l-opri ta' beneficenza u assistenza soċjali.

Dawn il-ħwejjeġ kollha u ħafna oħrajn bħalhom, iqawwulna qalbna u jipperswaduna, li jekk naħdmu bla tnikkir u għalenija, għadna fil-ħin biex bil-għajnuna t'Alla, insalvaw u nħarsu l-valuri nsara.

B. PROBLEMI RELIĠJUŻI

B'danakollu, ma irridux nieħdu jew nagħtu l-impressjoni, li l-kwadru tas-sitwazzjoni li għandna quddiemna, huwa magħmul biss minn kuluri sbieħ u jlellxu u ma fihx ukoll dellijiet u ombri li jnikktulek qalbek. Jekk irridu nkunu realisti u oġġettivi fil-ġudizzju tagħna, ikollna bil-fors nammettu li l-problemi

reliġjużi ma humiex nieqsin f'pajjiżna u b'sobgħa jkollna ntennu dak li għedna ħafna drabijiet oħra — li hemm xi wħud fost uliedna li spiritwalment huma morda u forsi l-mard tagħhom hu serju ħafna, jekk mhux ukoll inkurabbli.

L-imxija ta' edoniżmu pagan, li taħkem fis-soċjetajiet permissivi ta' żmienna, laħqet xi ftit hawn ukoll, bil-konsegwenza li xi individwi, mogħmija mill-passjonijiet tagħhom, tilfu kull sens ta' onestà.

Oħrajn ħsiebhom biex jistagħnew u jiddevertu, u bla ma joqogħdu jagħżlu bejn dak li huwa moralment tajjeb jew ħażin, biex jaslu għall-iskop tagħhom, lesti jagħmlu kollox u ebda ħaġa ma tiġihom bi tqila. Huwa evidenti mela, li teżisti l-ħtieġa li ssir tindifa morali; għall-inqas f'ċerti ambjenti.

C. STUDJU U ĦIDMA

Din il-problema u problemi oħra konnessi mal-ħajja tal-kommunità nisranija, fl-epoka tagħna, huma ċari quddiem għajnejna u bla dubju ta' xejn joħolqulna preokkupazzjoni mhux żgħira. Però ma jidhrilniex li f'din l-ittra tagħna, miktuba għaċ-ċirkustanza, għandna nidħlu fid-dettalji u nagħmlu enfasi fuq il-problemi partikulari li ser inħabbtu wiċċna magħhom.

Pjuttost, dak li nixtiequ nagħmlu ċar, huwa l-fatt, li aħna għandna volontà sħiħa li dawn il-problemi nistudjawhom waħda waħda u bil-kalma, filwaqt li nippruvaw b'ħilitna

kollha li nsolvuhom. Kieku naslu biex inħollu, anke problema waħda fis-sena, għad li ma jirnexxilniex insolvuhom kollha, imma għall-inqas, meta tiġi fuqna s-siegħa talmewt, jkollna l-konsolazzjoni li ħajjitna ma kenitx moħlija inutilment.

V. TLIET KONVINZJONIJIET

U f'din it-taqbida tagħna, f'dan l-isforz kontinwu biex inlaħħqu mal-ħtiġijiet spiritwali tagħkom, Aħna għandna tliet konvinzjonijiet, li nħossuhom jagħmlulna l-kuraġġ, iqawwuna u jiggwidawna fil-mumenti diffiċili.

1: Alla ma Jħalli Qatt Weħidha l-Knisja Tiegħu

L-ewwel konvinzjoni tagħna *hija* li *Alla mhux ser iħalli weħidha l-Knisja tiegħu u li tibqa sseħħ dejjem il-wegħda ta' Kristu; "Jiena magħkom sa l-aħħar taż-żminijiet"* (Matt 28. 20).

— Min għandu leġittimament is-setgħa u d-dmir li jħabrek għall-merħla ta' Kristu, bħal San Pawl jista' jistqarr: "Għal kollox niflaħ f'Dak li jqawwini" (Phil. 4.13).

— Jekk il-ħażen u l-malizzja tal-bnedmin huma kbar u allarmanti, iżda huma wisq ikbar u wisq iktar effikaċi l-Qawwa u l-Għerf tal-Mulej, li jaf saħansitra mill-ħażin jislet it-tajjeb.

Veru li fi żmienna, ninnotaw ċerti każijiet ta' korruzzjoni u ta' empjetà, imma kienet

wisq aghar l-atmosfera morali li sab l-Appostlu Missierna f'Korintu u fi bliet oħra fejn mar biex iwettaq il-missjoni tiegħu; b'danakollu ma jaqtax qalbu, bil-għajnuna tal-Mulej, irnexxielu jagħmel ħafna konverżjonijiet u jwaqqaf l-ewwel knejjes insara.

2: Illum il-Knisja Teħtieġ Insara Maturi

It-tieni konvinzjoni tagħna hija illi fl-epoka tagħna, l-kattoliċi ta' nofs kedda u dawk li jqimu 'l Alla bil-fomm biss u bi drawwa, ftit jistgħu jikkontribwixxu għal ħajja u l-ħidma tal-kommunità nisranija, anzi huma joħolqulha tfixkil serju ħafna. Dak li neħtieġu illum huma *nsara maturi,*

— *konxji* mhux biss mill-jeddijiet tagħhom, imma anke mid-dmirijiet u mir-responsabilità li għandhom,

— *disposti* li jimxu wara Kristu mhux biss fejn jaqblilhom, imma anke fejn ma jaqblilhomx,

— *lesti* mhux biss li jgawdu Miegħu, imma wkoll li jbatu għalih u li jagħtu xhieda tiegħu fid-dinja.

3: Fit-Tagħlim tal-Konċilju: Is-Soluzzjoni għal Ħafna Mid-Diffikultajiet

Fl-aħħarnett, Aħna konvinti wkoll li fit-tagħlim tal-Konċilju, interpretat rettament u

applikat sewwa, għandha tinstab soluzzjoni għal parti kbira tad-diffikultajiet li għandha quddiemha l-Knisja.

Il-Papa u l-Isqfijiet, taħt it-tmexxija tal-Ispirtu Santu, fil-Konċilju; studjaw flimkien il-problemi tal-Poplu t'Alla u ipproponew irrimedji li fil-koxjenża tagħhom ħassew, li huma l-aħjar u l-iktar indikati. Fil-Konċilju, immela, hemm it-tweġiba tal-Ispirtu Santu, għall-esiġenzi spiritwali tad-dinja tal-lum.

Imqanqlin bi spirtu ta' Fidi u ta' Tama Aħna naraw fl-aġġornament post-konċiljari, mixtieq u mmexxi mill-Papiet ta' żmienna, il-mediċina għall-inkwiet u għad-diffikultajiet fil-ħajja reliġjuża tal-lum.

Dan l-aġġornament ikun il-qofol tal-programm tal-Episkopat tagħna, u aħna riżoluti li nibqgħu mexjin il-quddiem fih, anke jekk jiswielna sagrifiċċji u jaqlagħlna inkomprensjonijiet u reżistenzi ngustifikati. Imma aħna jidhrilna li din hija t-triq it-tajba, din it-triq li jindikalna Alla nnifsu u fi żminijiet tagħna m'hemmx oħra ħliefha.

VI. APPELL MILL-QALB

Ma nistgħux nikkonkludu din l-ittra tagħna, mingħajr ma nagħmlu sejħa mill-qalb lilkom fost uliedna li l-iktar mill-qrib tagħrfu x-xewqat tagħna u taqsmu magħna l-preokkupazzjonijiet tal-ministeru pastorali.

LILL-KLERU U LILL-GĦAQDIET

Aħna neħtieġu t-talb u l-kooperazzjoni leali tagħkom u nisperaw li tagħmlu magħna

dan l-att ta' karità nisranija, mhux biss għall-imħabba li għandkom lejna imma wkoll għal ġid tal-merħla kollha fdata f'idejna. Dana ngħiduh b'mod partikulari, lilkom għeżież saċerdoti tal-Kleru Djoċesan u Regolari, lir-Reliġjużi, lid-Diriġenti u lill-membri tal-Għaqdiet Kattoliċi.

LILL-ULIED SPIRITWALI KOLLHA

Fl-aħħarnett, nixtiequ nagħmlu appell lilkom, wlied spiritwali tagħna, kollha kemm intom, appell li ħiereġ minn qalb ta' Missier u ta' saċerdot.

Karita' Pastorali Lejkom

Nixtiqukom li tkunu perswaži, li l-karità pastorali tagħna tħaddan lil kull wieħed u waħda minnkom, mingħajr ebda eċċezzjoni. Huma x'inhuma fehmitkom il-kundizzjoni jew l-istat soċjali tagħkom, kbar jew żgħar, qrib tagħna jew il-bogħod minna, kull wieħed minnkom jokkupa post xieraq fil-qalb tagħna. Aħna lesti dejjem biex nagħdrukom u sa fejn nistgħu nagħtukom l-għajnuna tagħna.

Karità u Mogħdrija Lejna

Anke intom jeħtieġ li jkollkom sentimenti ta' karità u ta' mogħdrija versu lejna; anke meta mħabba l-esiġenzi pastorali, u wara li nkunu tajna widen għal-leħen tal-kuxjenza tagħna, Aħna nkunu f'pożizzjoni li ma nistgħux nikkontentawkom f'kollox, dan qatt ma

għandu jiġi interpretat bħallikieku qed tibred fina, l-imħabba spiritwali li ngħibulkom; għaliex dan jiġri wkoll fil-familja meta xi drabi l-missier ikun kostrett li jgħid le għax-xewqat ta' wliedu, pero' fl-istess ħin jibqa' jfittex bħal qabel l-ikbar ġid tagħhom.

Anke jekk xi daqqiet l-fehmiet tagħna ma jkunux jaqblu perfettament — għax aħna bnedmin u kull bniedem għandu jedd għal fehma tiegħu — b'daqshekk m'għandhiex tonqos il-karità li torbotna flimkien f'familja waħda. Niftakru li fejn hemm il-karità hemm Kristu u fejn ikun hemm Kristu jsaltan issliem.

GĦELUQ

Fit-twettiq tal-ministeru tagħna Aħna nqegħdu tamitna mhux fil-ħila dgħajfa tagħna, imma fil-għajnuna tal-Mulej u fil-ħarsien tal-Imqaddsa Verġni Marija. Għalhekk fuq kollox, il-fiduċja tagħna qegħda fit-talb li nagħmlu Aħna stess u li toffru intom għalina. Kull min għandu sentimenti nsara jħoss iddmir li jitob għall-Knisja u għal dawk li jmexxuha. Itolbu għalhekk lil Alla biex idawwal il-menti tagħna, iqawwi r-rieda, jassistina kontinwament biex inkunu nistgħu dejjem iktar niddeċikaw ruħna għal ġid tagħkom.

2 ta' Settembru 1972

2. IS-SITWAZZJONI TAL-ĦADDIEMA FI ĠIRITNA

Ħadd ma jista' jiċħad li f'dawn l-aħħar żminijiet, saru tibdiliet kbar u profondi. Fil-waqt li l-mezzi tal-kommunikazzjoni soċjali u t-tixrid tat-tagħlim u l-informazzjoni ħolqu fil-bniedem modern ideat ġodda, l-invenzjonijiet reċenti u l-progress tekniku tefgħuh f'sitwazzjonijiet li forsi mhux kulħadd kien imhejji għalihom.

Dan it-tibdil **psikoloġiku** u **tekniku** jolqot lill-bniedem kollu kemm hu, u għalhekk jinfluwenza wkoll il-ħajja spiritwali u reliġjuża tiegħu.

- **It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja**

Mhux biżżejjed għalhekk il-ftit tagħlim nisrani li rċivejna fi tfulitna sabiex nagħrfu nirregolaw il-ħajja tagħna skond it-tagħlim tal-Vanġelu fis-sitwazzjoni tagħna. Anke wara li jkun irrifletta u ħaseb fit-tul fuq il-problemi attwali, li bihom hija minsuġa l-ħajja tiegħu personali, familjari u soċja'i, il-bniedem modern mhux dejjem jirnexxilu jsib soluzzjonijiet sodisfaċenti għalihom.

Kif kiteb wieħed minn ħutna separati, magħruf għall-istudji teoloġiċi tiegħu (1) "In-nisrani ta' żmienna, tad-dinja tagħna tax-xogħol u tat-teknika, għandu bżonn direttivi ġodda sabiex jorganizza l-valuri tal-ħajja spiritwali tiegħu, biex jitgħallem jitlob u jikkontempla l-Mulej, fil-kumbattiment tal-ħajja moderna".

Ħafna għalhekk qegħdin iħarsu lejn il-Knisja sabiex tagħtihom xi dawl u tindikalhom it-triq li tista' twassalhom għall-għan li għalih ġew maħluqa.

- **L-Iskop ta' din l-Ittra Pastorali**

Kienet din l-esiġenza ta' żminijietna li qanqlet lil'l-Papiet sabiex jiktbu l-enċikliki soċjali tagħhom u lill-Isqfijiet tal-Konċilju Vatikan it-Tieni, sabiex jagħtuna d-dokumenti konċiljari fosthom il-Kostituzzjoni Pastorali "Gaudium et Spes".

Din l-esiġenza tidher anke f'pajjiżna għaliex ħafna mill-problemi ta' żvilupp u ta' tib-

dil li laqtu lill-artijiet oħra, ftit jew wisq waslu fostna wkoll.

Anke f'pajjiżna ma jonqsux dawk li jħossuhom disorjentati u jistaqsu kif għandha tkun l-imġieba tan-nisrani fis-sitwazzjonijiet ġodda li nibtu madwarna.

Jista' jkun li għandna wkoll minn dawk li bla ma ntebħu diġa' aċċettaw passivament ċerta mentalità' pagana, u bla ċaħdu fit-teorija r-Reliġjon ta' Kristu, fil-prattika, imma jgħixu qisu din ir-reliġjon ma kellha ebda relazzjoni mal-ħajja tagħhom.

Jidhrilna għalhekk li huwa dmirna li f' din l-ittra pastorali tagħna nistudjaw xi problemi li tfaċċaw f'dawn l-aħħar snin u nfittxu x'tagħlim elaborat dwarhom il-Knisja, jew fi kliem ieħor, naraw kif it-tagħlim mogħti mill-Knisja f'dawn l-aħħar żminijiet jista' jiġi applikat għall-problemi speċifiċi ta' ġżiritna.

U peress li l-problemi konnessi mal-ħajja tan-nies tax-xogħol huma l-iktar urġenti xtaqna niddedikaw għalihom dil-pastorali tagħna. Mhux possibbli li niddiskutuhom kollha u waħda waħda, imma nagħżlu biss dawk li l-iktar jinħassu fil-ġżira tagħna.

Fehmitna mbagħad

— mhix li nsibu soluzzjonijiet oriġinali jew li nagħmlu suġġerimenti konkreti dwar l-ekonomija tal-pajjiż
— imma pjuttost li neżaminaw fid-dawl ta' l-etika nisranija, ċerti sitwazzjonijiet li jsib ruħu fihom il-ħaddiem tal-

lum u naraw x'jista' jsir sabiex huwa jipperfezzjona ruħu spiritwalment.

I ID-DIŻOKKUPAZZJONI

Wieħed mill-fenomeni soċjali ta' pajjiżna huwa d-diżokkupazzjoni jew il-qagħad. Peress li ħafna nies ma jħossuhomx adattati għax-xogħol tas-snajja jew fl-agrikoltura u lanqas għandhom ġibda għalihom, huma jfittxu mpjiegi statali jew xogħol fl-industrija u fl-attivita' turistika.

Sal-lum pero' f'pajjiżna għad m'hawnx industriji biżżejjed u t-turiżmu għad mhux organizzat b'ċertu mod li jistgħu jassorbu nnies kollha li jixtiequ jaħdmu fihom.

Nosservaw għal'hekk li ħafna żgħażagħ wara li jħallu l-iskola jfittxu x-xogħol u ma jsibuhx, u bħala konsegwenza bosta minnhom, kontra qalbhom ikollhom iħallu l-familja u l-art twelidhom u jemigraw f'pajjiżi oħra.

Il-Ħsara tal-Qagħad

Il-ħsara li jġib miegħu l-qagħad
(1) lill-individwi,
(2) lis-soċjeta'
(3) u l-attivita' ekonomika
hija evidenti.

Minħabba l-qagħad

— wieħed isibha mpossibbli li jaqla' l-għixien tiegħu, ikun imċaħħad mill-vantaġġi morali li jġib miegħu x-xogħol u jieħu l-impressjoni li huwa bniedem inutli u żejjed fid-

dinja. Is-soċjeta', minħabba d-diżekkupazzjoni, ma tistax tapprofitta ruħha mill-enerġija prezzjuża ta' ħafna membri tagħha, u jkollha terfa' l-piż tas-sussidju li jingħata lin-nies bla xogħol. Tmur lura wkoll l-attività' ekonomika għaliex jonqos il-konsum talprodotti, peress li l-ħaddiema ma jkollhomx il-paga regolari li biha jistgħu jixtruhom, u meta jonqos il-kummerċ u fabbrika ma tistax tiżmerċja dak li tipproduċi, ikollha tirriduċi l-proġetti tagħha.

Lotta Kontra l-Qagħad

Meħtieġa għalhekk lotta kontra l-qagħad, lotta li fiha jieħdu sehem ftit jew wisq iċ-ċittadini kollha, sakemm jiltaħaq **il-full-employment**, sabiex dawk kollha li jifilħu u jridu jaħdmu, isibu okkażjoni li jwettqu xogħol utli u li jħalli profitt.

L-Istat min-naħa tiegħu, sewwa permezz ta' trattati kummerċjali, kif ukoll bi programmi ta' xogħolijiet pubbliċi għandu jagħmel ħiltu kollha sabiex fil-pajjiż ikun hawn xogħol suffiċjenti. (2)

Il-Jedd għax-Xogħol

Fit-tagħlim soċjali tal-Knisja, insibu li l-bniedem, kif għandu l-jedd għall-ħajja, hekk ukoll għandu l-jedd għax-xogħol, la darba x-xogħol huwa l-mezz li bih jista' jinkiseb l-għixien tiegħu. "Fil-bnedmin huwa inerenti d-dritt għall-inizjattiva libera fil-kamp ekonomiku u d-dritt għax-xogħol" (3).

Pero' nkunu niżbaljaw jekk naħsbu li l-

Istat biss huwa fid-dmir li jirrispetta d-dritt taċ-ċittadini għax-xogħol. Għad li l-Istat għandu responsabilita' kbira f'din il-materja, għandu jiġi segwit il-prinċipju tas-sussidjarjeta' (4) jiġifieri l-Istat għandu jindaħal jekk u sakemm il-membri tiegħu u s-soċjetajiet iżgħar minnu, ma jkunux jistgħu jsolvu wehidhom il-problemi tagħhom.

Fuq l-istess suġġett il-Papa Piju XII jgħallimna li

> "qabel xejn id-dmir u d-dritt li jorganizzaw ix-xogħol tal-poplu jappartieni lil dawk li huma nteressati mmedjatament: **dawk li jħaddmu u min jaħdem**" (5).

Għalhekk min ifittex ix-xogħol speċjalment, jekk għadu żagħżugħ, jeħtieġ iqis qabel xejn li jipperfezzjona ruħu u jikseb dawk il-kwalifiki u l-kompetenza meħtieġa biex isib impjieg tajjeb. Għal dan il-għan jistgħu jgħinu ħafna l-edukazzjoni teknika, is-sistemi ta apprendistat u ta' re-training.

Id-Dmir tas-Sidien

Min-naħa l-oħra s-sidien, għandhom dmir lejn is-soċjeta' li jimpjegaw magħhom l-ikbar għadd ta' nies possibli. Huma m'għandhomx iħarsu biss lejn il-profitti tagħhom imma wkoll lejn il-ħtiġijiet ta' għajrhom.

Xi drabi, li timpjiega bniedem b'paga ġusta, jista' jkun att ta' karita' l-iktar ġenwina, li żgur li l-Providenza t'Alla ma tħallihx mingħajr il-ħlas li jistħoqqlu.

L-imgħallmin tas-snajja jistgħu jgħinu mhux

ftit, kieku jrawmu xi żgħażagħ f'sengħathom, bla ma jħallu li tirbaħhom il-ġelosija jew il-biża' li b'daqshekk ser jonqos ix-xogħol tagħhom.

U la darba fi ġiritna, hawn daqshekk qagħad, ma nistgħux napprovaw l-aġir ta' dawk li jkollhom żewġ impjiegi fl-istess ħin, jekk/impjieg wieħed minnhom huwa biżżejjed biex iżommu deċentement il-familja tagħhom.

Hawnhekk jidhrilna li għandna nsemmu l-parti li jieħdu dawk l-individwi li jħabirku sabiex iqabbdu x-xogħol lin-nies diżokkupati.

Jekk min iwettaq din il-ħidma ma jmurx kontra l-ġustizzja u jagħmilha għal skopijiet nobbli, huwa jkun ħaqqu kull tifħir; imma jkun abbuż mill-aġħar, li kontra tiegħu għandna ngħollu l-leħen tagħna ta' protesta, jekk din il-medjazzjoni tmur kontra d-drittijiet ta' l-oħrajn u ssir bi skop ta' sfruttament jew qliegħ immorali minn fuq dahar il-ħaddiem li jkun kostrett li jċedi l-ewwel pagi tiegħu lil min ħadimlu biex jikseb l-impjieg.

II MATURITA' FIL-ĦADDIEMA

Dawk imbagħad li moħħhom mistrieħ għax sabu x-xogħol jew għandhom l-impjieg tagħhom, jeħtieġ li jilħqu dik il-maturita' ta' bnedmin liberi, li biha jagħrfu drittijiethom kif ukoll ir-responsabilita' tagħhom. "Middinjita' ta' persuna umana, jiġi wkoll id-dritt li wieħed iwettaq il-ħidmiet ekonomiċi f'attitudni ta' responsabilita' " (6).

[+] Il-Jedd għal Paga Ġusta

Fost il-jeddijiet tal-ħaddiem li l-Knisja tiddefendi bl-enerġija kollha ta' min isemmi l-jedd għall-paga ġusta (7). Meta ngħidu paga ġusta nifhmu dik li biha l-ħaddiem

a) ikun jista' jgħix ħajja xierqa hu u l-familja tiegħu
b) jieħu rikreazzjoni onesta
c) u jaħseb anke għall-ġejjieni għall-inqas b'marġni ta' tfaddil.

Għad fadal ħafna x isir sabiex il-ħaddiema kollha tagħna, speċjalment dawk li jaħdmu mal-partikular jaslu biex jirċievu paga bħal din.

[+] Sens ta' Responsabilita' lejn is-Sid

Il-ħaddiema mbagħad, għandhom jiżviluppaw fihom is-sens ta' responsabilta':—

- lejn min iħaddimhom
- lejn il-familja tagħhom
- u lejn sħabhom tax-xogħol.

Kif min iħaddem għandu jħallas paga ġusta u joffri lill-ħaddiem kondizzjonijiet tajba dwar ħinijiet tax-xogħol, ħtiġijiet iġieniċi, ħekk ukoll min jaħdem għandu jagħti lis-sid, xogħol siewi u ekwivalenti għall-paga li jirċievi. San Pawl Missierna kiteb: **"Si quis non vult operari, nec manducet"** (8), Min ma jridx jaħdem, ma jiekolx" u dana jgħodd għal dawk li ma humiex onesti biżżejjed mas-sidien li jħaddmuhom.

Jiddispjaċina ninnotaw li fil-waqt li l-

Għawdxin bħala poplu huma magħrufin għall-bżulija tagħhom, pero' f'ċerti ambjenti għall-inqas, il-ħeġġa tax-xogħol ftit jistħoqqilha tifħir.

Kif ġara f'pajjiżi oħra, hekk ukoll f'pajjiżna, l-ekonomija tista' tmur ħafna 'l quddiem, jekk il-ħaddiema kollha jħossu fil-kuxjenza tagħhom id-dmir li jkunu eżatti dejjem fit-twettiq ta' dmirijiethom.

✠ Sens ta' Responsabilita' lejn il-Familja

Is-sens ta' responsabilita' lejn il-familja jirrikjedi attenzjoni kif wieħed jonfoq flusu u nklinazzjoni għat-tfaddil, li bih il-ġenituri jassiguraw li wliedhom ma jonqoshomx innećessarju.

1). **Huma neqsin** għal kollox minn dan is-sens ta' responsabilita' dawk ittalin li jħallu jirbaħhom il-vizzju tal-logħob u jberbqu fid-divertiment personali tagħhom il-paga li għandha sservi għall-manteniment tal-familja.

2.) **Jonqsu** wkoll dawk il-ġenituri li mogħmija mix-xewqa ta' ħajja komda jixtru oġġetti superfluwi bid-dejn jew bis-sistemi ta' rati ta' ħlas fixxahar, hekk li fi ftit żmien isibu ruħhom skjavi ta' oppressjoni ekonomika li ħolqu b'idejhom stess.

3.) Min-naħa l-oħra jiżbaljaw ukoll dawk il-kapijiet tal-familji li jinsew l-għoli tal-ħajja u għax-xeħħa jew l-egoiżmu tagħhom, ma jħallux f' idejn marthom flus biżżejjed sabiex hija taħseb għall-ħtiġijiet tagħha u ta' wliedha.

✠ Solidarjeta' lejn Sħabhom

Lejn sħabhom tax-xogħol, il-ħaddiema għandhom ikollhom sentimenti ta' karita' nisranija u solidarjeta'. Ifittex mela, kull wieħed minnhom li jkollu għal qalbu l-ġid spiritwali tal-ħaddiema sħabu u li jwettaq fosthom ħidma ta' apostolat, għax kif kien qal il-Papa Piju XI, **"L-ewwel u l-eqreb appostli tal-ħaddiema, għandhom ikunu l-ħaddiema nfushom"** (9).

Is-solidarjeta' lejn sħabhom, in-nies taxxogħol juruha b'mod speċjali meta huma jifhmu l-importanza tat-Trade Unions u jixxierku fihom. Dwar dawn, il-Konċilju jgħallimna li:—

> "Fost id-drittijiet fundamentali tal-persuna umana, jiġi d-dritt tal-ħaddiema li jwaqqfu liberament għaqdiet tagħhom, li jistgħu verament jirrappreżentawhom u li jgħinu fl-organizzazzjoni retta tal-ħajja ekonomika, jiġi wkoll iddritt li jieħdu sehem bil-liberta' fil-ħidma ta' dawn l-għaqdiet mingħajr ma jidħlu fil-perikolu tarreppreżalji" (10).

Dawk li jixxierku fit-Trade Unions u fl-għaqdiet l-oħra tal-ħaddiema, għandhom jagħmlu dan, mhux biss bil-fehma li jiksbu xi vantaġġ materjali għalihom infushom, imma anke biex jagħtu appoġġ lil sħabhom u jġibu 'l quddiem it-talbiet ġusti tagħhom.

Huma jħabirku wkoll sabiex l-għaqda jkollha dejjem bħala ideal tagħha l-ħarsien tal-jeddijiet tal-ħaddiema, titmexxa bi spirtu demokratiku u twettaq funzjoni edukattiva fost il-membri tagħha (11).

III IL-MISSJONI TAL-MARA FIS-SOĊJETA

Il-Mara fil-Ħajja Pubblika

Fenomenu ieħor ta' żminijietna hija l-preżenza tal-mara fil-qasam ekonomiku u soċjali. Il-Papa Ġwanni XXIII iqis dan bħala wieħed mis-sinjali ta' l-epoka moderna u jgħidilna:—

> "Fatt magħruf minn kulħadd huwa d-dħul tan-nisa fil-ħajja pubblika, fil-mara, ċioe', qiegħda ssir dejjem iżjed ċara u operanti, il-kuxjenza tad-dinjita' tagħha. Taf li ma tistax tippermetti li tiġi kkunsidrata u ttrattata bħala strument, imma tesiġi li tiġi kkunsidrata bħala persuna sewwa fl-ambitu tal-ħajja domestika, kif ukoll f'dak tal-ħajja pubblika" (12)

Illum ħafna min-nisa, anke f'pajjiżna,

jirċievu tagħlim u kultura għall-inqas ugwali għal dawk tal-irġiel, huma laħqu ċerta maturita' psikoloġika u spiritwali u għalhekk il-missjoni tagħhom mhix limitata biss għall-erba' ħitan tad-dar, imma s-soċjeta' tammettihom fil-postijiet tax-xogħol, fl-impjiegi stata'i, fl-iskejjel u saħansitra fuq il-kattedri ta' l-universitajiet.

Kontribut Prezzjuż

Fil-waqt li jibqa' veru li l-missjoni ewlenija tal-mara hija dik li tkun reġina tad-dar, omm ta' familja u edukatriċi ta' wliedha, hija tista' tagħti kontribut prezzjuż ħafna jekk tieħu sehem ukoll fil-ħajja soċjali.

Ċerti attivitajiet, bħalma huma l-kura taż-żgħar u tal-morda, jitolbu delikatezza u sens ta' mogħdrija li jinsabu biss fil-mara.

Għall-mara li mhix miżżewġa jew li wliedha għax kibru ma jeħtieġux kontinwament il-preżenza tagħha, xogħolijiet oħra barra mid-dar jistgħu jkunu mezz utli li bih taħseb għall-ġejjieni jew tgħin ekonomikament il-familja.

Vittma ta' Sfruttament

Pero' m'humiex rari l-każi li l-mara taqa' vittma ta' sfruttament inġust da parti ta' dawk li jħaddmuha. Il-pagi li jingħataw linnisa mpjegati mhux dejjem huma skond il-liġi morali u ċivili. Dana jgħodd speċjalment għal dik li jgħidulha ndustrija domiċiljari, ċioe' meta x-xogħol bħalma huwa malja u

ħjata jitqassam sabiex isir fid-djar imbagħad jingabar lest.

Jidhrilna li qegħda ssir inġustizzja kbira ma' ħafna nisa Għawdxin li qegħdin jaħdmu siegħat twal għal ftit soldi, u mbagħad l-oġġetti li jipproduċu jinbiegħu bl-aqwa prezzijiet bi profitt esaġerat għall-imprendituri jew l-aġenti tagħhom.

Jidhrilna li l-prezzijiet ta' dan ix-xogħol għandhom ikunu kkontrollati mill-Istat. B' hekk tkun tista' ssir ġustizzja u n-nisa mqabbdin fi-industriji żgħar u domiċiljari jottenu salarju għall-inqas ugwali ma' ta' dawk li jaħdmu fil-fabbriki (13).

Perikolu ta' Korruzzjoni

Imma l-agħar gwaj huwa l-periklu li jhedded il-mara mpjegata barra mid-dar tagħha, jiġifieri l-periklu ta' korruzzjoni morali. Dana bosta drabi jkun ġej mhux biss mill-prepotenza ta' ċerti sidien imma wkoll mil-leġġerezza u nuqqas ta' sens ta' responsabilita' f'xi whud min-nisa li

- bi kliemhom
- bl-aġir tagħhom
- u fuq kollox bl-ilbies mhux għal kollox deċenti,

joħolqu provokazzjoni kontinwa għall-irġiel u ż-żgħażagħ li jaħdmu magħhom.

Qatt ma nistgħu ninsistu biżżejjed sabiex ix-xebba Għawdxija kull fejn tkun tibża' għal ġieħha, tħares bl-akbar għożża u għaqal l-integrita' tagħha u ġġib ruħha dejjem b'dik is-serjeta' li tixraq lill-insara.

IV IS-SITWAZZJONI TAL-BDIEWA

Niġu issa biex nitkellmu dwar kategorija ta' nies tax-xogħol li fiha tinsab il-parti l-kbira ta' wliedna, il-kategorija tal-bdiewa li forsi iktar minn kulħadd jisthoqqilha l-appoġġ shiħ tagħna u ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-ġid tas-soċjeta'.

Sa epoka reċenti l-klassi tal-bdiewa ma qanqlitx interess bħal dik tal-ħaddiema fi-industrija, imma dan in-nuqqas ta' nteress mhux floku, il-klassi tal-bdiewa ħaqqha konsiderazzjoni ikbar (14).

Hija tipproduċi l-ikel indispensabbli għallhajja tan-nazzjon, il-progress demografiku huwa dovut għal kollox għall-familji tal-bdiewa, fosthom ukoll il-valuri morali u reliġjużi huma ġeneralment imħarsa u kkultivati.

— Rispett lejn il-Bdiewa

Jekk il-ħaddiema ta' l-industriji jisthoqqilhom rispett, paga ġusta u kondizzjonijiet tax-xogħol li jixirqu d-dinjita' ta' bnedmin, hekk ukoll u xejn inqas jisthoqqilhom il-bdiewa. Ix-xogħol ta' dawn huwa meħtieġ għassoċjeta' xejn inqas mill-attivita' industrijali.

Il-bdiewa jaħdmu b'tant bżulija, bla ebda vaganzi u mingħajr ma jħarsu lejn is-sigħat tax-xogħol. Huma li b'tant sagrifiċċji jrawmu familji li jagħmlu unur lil pajjiżna.

— Sitwazzjoni Diffiċli

Madankollu l-bdiewa li għandhom l-akbar

diffikulta' biex jiksbu l-għajnuna tagħhom u ta' wliedhom. Aħna nħossu ħniena u mogħdrija meta niltaqgħu ma' xi whud minn uliedna l-bdiewa, li ma jistgħux ilaħħqu ma' l-ispejjeż tal-ħajja.

Jiġri kemm-il darba li huma jkunu mġieghla jbiegħu l-prodotti tagħhom bi prezzijiet li ma jkoprux l-ispiża tal-produzzjoni u għalhekk minflok li jaqilgħu, ikunu jitilfu minn dak li jiswielhom tant għaraq u tbatija.

Tista' sitwazzjoni bħal din tissejjaħ ġusta, ūmana u nisranija?

Tista' s-soċjeta' tibqa' ndifferenti quddiem l-ispettaklu tal-inkwiet u taqtiegħ il-qalb li jġarrbu l-bdiewa?

Jista' l-Istat jinsihom u ma jagħmilx ħiltu kollha sabiex il-biedja tqum fuq saqajha?

Kienet din is-sitwazzjoni li qanqlet lill-Papa Ġwanni XXIII, sabiex fl-enċiklika tiegħu, "Mater et Magistra" juri lid-dinja l-kuntrast li jeżisti bejn is-settur agrikolu u dak industrijali u fil-waqt li jiddefendi fil-berah il-jeddijiet tal-bdiewa, jirrikkmanda xi miżuri li jistgħu jgħollu l-livell tal-ħajja tagħhom. Naraw dak li l-iktar hu applikabbli għal pajjiżna u nżidu wkoll il-proposti tagħna.

— **Soluzzjoni għall-Problemi tal-Biedja**

Jidhrilna li s-soluzzjoni għall-problemi tal-biedja tagħna tista' tinstab jekk ikun hemm iktar kollaborazzjoni bejn l-Istat u l-bdiewa u kulħadd ifittex li jagħti s-sehem

tiegħu għall-ġid komuni tan-nazzjon.

Mill-Istat wieħed jistenna qabel xejn li jipprotieġi l-prezzijiet tal-prodotti agrikoli, sabiex fil-waqt li l-konsumaturi jkunu moqdija sewwa, il-bdiewa ma jġarrbux telf.

> "In-natura speċjali tal-prodotti tal-biedja titlob sistema għall-ħarsien tal-prezzijiet tagħhom; l-ekonomija tal-lum għandha ħafna mezzi għal dan l-iskop. Dan għandu jsir l-ewwelnett minn dawk stess li huma nteressati; iżda l-gvernijiet ma jistgħu bl-ebda mod jibqgħu lura għal kollox" (15).

— **Għajnuna mill-Istat**

Jiddependi mill-Istat ukoll li jiġu mtejba s-sistemi tat-trasport u li jinsabu swieq għall-prodotti karatteristiċi tal-biedja tagħna, mhux biss lokalment imma anke fuq skala internazzjonali.

Il-bdiewa għandhom jiġu mgħallma metodi ġodda ta' produzzjoni agrikola. "Ix-xogħol tal-biedja għandu d-dinjita' tiegħu; jeħtieġ l-użu ta' ħafna ħwejjeġ marbuta ma' l-inġinerija, il-kimika, il-bijoloġija, ħwejjeġ li jitbiddlu minn jum għall-ieħor minħabba l-progress tax-xjenzi" (16).

L-Istat għandu jħeġġeġ b'kull mezz possibbli lill-bdiewa sabiex jitilqu ċerti xogħolijiet tradizzjonali li llum ma jħallux qliegħ u jippruvaw oħrajn li huma aktar lukrativi; hekk per eżempju s-serer flok il-kultura għall-

apert.

Sabiex tista' sseħħ din it-trasformazzjoni fil-biedja, sabiex minn agrikultura primittiva, il-bdiewa tagħna jaqilbu għal sistemi moderni, l-Istat m'għandux isib diffikulta' li jagħti s-sussidji meħtieġa sewwa taħt għamla ta' għotjiet u self ta' flus b'imgħax żgħir, kif ukoll taħt għamla ta' makkinarju agrikolu.

— Organizzazzjoni fost il-Bdiewa

Il-bdiewa min-naħa tagħhom, jeħtieġ li jkollhom moħħhom iktar miftuħ, ikunu iktar sensibbli għall-esiġenzi ġodda ta' żminijietna, għalhekk m'għandhomx jiddawru ma jbiddlu dak li hemm bżonn jinbidel. Fuq kollox jeħtieġ li jifhmu aħjar is-siwi tal-koperattivi u ta' l-organizzazzjonijiet imwaqqfa biex iħarsu d-drittijiet tagħhom.

Kienet tkun wisq aħjar is-sitwazzjoni tal-biedja fi ġiritna, kieku l-bdiewa kienu iktar organizzati flimkien u ħadu bis-serjeta' għaqdiet ta' din ix-xorta.

> "Xejn inqas mill-fergħat l-oħra tal-produzzjoni, fil-fergħa tal-biedja hemm bżonn ta' l-organizzazzjoni, iktar u iktar meta l-intrapriża jkollha bħala bażi tagħha l-familja. Il-bdiewa għandhom iħossu ruħhom ħaġa waħda, jafdaw f'xulxin, iħabirku flimkien biex iwaqqfu koperattivi u soċjetajiet oħra tas-snajja" (17).

V APPELL

Dan kollu li għidna, għidnih għaliex nixtiequ li s-soċjeta' tagħna tkun mibnija fuq il-ġustizzja u l-karita' nisranija. L-ideal tagħna huwa l-

ELEVAZZJONI tal-ħaddiema kollha

(1) ta' l-id u tal-moħħ,
(2) ta' l-industrija u tal-biedja,
(3) irġiel u nisa; **Elevazzjoni** mhux biss
— fl-aspett ekonomiku
— imma wkoll fl-aspett kulturali
— u spiritwali tal-ħajja tagħhom.

Hekk huma jkunu jistgħu jgħixu skond id-dinjita' tagħhom ta' bnedmin u jwettqu aħjar id-dmirijiet tagħhom bħala nsara u bħala membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu.

Fl-istess ħin din l-ittra pastorali tagħna għandha sservi bħala appell ħerqan lill-ħaddiema kollha ta' kull grad sabiex ikollhom fiduċja ikbar fil-Knisja Kattolika, li minkejja d-debolizzi ta' l-element uman tagħha, għandha dejjem l-assistenza ta' l-Iben t'Alla li waqqafha, il-Ħaddiem ta' Nazareth li qal: "Ejjew għandi lkoll kemm intom imħabbtin u mgħobbijin u jien inserraħkom" (18).

VI KELMA LIS-SAĊERDOTI

Nixtiequ nagħlqu din il-pastorali b'kelma ta' missier lis-saċerdoti tagħna. Aħna kważi kollha wlied il-ħaddiema, fi ċkunitna u f' żoghżitna, forsi aħna ġarrabna xi ftit mit-taqtigħ il-qalb u mill-privazzjonijiet li jinħassu

ta' sikwit fil-familji tan-nies tax-xogħol.

Sabiex nieħdu l-edukazzjoni tagħna u naslu għas-saċerdozju riedu jkunu s-sagrifiċċji moħbija u l-istink kontinwu tal-ġenituri li ħadmu għalina.

Għalhekk ftit jistgħu jkunu f'kundizzjoni aħjar minna sabiex jifhmu u jagħdru lill-ħaddiema, kif nistgħu nifhmuhom aħna. Mhux biss nifhmuhom, imma nipprovaw b' kull mezz possibbli li ntejbu l-qagħda tagħhom.

U dak li kiteb fis-seklu li għadda wieħed Isqof Taljan lill-kleru tiegħu, nistgħu ntennuh aħna wkoll: "Kappillani, saċerdoti, noħorġu mit-tempju, mis-sagrestija, nintefgħu fost il-poplu, infakkruh fi dmirijietu, imma ma nistgħux nisktu dwar id-drittijiet tiegħu.

"Ngħidulu li għandu jobdi, jirrispetta s-sidien, igħix onestament, iħobb it-tfaddil, imma ngħidulu wkoll li għandu dritt igħix mix-xogħol tiegħu. Ninżlu fuq il-qiegħa talkumbattiment biex nitqabdu għar-rebħa li tibqa' u nwettqu għemejjel ta' ġenerożita'.

"Jien nixtieq li ma jkunx hawn opra tajba ta' nteress pubbliku, opra ta' karita' li ma tkunx mibdija mill-kappillan, mill-qassis jew għall-inqas mgħejjuna minnhom. Fejn tidħol il-karita', il-ministru ta' Kristu għandu jkollu l-post tiegħu, jekk jista' jkun l-ewwel wieħed.

Iżżur il-morda, tippromovi għaqdiet, tagħlim għat-tfal, Istituti ta' beneficjenza, taħ-

dem għaż-żgħażagħ li qegħdin fil-periklu spiritwali, tittallab ix-xogħol għal min ma għandux, issir medjatur tal-foqra quddiem l-għonja; x'kamp ta' ħidma għandna quddiemna!" (19)

18 ta' Frar 1968.

REFERENZI:—

(1) Max Thurian "L'uomo moderno e la vita spirituale" Morcelliana pag. 30.
(2) Cfr. C. Martens "Initiation a l'economie sociale" Casterman 1952 pag. 82-83.
(3) Ġwanni XXIII Enċiklika "Pacem in Terris" n. 17. Kostituzzjoni "Gaudium et Spes" n. 67.
(4) Piju XI Enċiklika "Quadragesimo Anno" n. 35.
(5) Piju XII. Diskors fuq ir-Radju, 1 ta' Ġunju 1941.
(6) Ġwanni XXIII. Enċiklika "Pacem in Terris" n. 19.
(7) Enċiklika "Quadragesimo Anno" n. 67. Kostituzzjoni "Gaudium et Spes" n. 67.
(8) II lit-Tessalonkin, III, 10.
(9) Enċiklika "Quadragesimo Anno", n. 60.
(10) Kostituzzjoni Pastorali "Gaudium et Spes" n. 68.
(11) Pawlu VI. Enċiklika "Populorum Progressio" n. 38.
(12) Ġwanni XXIII. "Pacem in Terris" n. 39.
(13) Cfr. Valerio Fallon "Principii di Economia Sociale" Marietti 1956, pag. 96.
(14) Cfr. Constant Van Gestel "La Dottrina Sociale della Chiesa", Citta Nuova 1966 pag. 454.
(15) Ġwanni XXIII. "Mater et Magistra" n. 138.
(16) "Mater et Magistra" n. 146.
(17) "Mater et Magistra" n. 147.
(18) San Mattew, XI, 28.
(19) Mons. Geremia Bonomelli, Isqof ta' Cremona, "Questioni Religiose, Morali e Sociali" Desclee 1897, pag. 464.

Fi żminijiet tal-lum, ħafna bnedmin jintilfu wara l-ġid u l-pjaċiri tad-dinja u jwarrbu fil-ġenb id-dmirijiet reliġjużi tagħhom. Kien hemm ukoll min qal li r-reliġjon hija tajba biss għat-tfal u għax-xjuħ, imma m' għandha ebda post fil-ħajja tal-bniedem modern, speċjalment f'dik taż-żgħażagħ.

Min jitkellem hekk qiegħed fl-iżball, għaliex jekk il-bnedmin kollha jeħtieġu r-reliġjon li tgħaqqadhom ma' Alla u turihom l-għan ta' l-eżistenza tagħhom, b'mod partikulari jeħtieġuha ż-żgħażagħ. Għax iż-żogħżija hija l-perjodu tal-formazzjoni li minnu tiddependi kollha kemm hi l-ħajja ta' l-individwu.

Ħafna mill-idejat u s-sentimenti li jsawru l-karattru tal-bniedem, huma akkwistati

proprju f'din l-eta'.

Ħaġa tabilħaqq impressjonanti huwa l-fatt li l-feliċita' umana tiddependi minn ftit deċiżjonijiet importanti li jagħmlu ż-żagħżugħ jew żagħżugħa, f'dan iż-zmien prezzjuż ta' ħajjithom.

Deċiżjoni ta' iva jew le żbaljata, meħuda fiż-żogħżija tinfluwenza l-ħajja kollha kemm hi.

Ħadd daqs iż-żgħażagħ immela, ma jeħtieġ li jkollu idea ċara tal-valuri spiritwali biex jagħraf il-pjan li Alla ħejja għalih, u jorjenta spiritwalment il-ħajja tiegħu.

Qatt daqs kemm fiż-żogħżija ma jinħassu fil-qawwa tagħhom, l-esiġenzi u l-ħtiġijiet tar-ruħ, li tfittex il-perfezzjoni u l-paċi nterna.

L-EWWEL PARTI

THASSIB dwar iż-ŻGĦAŻAGĦ

● Id-dmirijiet reliġjużi.

Kellu raġun għalhekk il-Papa Ljun XIII f'waħda mill-Enċikliki tiegħu jikteb: "Id-dmirijiet reliġjużi ma għandhom jitħallew qatt f'ebda epoka tal-ħajja, fl-ebda attivita' pubblika jew privata, wisq u wisq inqas fl-eta' li hija mingħajr esperjenza u li hija mqallba mill-passjonijiet u esposta għat-tentazzjonijiet tal-vizzju". (1)

● Ħtieġa ta' formazzjoni

Fi żminijietna, il-Knisja tagħraf wisq aħ-

jar mill-imgħoddi, il-ħtieġa li ż-żgħażagħ ikollhom formazzjoni reliġjuża u morali soda, mhux biss għall-ġid tagħhom infushom, imma wkoll għall-ġid tas-soċjeta' kollha.

Għaliex meta titbiegħed minn Alla, is-soċjeta' tkun qabdet it-triq li twassal għal katastrofi u r-rovina tagħha; u ħafna jiddependi miż-żgħażagħ jekk dana jiġrix jew le.

● Iż-żgħażagħ għandhom influwenza fis-soċjetà

"Iż-żgħażagħ", igħidilna l-Konċilju Vatikan II, "għandhom influwenza ta' l-aqwa importanza fis-soċjeta' moderna. Iċ-ċirkostanzi tal-ħajja tagħhom, il-mentalita' u l-istess relazzjonijiet ma' l-istess familja tagħhom tbiddlu ħafna.

Ħafna drabi jgħaddu wisq bil-ħeffa għall-qagħda soċjali u ekonomika ġdida. Waqt li qiegħda tiżdied dejjem iktar l-importanza tagħhom soċjali kif ukoll politika, jidhru qishom mhux imhejjijin biżżejjed għad-dmirijiet ġodda tagħhom" (2).

● Studju dwar iż-żgħażagħ

Kull ma jmur, il-problemi taż-żgħażagħ qed jiġu diskussi fl-istampa u fil-mezzi l-oħra tal-kommunikazzjoni soċjali, u saru oġġett ta' riċerki u studji bir-reqqa ta' kittieba, soċjoloġi u leaders fl-oqsma reliġjużi u ċivili.

Saret ħaġa komuni li ħafna jinteressaw ruħhom minn dak li jaħsbu, igħidu u jagħmlu ż-żgħażagħ. Illum bosta qed jistaqsu, mhux

mingħajr tħassib, x'jista' jsir sabiex iż-żgħażagħ suoien u bniet, igħożżu iktar il-valuri spiritwali u jgħixu ħajja iktar onesta.

S'intendi l-problemi taż-żgħażagħ m'humiex ugwali u xorta waħda f kull żagħżugħ jew żagħżugħa; ħafna jiddependi mit-temperament, eta', sess, ambjent, edukazzjoni u kundizzjoni soċjali ta' l-individwu.

Pero' hemm ċerti problemi li huma komuni ftit jew wisq għaż-żagħżagħ kollha, problemi li qed nosservawhom f'pajjiżna wkoll, u għall-inqas dawn il-problemi jeħtieġ li **nistudjaw, niddiskutu** u **nsolvu,** jekk nixtiequ naraw iż-żgħażagħ tagħna henjin u fl-istess waqt fil-paċi m'Alla.

IT-TIENI PARTI

(A) TITWILA fir-RUĦ taż-ŻGĦAŻAGĦ

Imma ma jistax ikun li nifhmu liż-żagħżugħ modern u nkunu għalih ta' għajnuna, jekk ma nagħtux titwila lir-ruħ tiegħu u bla ma ninżlu f'ħafna dettalji psikoloġiċi, nistudjaw għall-inqas x'inhuma t-tħassib u x-xewqat tiegħu, l-emozzjonijiet u l-esiġenzi li huwa jħoss.

Nosservaw li ż-żagħżugħ, m'għadux iktar it-tifel ferrieħi, ħsiebu biss fil-ħwejjeġ tal-logħob, imma fl-istess ħin, għadu ma laħaqx raġel li jaf jiżen u jiddiċiedi l-affarijiet bilkalma.

Mit-Tfulija għall-Irġulija

Dan il-passaġġ mill-istat ta' tfulija għall-irġulija, din il-mixja lejn il-maturita' ta' l-individwu, dan il-proċess jew żvilupp ta' personalita' jġib miegħu konflitt ta' emozzjonijiet li xi drabi jista' jkun traġiku; ir-ruħ żagħżugħa tinsab aġitata mir-rwiefen ta' qawwiet interni li jistgħu jwasslu għall-għemejjel nobbli jekk l-individwu jagħraf jikkontrollahom, imma jistgħu wkoll iġibu rovina spiritwali jekk ikunu bla rażan u lġiem.

Hemm ħafna perikoli nterni u esterni li ż-żagħżugħ għandu jitgħallem jirbaħ jew jevita, imma hemm ukoll potenzjalita' ta' enerġija, ta' xewqat u idejat sublimi li ż-żagħżugħ għandu jiżviluppa għall-ġid tal-personalita' tiegħu u tas-soċjeta' kollha.

Dawn ir-riflessjonijiet li qegħdin nipproponulkom f'din l-ittra pastorali tagħna, nisperaw li jisfaw ta' ġid u għajnuna sewwa għaż-żgħażagħ, kif ukoll għall-edukaturi tagħhom, jiġifieri ġenituri, surmastrijiet u saċerdoti.

Għaliex dawk li għandhom responsabilità fl-edukazzjoni taż-żgħażagħ, sabiex jirnexxilhom jiggwidawhom bil-ħlewwa u bil-għaqal kollu, iridu jżommu kontinwament quddiem għajnejhom dan l-istat tar-ruħ żagħżugħa, din it-taqbida nterna, dan il-proċess ta' maturazzjoni (3).

Mill-banda l-oħra, "sabiex jitwettaq blaħjar mod il-proċess naturali ta' evoluzzjoni ta' l-adolexxenza, jeħtieġ li ż-żgħażagħ jagħ-

rfu u jifhmu l-kriżi li tkun titwettaq fihom, sabiex bil-qawwa tar-rieda tagħhom, jikkontribwixxu ħalli jissuperawha". (4)

(B) Il-PERSONALITA' taż-ŻGĦAŻAGĦ

F'din l-età, il-bniedem jibda jikkonċentra iktar fuqu nnifsu milli fuq l-affarijiet ta' madwaru u tibda tissawwar dik li nistgħu nsejħulha "personalità koxjenti ta' l-individwu".

- Huwa jibda janalizza u jifli ħsibijietu u xewqatu.
- Il-moħħ huwa mehdi f'introspezzjoni jiġifieri ż-żagħżugħ jibda jistudja lilu nnifsu u jħossu kburi li jaf u li jiflaħ iwettaq bosta ħwejjeġ.
- F'ċerti mumenti huwa egoista u ftit jimpurtah minn ħaddieħor.
- Joffendi ruħu jekk xi ħadd jittrattah ta' tfal jew jgħaddi xi rimarka fuqu.
- Fl-istess ħin huwa jixtieq jikseb suċċess fil-ħajja, u jixtieq li ħaddieħor jagħtih attenzjoni, jistmah u jurih simpatija.
- Minn xi daqqiet jiġri wkoll, li xi żgħażagħ jingħalqu fihom infushom u jaħbu f'qalbhom sigrieti u problemi li jkunu għalihom ta' turment kontinwu.
- Mhux rari li ssib teenagers li jbatu b' kumplessi ta' inferjorità, u għalhekk issibhom timidi u mistħija.

.Rispett lejh innifsu

Hija ħaġa tajba li jitrawwam fiż-żagħżugħ ir-rispett lejh innifsu (5) li bih huwa japprezza s-setgħat tal-ġisem u tar-ruħ tiegħu bħala don ġej minn Alla u jagħraf il-parti li għandu jwettaq fil-pjan tal-Providenza.

Ta' min jiftakar ukoll li sabiex iż-żgħażagħ jifthu qalbhom jeħtieġ li l-kbar jipprovaw

- jinżlu għal-livell tagħhom u
- jifhmuhom
- jirraġunaw u
- jiddjalogaw magħhom bl-onesta u bil-kalma
- u jittrattawhom bir-rispett u bil-ġentilezza.

"Il-fiduċja taż-żgħażagħ ma tintrebaħx bl-impożizzjoni jew bil-qawwa ta' l-awtorità, imma bil-komprenzjoni u t-tjubija". (6)

(C) Il-ĦBIBERIJA

Min-naħa l-oħra ż-żagħżugħ iħoss qawwija fih il-ħtieġa tal-ħbiberija, jixtieq li jkun popolari fost sħabu, għalih il-kumpanija ta' żgħażagħ oħra hija ndispensabbli.

Il-karattru taż-żagħżugħ jiddependi ħafna mill-grupp ta' ħbieb li jagħmilha magħhom. Mhux l-ewwel darba li żgħażagħ ta' ħajja tajba tħassru għal kollox imħabba l-iskandli ta' sħabhom.

Ħbiberija tajba

Mhux inqas veru mbagħad, li l-ħbiberija

sinċiera bejn żgħażagħ li għandhom idejali tajbin tista' tgħinhom ħafna sabiex jirbħu d-diffikultajiet tal-ħajja u jipperfezzjonaw ruħhom. Fiha nfisha, "il-ħbiberija bejn iż-żgħażagħ hija ħaġa qaddisa u sabiħa". (7)

Hija mportanti ħafna għalhekk l-għażla tal-ħbieb. L-edukaturi quddiem din l-għażla ma jistgħux jibqgħu ndifferenti, għad li jkun wisq iktar faċli li wieħed jipprevedi u jiskansa ż-żgħażagħ minn kumpanija perikoluża, milli jipprojbixxi u jaqta' ħbiberija li diġa' tkun rabbiet l-għeruq.

L-Għaqdiet: għajn ta' ġid.

Ta' min ifaħħar hawnhekk l-Għaqdiet Kattoliċi għall-ġid li jagħmlu f'dan il-kamp billi joffru liż-żgħażagħ okkażjoni li jiltaqgħu flimkien u jifformaw ħbiberiji tajba. Pero' l-Għaqdiet, biex jilħqu tabilħaqq il-għan tagħhom, hemm bżonn li ma jikkontentawx biss li jagħtu rikreazzjoni liż-żgħażagħ u jorganizzawlhom attivitajiet soċjali, imma jeħtieġ ukoll li jagħtuhom formazzjoni xierqa u jibnu fil-membri tagħhom karattru tajjeb.

Interess f'persuni ta' sess divers.

Ta' min jinnota wkoll li fl-età evolutiva, it-tfal li qed jikbru jibdew jinteressaw ruħhom f'persuni tas-sess l-ieħor, timbet ukoll għall-ewwel darba s-simpatija jew imħabba bejniethom. Dan huwa fenomenu naturali li għandu postu wkoll fil-pjan li Alla għamel

għall-bnedmin.

La darba ż-żgħażagħ subien u bniet, diġà qegħdin jiltaqgħu flimkien f'ħafna ambjenti, fil-postijiet tax-xogħol u tar-rikreazzjoni, huwa inutli li wieħed jipprova jżommhom mifrudin minn xulxin. Jeħtieġ però li tingħatalhom għajnuna biex jistgħu jiltaqgħu flimkien b'mod xieraq (8) possibilment mhux bogħod mill-ħarsa tal-ġenituri jew ta' nies responsabbli.

Jixraq ukoll li t-'teenagers' jitgħallmu jirrispettaw aħjar liż-żgħażagħ ta' sess divers. Huma għandhom ikunu jafu li:

— **l-imħabba hija ħaġa sagra**
u m'għandha qatt tiġi ipprofanata,

— **l-imħabba hija ħaġa serja,**
u m'għandha qatt tiġi moħlija għall-passatemp.

IT-TIELET PARTI

Xi PROBLEMI QUDDIEM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAL-LUM

I. Iż-ŻGĦAŻAGĦ u l-KRITIKA

Ix-xewqa tat-tagħlim li tinsab f'kull bniedem, tidher fil-milja tagħha fiż-żogħżija. Però ż-żagħżugħ ma jagħmilx bħat-tfajjel li jistaqsi u jikkuntenta b'kull tweġiba li jagħtuh. Mhux darba u tnejn li f'moħħu jitfaċċa d-dubju anke fuq veritajiet l-iktar fondamentali.

Iħobbu jikkritikaw

Ta' spiss imbagħad iż-żgħażagħ jikkritikaw dak li jisimgħu mill-kbar u josservaw fihom. Xi drabi din il-kritika tolqot ukoll l-idejat reliġjużi u morali kif ukoll l-istrutturi soċjali tal-ġenerazzjonijiet ta' qabel.

Flimkien ma' din it-tendenza li jikkritikaw, teżisti wkoll ix-xewqa li jirrivedu u jirriformaw — forsi wkoll radikalment — l-ambjent li fih igħixu u d-drawwiet tan-nies ta' madwarhom.

Kif għandha ssir il-Kritika?

Li wieħed jistaqsi u jikkritika mhux sinjal ta' injoranza, imma pjuttost sinjal ta' ntelliġenza vivaċi u ta' nteress serju. Però, li tikkritika skond il-verita' u l-ġustizzja, mhix ħaġa ħafifa, wisq u wisq inqas li tirriforma għat-tajjeb tradizzjonijiet u drawwiet qodma.

Għaliex tikkritika jfisser li bħal imħallef, tkun taf tagħżel

— il-veru mill-falz,
— it-tajjeb mill-ħażin,
— is-sabiħ mill-ikrah.

Dan jissoponi li wieħed ikollu kriterju jew qies li jista' jmexxih fil-ġudizzju tiegħu, jeħtieġ skala ta' valuri biex jagħraf:—

- dak li jiswa iżjed minn dak li jiswa inqas
- dak li huwa mportanti minn dak li mhux.

Mingħajr dan id-dawl, wieħed faċilment jiżbalja fil-kritika li jagħmel u fl-apprezzamenti tiegħu. U dan id-dawl jiġi mhux biss mill-esperjenza personali u ta' ħaddieħor, imma fuq kollox, mit-tagħlim reliġjuż, li jieħu f' konsiderazzjoni l-eżistenza umana u jagħti tweġiba sodisfaċenti għal tant mistoqsijiet li jittormentaw il-bniedem modern.

Jeħtieġ però tagħlim, li bla ma jbiddel xejn mis-sisien tal-veritajiet rivelati, ikun aktar addatat għall-mentalita' u għall-problemi taż-żgħażagħ tagħna.

Theddida għar-Reliġjon

Xi whud minnhom fi-istudju jew fl-ambjent tax-xogħol, iktar u iktar jekk isiefru barra minn gżiritna, jiltaqgħu ma' idejat u fehmiet kontrarji għat-tagħlim kattoliku, u għalhekk il-konvinzjonijiet reliġjużi tagħhom quddiem din it-theddida, iċedu, jidħlilhom iddubju u bil-mod il-mod jabbandunaw il-prattika tar-reliġjon.

Oħrajn, imbagħad, f'din is-sitwazzjoni, flok ma jċedu, jissaħħu iżjed fil-Fidi u fid-drawwiet tagħhom insara; dan wieħed jista' jittamah biss jekk il-Fidi ma tkunx ibbażata unikament fuq it-tradizzjonijiet tal-familja imma wkoll fuq ir-riflessjoni u l-persważjoni personali. (9)

X'jeħtieġu ż-Żgħażagħ?

Meħtieġ li ż-żagħżugħ jintebaħ bir-relazzjoni jew rabta li hemm bejn il-Fidi u l-ħajja tiegħu ta' kuljum. Meta żagħżugħ ikun fehem

hekk l-importanza tal-Fidi li jħoss li biss permezz tal-Fidi jista' jaffronta l-ħajja tiegħu, ikun ittieħed pass deċisiv, ikunu ġew imqegħda l-pedamenti ta' personalità nisranija. (10)

Jekk iż-żagħżugħ jeħtieġ iċ-ċertezza, ifittex li jkun jaf aħjar lil Ġesu' Kristu, li huwa "It-Triq, il-Verità u l-Ħajja" (11).

Jekk iż-żagħżugħ kattoliku jrid juża l-poter kritiku tiegħu jiftakar li l-kriteri tiegħu, m'għandhomx ikunu biss il-fehma tal-bnedmin jew l-evidenza tar-raġuni, imma wkoll il-prinċipji tal-Fidi li jħaddan. (12)

II SFRUTTAMENT taż-ŻGĦAŻAGĦ

Iż-żagħżugħ flimkien ma' dan l-ispirtu xettiku u iperkritiku, xi drabi juri wkoll "fanatiżmu ta' passjoni u ostinazzjoni li jemmen u jħobb dak li jolqtu bħala ħaġa sabiħa u sentimentali". (13) Xi żgħażagħ jaċċettaw passivament bla ma joqogħdu jiflu t-tajjeb mill-ħażin, u bla ma jużaw ebda kritika, dak li jaqraw u dak li jilmħu fuq l-iscreens tas-cinema u tat-television.

≋ Iż-Żgħażagħ sfruttati.

Mhux l-ewwel darba li nies bla ebda skruplu, sfruttaw din id-dispożizzjoni fiż-żgħażagħ, u bil-għan li jagħmlu profitti, ippreżentawlhom ħwejjeġ li jlellxu, oġġetti u divertiment sensazzjonali, li jista' jikkompromettu l-kuxjenza tat-teenager.

"Il-qawwa ta' suġġestjoni ta' dawn il-

mezzi moderni", igħallimna l-Konċilju Vatikan II, "tista' tkun ħaġa kbira, li l-bnedmin, speċjalment jekk ma jkunux ippreparati, difiċilment jistgħu jintebħu biha, jirreżistuha u jekk ikun meħtieġ, jikkumbattuha". (14)

≋ Qiegħ minn fuq iż-żgħażagħ

"Hemm ħafna nies li qegħdin jagħmlu business li jħalli ħafna qliegħ u jikkapparraw il-flus mingħand iż-żgħażagħ inġenwi, billi jisfruttaw il-vanità u l-għatx taż-żgħażagħ għall-ġid u għall-pjaċiri, billi jużaw il-mezzi moderni ta' propaganda — karti, kotba, magazines, cinema, radju u television. M'hemm ebda dubju li ħafna mir-reklami li jsiru huma diretti għaż-żgħażagħ". (15)

≋ PROTESTA

Jeħtieġ li ngħollu l-leħen tagħna ta' protesta kontra din il-għamla ta' esplojtazzjoni tal-bniedem modern, kontra dan l-isfruttament minn fuq dahar iż-żgħażagħ. Inutli li noqogħdu ngorru kontra l-immoralità' taż-żgħażagħ, jekk huma proprju l-kbar li għal għanijiet ta' qliegħ, jorganizzawlhom okkażjonijiet ta' divertiment perikoluż u li jħassrulhom il-kostumi tagħhom.

≋ Jeħtieġ l-għaqal fiż-żgħażagħ

Imbagħad f'dan il-kamp ukoll, iż-żgħażagħ għandhom jidraw iħaddmu s-setgħa

tagħhom ta' kritika, jeħtieġ li jkunu għaqlin biżżejjed sabiex kif igħarfu ikel bnin minn ikel avvelenat, hekk ukoll ikunu jafu jiflu l-qari u l-films sabiex

— iżommu s-sewwa u jwarrbu l-qerq,
— iħobbu s-sabiħ u jaħarbu l-kruha,
— isegwu dak li huwa rett u jevitaw l-immoralità.

Iż-żgħażagħ "ifittxu li jiżnu dak li jaqraw, jisimgħu u jaraw, u wara li jiddiskutuh mat-teachers u ma' persuni kompetenti, jitgħallmu jifformaw ġudizzju rett". (16) Għal dan il-għan jistgħu jiswew ħafna l-film forums jew cine-forums, li fihom iż-żgħażagħ taħt it-tmexxija ta' l-edukaturi tagħhom, jitgħallmu jikkritikaw u jiġġudikaw il-films, mhux biss mil-lat estetiku, imma wkoll mil-lat morali.

III Iż-ŻGĦAŻAGĦ u l-LIBERTA'

Don ieħor li Alla ta lill-bniedem huwa dak tal-liberta', u x-xewqa tagħha tibda tinħass b'mod karatteristiku fiż-żogħżija.

L-għatx ta' l-Indipendenza

Iż-żgħażagħ, biex jaffermaw il-personalità tagħhom, jixtiequ jkunu ndipendenti, ma jridux min jindaħlilhom u min jiċċensurahom. Jidhrilhom li għandu jkollhom rajhom f'idejhom u ftit huma l-ġenituri li fit-trobbija ta' wliedhom ma ltaqgħux ma' din is-sitwazzjoni.

Fiż-żmien tal-lum, dan il-għatx ta' indipendenza, ħa għamla ta' ribelljoni, u għalhekk nosservaw li f'ħafna pajjiżi, iż-żgħażagħ, speċjalment l-universitarji, qed jieħdu atteġjament ta' protesta u kontestazzjoni quddiem l-awtoritajiet.

Edukazzjoni għal-libertà

Però l-libertà ma tfissirx li tista' tagħmel kappriċċik jew kull ma jfettillek; imma li tkun ħieles li twettaq dak li huwa tajjeb.

Dak li jeħtieġu llum iż-żgħażagħ, huwa fuq kollox edukazzjoni għal-libertà vera. Jekk il-bniedem għandu d-drittijiet tiegħu, li huwa jista' jgawdi bil-libertà kollha, għandu wkoll xejn inqas dmirijiet lejn Alla, lejh innifsu u lejn is-soċjetà, li tagħhom għandu jħossu responsabbli.

Sens ta' RESPONSABILITA'

F'persuna matura għalhekk, il-libertà m' hija qatt mifruda mis-sens ta' responsabilità.

Iż-żagħżugħ nisrani jeħtieġ li jkollu kuxjenza ifformata tajjeb biżżejjed sabiex iħoss li bħala membru tas-soċjetà umana, u bħala iben t'Alla:—

- hemm ċerti ħwejjeġ li ma jixirqux liddinjità tiegħu u għaldaqstant m'għandu qatt jagħmilhom,
- hemm oħrajn li jekk ma jagħmilhomx ikun qed jonqos.

"Jekk iż-żagħżugħ iħoss ir-reliġjon u l-

moralità bħala xkiel u impożizzjoni, il-fidi tiegħu tkun minaċċjata. Huwa m'għandux iħares lejn il-moralità nisranija bħala oppressjoni, imma bħala perfezzjonament ta' dak li hemm tajjeb fih. L-edukazzjoni morali għandha dejjem tkun marbuta mal-kuxjenza". (17)

IV Il-JASAR tal-VIZZJU

Iż-żgħażagħ għandhom jitgħallmu jgħożżu l-libertà u jikkumbattu kull forma ta' jasar. Issa bla dubju ta' xejn, il-bniedem li ma jafx jikkontrolla u jrażżan il-passjonijiet u l-ġibdet tiegħu, huwa lsir tiegħu nnifsu.

● Baħar imqalleb

Fiż-żogħżija jinħassu fl-aqwa tagħhom ċerti emozzjonijiet bħalma huma:

- l-imħabba u l-mibgħeda,
- il-kuraġġ u l-biża',
- it-tama u l-qtiegħ il-jies,
- il-ferħ u s-swied il-qalb.

Xi drabi r-ruħ żagħżugħa tkun bħal baħar imqalleb milqut mill-qawwa ta' dawn l-irwiefen. Hawn iż-żagħżugħ jeħtieġlu juri għaqal u qlubija biex ma jħallix li jiġi mkaxkar minn dawn il-ħalel u jitbiegħed mit-trieq it-tajba.

● Edukazzjoni Sesswali tajba

Fost dawn il-qawwiet, iż-żagħżugħ iħoss

fih l-istint sesswali, li jġib miegħu kurżitajiet, turbament intern u tentazzjonijiet. "Iddiffikultajiet morali ta' l-adolexxenza, ikomplu jikbru jekk ma jkunx hemm edukazzjoni sesswali sana". (18)

● Piju XII

Filwaqt li kif igħallem il-Papa Piju XII, "meta jiġu murija minn ġenituri, fil-ħin eżatt, bi prudenza u bil-ħsieb li hu meħtieġ, il-liġijiet misterjużi u tal-għaġeb tal-ħajja jiġu milqugħa bil-qima u jdawlu l-moħħ b'inqas perikolu minn meta wliedkom jitgħallmuhom bil-ħabi, minn xi ħbieb ħżiena jew minn qari ħażin li huma aktar perikolużi u ta' dannu għax il-ħabi jixgħel il-fantasija u jħawwad is-sensi". (19)

● Il-Konċilju Vatikan II

Il-Konċilju Vatikan II, jagħti l-istess twissija: "Iż-żgħażagħ għandhom jiġu istruwiti b'mod xieraq, fuq id-dinjità ta' l-imħabba konjugali, fuq it-twettiq u l-espressjonijiet tagħha; wisq aħjar jekk din l-istruzzjoni tingħata fi ħdan il-familja; hekk wara li jkunu ġew ifformati fl-istima tal-kastità, iż-żgħażagħ jistgħu jgħaddu kif imiss mill-għerusija onesta għaż-żwieġ". (20)

Jidhrilna li għandna ninsistu fuq dan l-obbligu tal-ġenituri, speċjalment meta wliedhom ikunu waslu biex joħorġu mid-dar biex imorru jaħdmu fil-fabbriki jew f'hotels, biex

isiefru jew biex jieħdu l-istat tagħhom.

● **Il-problema tas-safà : problema tal-volontà**

Però jkun jitqarraq min jaħseb li bl-istruzzjoni biss tiġi maħlula l-problema tas-safà fiż-żgħażagħ; huwa meħtieġ fuq kollox li tiġi msaħħa r-rieda tagħhom. Anke jekk l-istruzzjoni tkun eżatta, delikata u korretta, dan xejn ma jiswa jekk iż-żagħżugħ ma jkollux rieda qawwija li jagħmel it-tajjeb u li jaħrab dak li huwa ta' perikolu.

Mill-aspett naturali, il-problema tas-safà huwa fuq kollox problema tal-volontà. (21) Biex ir-rieda tissaħħaħ fit-tajjeb, iż-żagħżugħ għandu:—

1) jidra minn kmieni jirbaħ lilu nnifsu anke fi ħwejjeġ żgħar,
2) iżomm l-ordni u l-puntwalità,
3) ikun kapaċi jiċċaħħad minn xi gosti jew kapriċċi tiegħu jekk id-dmir jitlob xort'oħra,
4) jimxi f'kollox bil-moderazzjoni
5) u jaħseb x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi ta' kull **għemil tiegħu.**

Ma' dawn il-mezzi naturali, iż-żagħżugħ nisrani jirrikorri wkoll għall-mezzi soprannaturali, bħalma huma:—

- it-Talb,
- it-Tqarbin ta' spiss,
- il-Qrar u d-direzzjoni spiritwali, biex hekk jikseb ukoll il-qawwa li tiġi mill-grazzja t'Alla.

● **Ir-rispett uman**

Barra mit-tirannija tal-passjonijiet, hemm ukoll it-tirannija ta' l-opinjoni ta' l-oħrajn, li ż-żagħżugħ għandu jitgħallem jirbaħ, jekk irid, il-vera libertà. Mhux l-ewwel darba li, ħtija tar-rispett uman għax jibża' mill-ġudizzju ta' l-oħrajn, kemm-il żagħżugħ ħalla d-dmirijiet tiegħu u tgerbeb fil-vizzju.

Kull wieħed minnhom għandu jkollu karattru sod biżżejjed biex jimxi fuq dak li tgħidlu l-kuxjenza retta, anke meta l-bnedmin ta' madwaru ma japprovawx jew jeħduha kontra tiegħu.

● **Qawwa ta' karattru**

Kull żagħżugħ jixtieq li jkun rebbieħ u qawwi; però m'hemmx qawwa ikbar minn dik li tiġina mill-għajnuniet li toffrilna r-Reliġjon nisranija, m'hemmx rebħa ikbar mill-kontroll tagħna nfusna u l-indipendenza mill-ġudizzji tad-dinja.

Dil-qawwa ta' karattru hija meħtieġa wkoll sabiex iż-żagħżugħ iżomm l-ekwilibriju bejn żewġ estremi u jibqa' sod quddiem l-irjieħ kuntrarji li jaħbtu fuqu.

Difatti nosservaw li kważi kull żagħżugħ ibati b'ċerti burdati:

— hemm mumenti ta' ottimiżmu, u mumenti ta' pessimiżmu,
— xi daqqiet kollu ferħ u entużjażmu u daqqiet oħra b'jiesu maqtugħ,
— ħin li fih jidher kollu enerġija,

jfittex l-avventura u attiviżmu;
u ħin li fih donnu jaqa' f apatija u m' għandu kont ta' xejn.

V ĦOLM iż-ŻOGĦŻIJA

— Joħlom b'għajnejh miftuħa

Xi drabi t-teenager iħalli timraħ il-fantasija tiegħu u joħlom b'għajnejh miftuħa anke fid-dawl tal-jum. Huwa jgħix f'dinja immaġinarja u mhux dejjem jaf jagħżel bejn dak li huwa ħolm u dak li hu realtà.

L-immaġinazzjoni għandha wkoll is-siwi tagħha fil-ħajja tagħna u jekk wieħed jikkontrollaha u jikkoltivaha sewwa, tipproduċi ħwejjeġ sbieħ. Il-kreazzjoni artistika, ix-xogħolijiet tal-litteratura u tas-snajja jafu l-bidu tagħhom għall-ispirazzjoni li tixgħel fil-fantasija.

Huwa meħtieġ ukoll li ż-żgħażagħ ikollhom ideal li jgħixu għalih.

Però jiġri li fiż-żgħożija jinħela ħafna żmien prezzjuż għaliex wieħed jintilef fil-ħolm u fil-fantasija u ma jieħux bis-serjetà x-xogħol li jkollu f'idejh. Jista' jkun ukoll li dal-ħolm mhux għajr għamla ta' ħarba middmirijiet tal-ħajja.

— Tajjeb li jkun realista

Tajjeb li wieħed jitgħallem ikun realista u jara l-fatti kif inhuma bla ma jkabbar jew iċekken. Hekk biss jista' jfassal programm

xieraq għall-ġejjieni tiegħu.

F'din l-età, it-teenager għandu jaħseb bisserjetà kollha fuq il-missjoni li Alla jridu jwettaq matul ħajtu; għandu jieħu ż-żmien, jirrifletti, jitlob u jieħu parir biex jagħmel sewwa l-għażla tal-istat tiegħu.

Biex ma jkunx diżorjentat fil-ħajja, u 'l quddiem ma jiddispjaċihx li ħa deċiżjoni żbaljata, iggwidat mill-edukaturi tiegħu, it-teenager irid jiżen sewwa l-kapaċitajiet tiegħu u t-talenti li bihom Alla żejnu, imbagħad jiddeċiedi dwar il-karriera jew professjoni li għaliha jħossu msejjaħ.

VI L-ATTIVIŻMU fiż-ŻGĦAŻGĦ

≋ Ħtieġa ta' l-attività

Neċessità oħra taż-żgħażagħ hija l-attività. F'ċerti mumenti huma jkollhom enerġija u dinamiżmu, jivvintaw xi ħaġa x'jagħmlu, jew imiddu idejhom għal xi xogħol li jogħġobhom, jed jedhew f'xi hobby, inkella jagħtuha għallisports u divertimenti oħra.

Fl-attività jsibu l-hena tagħhom, mentri għalihom l-ikbar kastig li joqogħdu ma jagħmlu xejn.

Fl-istess ħin, m'hemmx ħaġa iktar ta' ħsara għall-karattru u għall-moralità taż-żgħażagħ mill-għażż, li bir-raġun kollu jissejjaħ missier il-vizzju.

≋ Opportunitajiet għaż-żgħażagħ

F'soċjetà organizzata tajjeb għalhekk, iż-żgħażagħ li għandhom dispożizzjoni għall-istudju, għandu jkollhom ċans li jitgħallmu anke fi skejjel superjuri bħall-università u polytechnic, filwaqt li dawk li jippreferixxu x-xogħol manwali, għandha tingħatalhom opportunità li jsibu mpjieg igħodd għalihom. Din hija responsabilità kollettiva li qatt ma nistgħu ninsistu fuqha biżżejjed.

≋ Il-Valur ta' l-Isports

Hemm bżonn li nagħrfu wkoll il-valur edukattiv ta' l-isports li barra milli jiswew għas-saħħa tal-ġisem, iżommu ż-żgħażagħ mehdijin, iqawwu l-volontà tagħhom, jagħtuhom sens ta' dixxiplina u jagħmluhom soċjevoli.

Hemm bżonn li nirrikonoxxu d-dritt li għandhom iż-żgħażagħ għal rikreazzjoni onesta u divertiment xieraq; huwa dmir għalhekk tas-soċjetà li tipprovdi lokal deċenti, fejn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jsibu mistrieħ wara l-ħin tax-xogħol jew ta' l-istudju u mingħajr preġudizzju għall-moralità tagħhom.

≋ L-Apostolat

Attività oħra li meta tkun ippreżentata tajjeb għandha tħajjar ukoll liż-żgħażagħ, hija l-apostolat. Dwar din il-ħidma, il-Konċilju Vatikan II igħid: "Aktar ma tiżviluppa

fihom il-kuxjenza tal-personalità tagħhom (taż-żgħażagħ) imħeġġin mill-ħerqa tal-ħajja u mill-abbundanza ta' l-enerġija tagħhom, aktar jerfgħu r-responsabilità tagħhom u jixtiequ li jieħdu posthom fil-ħajja soċjali u kulturali. Dan iż-żelu mħeġġeġ mill-ispirtu ta' Kristu u mill-ubbidjenza u mħabba lejn irrgħajja tal-Knisja jqanqal tamiet ta' frott l-aktar abbundanti.

Huma għandhom isiru l-ewwel appostli taż-żgħażagħ billi jwettqu bejniethom l-apostolat waqt li jżommu quddiem għajnejhom l-ambjent soċjali li jgħixu fih." (22)

GĦADNA FIL-ĦIN ? ? ?

Minn dal-kwadru taż-żogħżija li għandna quddiemna, ninnotaw li għad li hemm bosta ħwejjeġ li jħassbuna, imma mhux ilkaż li naqtgħu qalbna. Hemm ħafna elementi fiż-żgħażagħ li huma tajbin u jistħoqqilhom tifħir.

Jekk irridu, għadna fil-ħin sabiex insalvaw iż-żgħażagħ tagħna. Bil-kollaborazzjoni tagħhom u tagħna, jista' jsir ħafna biex noholqulhom kondizzjonijiet ta' ħajja iktar onesta u iktar ferħana.

IR-RABA' PARTI

S E J Ħ A

I LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Fis-siegħa ta' l-agunija tiegħu, Ġesu',

minn fuq is-salib, mar jagħżel appostlu żagħżugħ, San Ġwann l-Evanġelista sabiex jafdalu teżor li kellu, 'l Ommu Marija Santissima. (23) Fis-siegħa tan-niket tagħha, il-Knisja wkoll iddur lejkom iż-żgħażagħ sabiex tafdalkom it-teżori tagħha, **ta' tagħlim,** biex intom tgħożżuh, u ta' **opri karitattivi** biex intom tkompluhom f'isimha.

(A) Agħrfu x'intom

- **Intom** li ser tirċievu l-fjamma minn idejn ta' qabilkom u ser tgħixu fid-dinja, fi żmien ta' tibdiliet l-iktar enormi li qatt twettqu fl-istorja.
- **Intom** li ser tifformaw is-soċjetà ta' għada, wara li tkunu ħadtu l-aħjar mill-eżempju u t-tagħlim tal-ġenituri u l-għalliema tagħkom.

ISSA JEW ISSALVAW LILKOM INFUSKOM MA' DIN IS-SOĊJETA' JEW TINQERDU MAGĦHA". (24)

- **Intom,** żgħażagħ li tfittxu l-verità ftakru li fit-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja, tinsab il-kelma tas-sewwa li twassal għall-ħajja ta' dejjem.
- **Intom** li tafu tkunu ġeneruż u qalbiena, ħarsu madwarkom u araw kemm sofferenzi fiha d-dinja, kemm bnedmin madwarkom huma inqas ixxurtjati minnkom.

JEKK TITQANQLU MILL-ĦNIENA U TMIDDU IDEJKOM BIEX TGĦINUHOM, DAN JISFA GĦALIKOM GĦAJN TA' FARAĠ

U FERĦ SPIRITWALI.

(B) Agħrfu kif għandkom tkunu

- Kunu rikonoxxenti lejn Alla li żejjinkom b'tant doni sbieħ, l-intelliġenza, il-libertà, is-saħħa tal-ġisem, il-vokazzjoni nisranija.
- Kunu rikonoxxenti wkoll lejn il-ġenituri tagħkom, li bid-difetti tagħhom kollha, iħobbukom daqs dawl għajnejhom u jridu l-feliċità tagħkom.
- Tħallux li l-ideali tagħkom ikunu biss xi mpjieg fis-soċjetà jew xi dar komda, imma ħarsu iktar il-fuq, fittxu li jkollkom post xieraq fis-saltna ta' Kristu.

Mal-Qaddis Appostlu tagħkom San Ġwann Bosco, ngħidilkom: "Beati intom iż-żgħażagħ, li għandkom quddiemkom ħajja twila u tisttgħu tagħmlu ħafna ġid."

II LILL-ĠENITURI

1) Ipprovaw **ifhmu aħjar** lil uliedkom fi żmien diffiċli taż-żogħżija tagħhom; inkoraġġuhom fit-tajjeb tagħhom; agħdru nuqqasijiethom; ftakru li ċerti żbalji tagħhom, kienu forsi jistgħu jevitawhom kieku intom ftaħtulhom għajnejhom fil-ħin.

2) **Irrispettaw** id-dinjità tagħhom, la tittrattawhomx ta' tfal, imma fittxu li tikkonvinċuhom bil-kelma għaqlija tagħkom u fuq kollox bl-eżempju tajjeb li tagħtuhom.

3) La tonqsux li **tippreparawhom għall-**

ħajja u tedukawhom għall-imħabba. Il-grazzja ta' l-istat, tweżinkom sabiex twettqu magħhom din il-missjoni delikata.

4) La tillimitawx bla bżonn il-libertà tagħhom. Meta hemm fin-nofs **il-vokazzjoni** ta' wliedkom, tħarsux lejn l-interessi tagħkom, imma aċċettaw ir-rieda t'Alla u ħallu liż-żgħażagħ isegwu s-sejħa tagħhom.

5) Jekk xi ħadd minn uliedkom ikun wasal biex jiddeċiedi dwar l-għażla ta' sieħeb jew ta' sieħba fil-ħajja, dawluh bil-**parir** tagħkom, imma tindaħlux iżżejjed; ftakru li m'għandkom ebda jedd timponu l-għażla tagħkom.

III LILL-EDUKATURI

1) Jekk it-tagħlim tal-materji tal-iskola għandu l-importanza tiegħu, imma hija wisq importanti l-**formazzjoni tal-karattru** tal-istudenti u l-preparazzjoni għall-ħajja fis-soċjetà.

2) Fittxu li tirbħu l-fiduċja taż-żgħażagħ, sabiex ikun hemm veru **djalogu** bejnkom u bejnhom. Hekk huma jitgħallmu mill-esperjenza tagħkom u intom tibbenifikaw mill-ferħ u l-entużjażmu ta' żogħżithom.

3) Qisu li tkunu **koerenti** f'ħajjitkom, hekk li t-twissijiet li tagħtuhom ikunu jaqblu mal-imġieba tagħkom sewwa fl-iskola kif ukoll barra mill-iskola.

4) Uruhom kif ir-**reliġjon** nisranija, mhix xi ħaġa li toħnoq il-libertà tal-bniedem, imma hija għajn ta' konsolazzjoni, għax twasslilna

l-messaġġ ta' ferħ ta' Kristu u **tnisslilna l-paċi** tal-kuxjenza.

5) Ipprotieġu liż-żgħażagħ mill-insidji li jsiru kontra l-virtu' tagħhom. Kunu intom li **tiggwidawhom** fil-għażla tal-kotba u tar-rivisti li jaqraw. F'kelma waħda, tinsewx li quddiem il-Knisja u quddiem il-ġenituri, intom dħaltu għar-responsabilità ta' l-edukazzjoni u tal-formazzjoni ta' dawn iż-żgħażagħ.

IV LIS-SAĊERDOTI

1) Nipprovaw **nitgħallmu** aħjar il-**psikoloġija taż-żgħażagħ**, mhux biss b'mod ġeneriku, imma wkoll billi nistudjaw kif jirreaġixxu għal ċerti sitwazzjonijiet skond l-età, it-temperament u l-ambjent soċjali tagħhom.

2) Nieħdu iktar interess fl-inizjattivi li jsiru miż-żgħażagħ u għaż-żgħażagħ, bħalma huma inkjesti u **attivitajiet kulturali** u **rikreattivi.**

3) **Fil-predikazzjoni** tagħna, b'mod partikolari fl-omelija tal-ħdud, kif ukoll fil-kuntatti personali li jkollna magħhom, infittxu li ngħidu kelma ta' ġid li tolqot liż-żgħażagħ.

4) Jeħtieġ li nagħtu mportanza kbira lill-Qrar u d-**direzzjoni spiritwali taż-żgħażagħ.** Però "wieħed m'għandux jinsa li llum, ħafna drabi, l-iżbalji sesswali taż-żgħażagħ ikunu ġejjin minn diffikultajiet morali u fiżiċi, kif ukoll minn ċirkustanzi li tagħhom m'humiex padruni; mhux il-każ għalhekk li wieħed iċanfarhom iebes, imma li wieħed igħinhom b'atteġġjament kollu komprensjoni". (25)

5) Innisslu fihom ix-xewqa tat-**Tqarbin** magħmul bid-devozzjoni u regolarment, għax min tgħallem igħix bl-Ewkaristija għandu l-ħajja spiritwali garantita.

6) Fl-Ewkaristija fiimkien mal-Qima sinċiera lejn il-**Madonna**, il-Qaddisin Appostli taż-żgħażagħ sabu mezzi l-iktar effikaċi għall-formazzjoni nisranija tagħhom.

7) Nikkultivaw b'mod speċjali dawk li għandhom kwalitajiet ta' leadership, għax dawn jeħtieġ li jkunu **appostli fost l-oħrajn.**

8) Inpoġġulhom quddiem għajnejhom **ideali sbieħ** u nnisslu fihom konvinzjonijiet qawwija, hekk li huma jħossu l-kobor u s-sbuħija tal-Fidi mibnija fuq Kristu u l-kelma tiegħu. (26)

GĦELUQ

RAKKOMANDAZZJONIJIET OĦRA

Il-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni dwar il-liturġija jgħallem: "Għandu jiġi muri iktar ċar sewwa fil-Liturġija kif ukoll fil-katekeżi liturġika, l-aspett doppju tar-Randan, li fuq kollox permezz tat-tifkira u t-thejjija għall-Magħmudija, u permezz tal-penitenza jiddisponi l-fidili għaċ-ċelebrazzjoni tal-Misteru ta' l-Għid, bis-smiegħ iktar frekwenti tal-Kelma t'Alla, u bit-talb iżjed imħeġġeġ". (27)

Nistiednu għal-hekk lill-fidili kollha speċjalment iż-żgħażagħ, sabiex jisimgħu bl-at-

tenzjoni u bil-ġabra kors ta' Eżerċizzi Spiritwali, u tkun ħaġa mill-isbaħ jekk ikollhom okkażjoni jagħmlu ftit ġranet ta' rtir bil-magħluq.

F'waħda mill-ġranet tar-Randan, bħala tifkira tal-Magħmudija, nixtiequ li pubblikament fil-knejjes jew għall-inqas fil-privat, jiġi rreċitat bil-qima, il-Kredu tal-Poplu t' Alla, ifformulata mill-Q.T. il-Papa Pawlu VI, u wara jsir it-tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija. Dan jista' jsir bħala parti mill-funzjoni tal-konklużjoni ta' l-Eżerċizzi.

Jixraq ukoll li f'dan iż-żmien qaddis, jinżamm Servizz Penitenzjali kif inhu deskritt fir-Ritwal Malti paġ. 405.

Sabiex nissodisfaw l-obbligu li għandna li nagħmlu penitenza f'dan iż-żmien tar-Randan, ma nikkontentawx biss bis-sawm u l-astinenza li llum bl-aħħar riformi tal-Liġijiet tal-Knisja, ġew ridotti ħafna, imma kulħadd skond kemm jippermettulu saħħtu u l-kondizzjonijiet tiegħu, iżid ukoll opri tajba oħra, bħalma huma pellegrinaġġi għas-santwarji tal-Madonna, l-eżerċizzju tal-Via Crucis, u l-Via Matris, l-elemożina u l-għajnuna lill-Opri Soċjali u Edukattivi tal-Knisja, kif ukoll għemejjel oħra ta' ħniena kif trid minna l-Karità Nisranija.

9 ta' Frar, 1969.

REFERENZI

(1) Enċiklika: "Militantis Ecclesiae", (1-8-1897).
(2) Digriet: "Apostolicam Actuositatem" n. 12.
(3) Alex A. Schneiders: "Adolescence and the challenge of maturity", p. vii
(4) L. Guarnero: "Iniziazione alla Psicologia", pag. 81.
(5) Dr. Toth Tihamer: "L'educatore Spirituale del Giovani", pag. 72.
(6) P. Dufoyer: "La psicologia degli Adolescenti", p. 148 (6).
(7) D. Giov Barra: "Purezza e amore" pag. 115
(8) Ittra ta' l-Episkopat Tedesk, 8 ta' Novembru, 1964, n. 13.
(9) P. Dufoyer. Op. Cit. pag. 141.
(10) Pfliegler: "Der rechte Augenblick" pag. 82.
(11) Ev. S. Ġwann kap. 14 vers 6.
(12) Directoire de pastorale catechetique a l'usage des dioceses de France n. 107, 108.
(13) L. Guarnero op. cit. pag. 78.
(14) Digriet "Inter Mirifica" n. 4.
(15) Rev. R. Pepper: "Young People Today" pag. 6.
(16) Inter Mirifia n. 10.
(17) W. Demal "Pastoral Psychology in Practise", p. 99.
(18) P. Dufoyer. Op. Cit. pag. 100.
(19) Diskors lill-ġenituri u lit-teachers. 26 ta' Ottubru 1941.
(20) Kostituzzjoni "Gaudium et Spes" n. 49.
(21) D. Silvio Riva: "Il problema della Purezza", p. 19.
(22) Digriet: "Apostolicam Actuositatem" n. 24.
(23) Ev. S. Ġwann, Kap. XIX, versi 25-27.
(24) Messaġġ ta' l-Isqfijiet tal-Konċilju liż-żgħażagħ.
(25) Ittra ta' l-Episkopat Tedesk tat-8 ta' Novembru 1964, n. 16.
(26) M. Pflieger: "Pastoral Theology", pag. 222.
(27) Kostituzzjoni: "Sacrosanctum Concilium" n. 108.

It-tiġdid liturġiku meta jkun magħmul f' waqtu u bil-prudenza meħtieġa, iwassal linnisrani biex jagħraf iktar ċar is-sbuħija tar-Reliġjon Imqaddsa tagħna u jgħix aħjar il-ħajja nisranija. Din il-verità jistqarrha l-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija, fejn igħid: "Biex il-poplu nisrani jkun aktar żgur li jaqla' kotra ta' grazzji mil-liturġija mqaddsa, Ommna l-Knisja Mqaddsa tixtieq li bil-għaqal tagħmel tiġdida ġenerali tal-liturġija.

"Għaliex il-liturġija hi magħmula minn parti li ma titbiddilx għax imwaqqfa minn Alla, u minn partijiet li jistgħu jitbiddlu, li matul iż-żminijiet jistgħu jew għandhom jiġu mibdula, jekk fihom ikunu daħlu xi ħwejjeġ li

ma jaqblux ħafna man-natura proprja tal-liturġija nfisha, jew ma baqgħux addattati ħafna.

"Dan it-tiġdid jikkonsisti filli t-testi u r-riti jiġu rranġati biex b'hekk juru b mod aktar ċar il-qdusija li jridu jfissru u l-poplu nisrani, kemm hu possibbli jkun jista' jifhimhom malajr u jieħu sehem b'ċelebrazzjoni sħiħa, ħajja u kommunitarja". (1)

● **Tiġdid tal-Quddiesa**

Wieħed mill-effetti sbieħ li huwa mistenni minn dan it-tiġdid huwa dak li l-Quddiesa tiġi apprezzata iżjed mill-Poplu t'Alla li jħossu miġbud aktar minn qabel biex jieħu sehem fiha bid-devozzjoni li tixirqilha. Il-Q.T. il-Papa Pawlu VI esprima wkoll din l-opinjoni meta kiteb: "Hija t-tama ħerqana tagħna li t-tiġdid tal-Liturġija Mqaddsa jġib miegħu frottijiet abbundanti fil-pjeta' ewkaristika". (2)

Dehrilna, għalhekk, li mhux barra minn loku, li llum meta qegħdin nithejjew għallaħħar tibdiliet fil-Quddiesa, nieħdu l-okkażjoni mill-Kungress Ewkaristiku Liturġiku, li qed jiġi ċċelebrat fid-djoċesi tagħna, sabiex inkellmukom fuq is-Sagrifiċċju ta' l-artal, sewwa f'dak li hu fih innifsu kif ukoll dwar il-mod li bih għandna nikkorrispondu ma' dan l-att sublimi tar-Reliġjon Imqaddsa tagħna.

L-EWWEL TAQSIMA

A) IS-SAGRIFIĊĊJU tal-QEDEM

Ma nistgħux nifformaw ideja ċara tal-

Quddiesa, jekk qabel ma nkunux fhimna sewwa x'inhuwa s-sagrifiċċju u l-post li għandu fil-qima lejn Alla.

X'inhu s-"Sagrifiċċju"?

Peress illi l-bniedem mhux ruħ biss, imma ruħ u ġisem, iħoss il-ħtieġa li jagħti qima lil Alla anke minn barra u b'mod li jidher. Għalhekk sa mill-qedem u fir-reliġjonijiet kollha, insibu li l-bniedem jirrikorri għas-sagrifiċċji sabiex bihom jagħti xhieda tad-devozzjoni li għandu lejn il-Ħallieq.

Mhux biss fost il-poplu t'Alla, imma wkoll fost ġnus oħra, kienet teżisti d-drawwa li joffru 'l Alla ikel u frottijiet u saħansitra bhejjem. Kif fost il-ħbieb wieħed juri mħabbtu u r-rispett tiegħu lejn l-ieħor billi jagħtih xi rigali, hekk ukoll il-bnedmin ta' l-età primittiva, bl-offerta tas-sagrifiċċju riedu juru mħabbithom lejn Alla.

Il-Vittma

Barra minn hekk, il-vittma ,ħafna drabi fis-sagrifiċċju kienet tiġi meqruda jew maħruqa, sabiex b'dan il-mod min joffriha jistqarr ir-rinunzja jew ċaħda tiegħu nnifsu quddiem il-majestà t'Alla.

Dan kollu kien sinjal minn barra. Ir-rigal ta' l-offerta kien jidher fiok il-bniedem li joffrih. It-tifsir ta' l-azzjoni tas-sagrifiċċju hija l-għotja jew id-dedizzjoni tal-ħajja u l-ispirtu tal-bniedem lill-Mulej, sid assolut tiegħu.

Is-Sagrifiċċju: Att Soċjali

Is-sagrifiċċju huwa wkoll att soċjali għaliex jiġi offert mhux biss f'isem bniedem wieħed, imma f'isem is-soċjetà shiha, bħal ma hija l-familja jew pajjiż, popolazzjoni ta' belt jew pajjiż.

Iżjed ukoll, ħafna drabi s-sagrifiċċji kienu jintemmu b'ċena li fiha jipparteċipaw dawk kollha li jkunu preżenti għas-sagrifiċċju billi jieklu sehemhom mill-vittma, u dana l-ikel kien jiġi kkunsidrat qisu ġej minn idejn Alla, imqaddes minnu u tajjeb sabiex iwassal lil dawk li jduquh għall-qdusija, għall-għaqda ikbar ma' Alla kif ukoll għall-unjoni jew għaqda ishaħ bejniethom. (3)

Fit-Testment il-Qadim

Is-sagrifiċċji tal-poplu t'Alla huma reġistrati bid-dettalji kollha fil-kotba tat-Testment il-Qadim. Diġà fil-Ġenesi, (4) insibu ħjiel tas-sagrifiċċju magħmul b'riti sempliċi u primittivi: it-twaqqif ta' l-artal, is-sejħa ta' l-isem t'Alla, l-offerti ta' annimali u prodotti ta' l-art magħmulin f'isem il-familja jew tribù, mill-kap tagħha.

Iżjed 'il quddiem is-sagrifiċċji huma riservati għas-saċerdoti u għal-leviti, li b'rit iktar elaborat joffru lil Alla sagrifiċċju bit-tixrid ta' demm jew mingħajru olokawst, offerti ta' ikel, sagrifiċċji għad-dnubiet u sagrifiċċji ta' tpattija. (5)

B) Is-SAĊERDOZJU u s-SAGRIFIĊĊJU Ta' KRISTU

Imma dawn is-sagrifiċċji tal-qedem kienu biss bħal dell jew figura tas-sagrifiċċju li kellu joffri Kristu Iben t'Alla u Saċerdot ewlieni.

Permezz ta' Kristu, Alla ried iġedded kollox, permezz ta' Kristu anke l-kult jew qima reliġjuża ħadet xejra għal kollox ġdida.

✠ KRISTU : SAĊERDOT

Fil-persuna ta' Kristu aħna ksibna s-saċerdot il-ġdid, il-medjatur bejn Alla u l-bnedmin, imħabbar mill-Profeta Malakija: "Jidħol fit-tempju tiegħu l-Mulej minnhom mistenni, u l-Anġlu ta' l-alleanza minnhom mixtieq" (6) u fl-istess ħin vittma ġdida "il-ħaruf t' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja." (7)

✠ KRISTU : VITTMA

Ġesù, sa mill-ewwel mument ta' l-inkarnazzjoni Tiegħu, offra lilu nnifsu bħala vittma u ddedika ħajtu biex iwettaq fiha r-rieda t'Alla (8). Fis-snin li għadda f'din l-art, Huwa qeda l-missjoni Tiegħu saċerdotali, offra lil Missieru adorazzjoni perfetta u xandar l-isem Tiegħu. (9)

Fuq il-Kalvarju, imbagħad, temm il-ħajja qaddisa tiegħu bil-mewt tas-salib, li fiha twettqu l-kondizzjonijiet kollha meħtieġa biex ikollna l-veru sagrifiċċju.

● Difatti Kristu huwa:
il-**VITTMA** mogħtija lil Alla

(res oblata) u fi-istess ħin:
is-**SAĊERDOT** li joffriha
(minister sacrificii) (10)

● L-Iskop ta' Kristu fuq is-Salib (finis sacrificii) hija
— il-glorja tal-Missier
— il-prova ta' sottomissjoni Lejh
— u r-rikonċiljazzjoni tal-bnedmin permezz ta' tpattija xierqa.

Jidher ukoll fuq il-Kalvarju, l-att li bih isir is-sagrifiċċju (actio sacrifica), għaliex Ġesù minn jeddu ċeda ħajtu lil Alla, billi ppermetta lill-eghdewwa Tiegħu jagħtuh il-mewt għad li seta' jimpedihom. (11)

✠ FROTT TAL-FIDWA

Permezz ta' dan is-sagrifiċċju, Ġesù reġa' ħabbibna m'Alla li minnu konna mifrudin ħtija tad-dnub, fdiena mill-jasar spiritwali, għamilna mill-ġdid il-poplu magħżul t'Alla. Is-sagrifiċċju tas-salib kien ukoll xhieda l-iktar ċara ta' mħabba mmensa kif jistqarr l-Appostlu Missierna, "Ħabbna u ngħata għalina fil-waqt li offra ruħu f'sagrifiċċju ta' fwieħa lil Alla". (12)

Fl-istess ħin Ġesù ta xhieda ta' mħabba perfetta lejn l-Etern Missier Tiegħu billi sar obbidjenti sal-mewt. (13) Dan kien is-sodisfazzjon li ried Alla, l-imħabba ta' Ġesù Ibnu Lejh u lejna, anzi l-aqwa espressjoni ta' din l-imħabba "għax m'hemmx imħabba ikbar minn dik ta' min jagħti ħajtu għall-maħbubin tiegħu". (14)

Bil-prezz ta' demmu l-għażiż, Ġesù mhux biss irripara quddiem Alla għall-offiżi talbnedmin, imma mmerita wkoll li l-grazzja divina terġa' tiġi mogħtija lil ġensna, lill-umanità li fil-persuna tar-Ras Divina ssodisfat il-ġustizzja t'Alla u tatna tpattija adegwata.

✠ Il-Qawmien u t-Tlugħ fis-Sema

Il-Missier Alla aċċetta s-sagrifiċċju ta' Ġesù Ibnu mitmum fuq is-salib u sema' t-talba Tiegħu (15), imma kien jeħtieġ li Huwa juri b'mod estern u viżibbli li s-sagrifiċċju tas-salib ġie milqugħ.

Dan kollu seħħ fil-Qawmien mill-mewt u fit-tlugħ fis-sema ta' Kristu, li nistgħu nikkonsidrawhom bħala manifestazzjoni esterna u pubblika ta' l-aċċettazzjoni tas-sagrifiċċju ta' Kristu. (16)

Hekk il-ħaruf il-maqtul irċieva l-kuruna ta' ġieħ u s-sebħ li jistħoqqlu (17) u l-bniedem tat-tbatija sar il-Mulej tal-glorja.

Kristu bħala saċerdot etern tagħna, illum qiegħed fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem glorjuż Tiegħu, sabiex jinterċiedi għalina (18), filqalb Tiegħu għadha tħeġġeġ l-istess imħabba li huwa kellu għalina fuq is-salib, kif ukoll l-istess spirtu ta' sagrifiċċju. San Tumas d'Aquino jfisser din l-interċessjoni ta' Kristu għalina fis-sema billi jgħidilna li l-Iben t'Alla jippreżenta lil Missieru fis-smewwiet l-umanità li Huwa assuma bl-iskop tal-fidwa u jurih ix-xewqa Tiegħu li jsalvana lkoll. (19)

✠ Is-Sagrifiċċju tal-Golgotha u s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa

Dana ma jfissirx li bis-sagrifiċċju Tiegħu fuq is-salib Ġesù ħelisna għal kollox minn dnubietna u ma fadal xejn iżjed x'nagħmlu aħna.

L-anqas ma jfisser li Kristu akkwistalna l-Ġenna hekk li aħna, nistgħu nidħlu fiha, mingħajr ma nkunu tajna l-parti tagħna.

Jibqa' dejjem meħtieġ li s-sagrifiċċju tal-Golgotha napplikawh għalina, nagħmluh tagħna, li nieħdu f'idejn il-vittma divina biex inkunu nistgħu noffruha lill-Missier tas-sema għas-salvazzjoni tagħna. Ġesù Kristu ħallielna mezz biex nistgħu nwettqu dana kollu, meta tana s-sagrifiċċju tal-Quddiesa. (20)

✠ Iż-żewġ fażi tal-FIDWA

Il-fidwa tagħna, mela, titwettaq f'żewġ fażi jew ħinijiet:

fl-Ewwel Fażi

il-fidwa ġiet miksuba meta Kristu offra l-prezz ta' demmu lil Alla u mmeritalna l-grazzja;

fit-Tieni Fażi

Alla jikkomunikalna l-grazzja meritata minn Kristu u jaħfrilna dnubietna.

Ġesù kompla waħdu l-ewwel parti biss, imma jrid il-koperazzjoni tagħna għat-tieni parti tal-fidwa.

Veru li Huwa fdiena, imma l-frott tal-fidwa jseħħ fina meta nagħmlu opri

tajba u b'mod speċjali meta nipparteċipaw mis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa. (21)

C) IS-SAGRIFIĊĊJU EWKARISTIKU

≋ Prova ta' Mħabbtu

Dan il-mezz għall-fidwa tagħna, Ġesù ħallihulna, bħala prova oħra ta' mħabbtu fl-aħħar sigħat qabel mewtu, meta biddel il-ħobż u l-imbid fil-ġisem u d-demm Tiegħu.

Il-Konċilju Vatikan II igħallimna li "il-Feddej tagħna fl-aħħar ikla Tiegħu fil-lejl li fih ġie merħi (f'idejn l-għedewwa), waqqaf is-Sagrifiċċju Ewkaristiku tal-ġisem u d-demm Tiegħu, biex is-sagrifiċċju tas-salib jibqa' jiġġedded tul iż-żminijiet sal-miġja Tiegħu" (22)

F'dak il-lejl, nistgħu ngħidu li Ġesù ċċelebra l-ewwel Quddiesa u ta l-ordni li tibqa' tiġi ċelebrata b'tifkira tiegħu. (23)

≋ L-Aħħar Ċena

Fl-aħħar ċena, Ġesù ħallielna l-ġisem u d-demm Tiegħu bħala oġġett tas-sagrifiċċju, meta qal "Dan hu ġismi li jingħata għalikom" "Dan il-kalċi hu r-rabta l-ġdida f'demmi li jiġi mxerred għalikom". (24)

Il-kelmiet "jingħata" u "mxerred" huma kelmiet bibliċi sagrifikali li jfissru l-offerta ta' sagrifiċċju veru u proprju. (25) Ħobż u mbid ta' l-Ewkaristija huma fi kliem Kristu ġisem

u demm tal-mewt Tiegħu. Anke jekk esternament din il-mewt kienet għadha ma seħħitx, imma hija antiċipata f'dak il-Ġisem u f'dak id-Demm, li kienu destinati għas-sagrifiċċju.

Kristu stqarr li demmu huwa d-demm tar-rabta l-ġdida jew patt li jibqa' għal dejjem. Issa kif ir-Rabta l-Qadima jew il-Patt t' Alla ma' Iżrael ġie ssiġillat bl-offerta tas-sagrifiċċju tad-demm, (26) hekk ukoll ir-rabta l-ġdida kellha l-bidu tagħha fis-sagrifiċċju tad-demm ta' Kristu.

≋ Imġedda matul is-sekli

L-azzjoni ta' Kristu mwettqa fl-aħħar ċena, ma kellhiex tkun ġrajja ta' darba waħda biss imma kellha tiġi mġedda matul is-sekli u ripetuta bħala tifkira ħajja Tiegħu, għaliex Huwa stess ordna lill-Appostli: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi". (27)

Id-dixxipli ta' Kristu obdew l-ordni ta' l-Imgħallem tagħhom u rripetew it-tqassim tal-Ġisem u d-Demm issagrifikat taħt ix-xbihat tal-ħobż u ta' l-imbid. B'dan il-mod Ġesù estenda s-sagrifiċċju Tiegħu fl-ispazju u fiż-żmien, fil-waqt li mar jafda "lill-Għarusa maħbuba Tiegħu l-Knisja t-tifkira tal-mewt u l-qawmien Tiegħu". (28)

Hekk il-Quddiesa daħlet fir-Reliġjon Nisranija, bħala element ewlieni tagħha, biex tkun fl-istess ħin is-sagrifiċċju ta' Kristu u s-Sagrifiċċju tal-Knisja Tiegħu.

≋ Il-Quddiesa u s-Sagrifiċċju tas-Salib

Ma nistgħux mela nħarsu lejn il-Quddiesa bħala sagrifiċċju maqtugħ mis-sagrifiċċju storiku tas-salib, jew bħala azzjoni tal-bnedmin indipendenti mill-opra ta' Kristu u miżjuda magħha. Fis-sostanza, il-Quddiesa u s-sagrifiċċju tas-salib huma ħaġa waħda kif ipproklama l-Konċilju ta' Trentu. (29)

Difatti,

- il-vittma fuq l-artal u fuq il-Kalvarju hija waħda u l-istess
- wieħed u l-istess ukoll huwa s-Saċerdot jiġifieri Kristu li fuq is-salib offra lilu nnifsu mingħajr il-qadi ta' ħadd fil-Quddiesa jinqeda bis-saċerdoti.

Il-mod kif jiġi offert is-sagrifiċċju huwa differenti wkoll għaliex illum ma jitwettaqx fost it-tbatijiet u bit-tixrid tad-demm kif twettaq fuq is-salib; u mhux għall-għan li jinkisbu merti ġodda, imma biex jiġu applikati lilna l-merti tal-Passjoni. Is-sagrifiċċju tas-salib huwa ġrajja storika u kien fid-dieher, dak ta' l-artal huwa misteru sagramentali u jitwettaq taħt ix-xbihat tal-ħobż u ta' l-imbid.

≋ Kliem il-Papa Piju XII

Il-Papa Piju XII, jispjegalna kif permezz ta' dawn is-sinjali sensibbli, il-mewt u s-sagrifiċċju ta' Kristu huma simboleġġjati u jiġu mfakkra lilna: "Bit-transustanzazzjoni tal-ħobż fil-Ġisem u ta' l-imbid fid-Demm ta'

Kristu, kif hemm tassew preżenti l-Ġisem Tiegħu hekk ukoll hemm id-Demm Tiegħu; l-ispeċi ewkaristiċi, li taħthom hemm Hu, imbagħad jissimboleġġjaw il-firda bit-tixrid ta' demm, tal-ġisem mid-demm ta' Kristu. Hekk it-tifkira tal-mewt tassew fuq il-Kalvarju tiġġedded f'kull sagrifiċċju ta' l-altar, għaliex b' simboli magħżula minn xulxin jiġi mfisser u muri li Kristu hu fl stat ta' vittma". (30)

Il-Quddiesa tiddependi wkoll mis-Sagrifiċċju tas-Salib għaliex tapplika lill-membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, il-grazzji li nkisbu fuq il-Kalvarju; jiġifieri l-ġid spiritwali u l-merti nfiniti akkwistati minn Ġesù bil-Mewt u l-Qawmien glorjuż Tiegħu, jiġu mqassmin b'mod konkret fil-Quddiesa lill-insara ħajjin u mejtin li jirċevuhom skond il-kondizzjonijiet partikolari tagħhom.

≋ Att ta' Adorazzjoni, Tpattija u Talba

Is-sagrifiċċju ta' l-artal huwa:-

— **att ta' adorazzjoni** l-iktar perfetta għaliex fih tiġi rikonoxxuta d-dinjità suprema t'Alla,

— fl-istess ħin jingħatalu **ringrazzjament** kif jistħoqqlu.

— Il-Quddiesa hija wkoll il-mezz ewlieni **għat-tpattija** tad-dnubiet u għar-rikonċiljazzjoni tal-bnedmin m'Alla.

— Fl-aħħarnett hija wkoll **it-talba** l-aktar għażiża sabiex jinkisbu l-grazzji tas-sema għall-ħajja tagħna tar-ruħ u tal-ġisem, talba magħmula f'isem il-Knisja kollha magħquda flimkien mar-Ras tagħna li hu Kristu, vittma ta' mħabba nfinita lejn il-Missier Alla. Ġesù, fuq l-artal, jitlob magħna u għalina u talba bħal din żgur li tasal sassema.

≋ Iċ-Ċentru tal-ĦAJJA

Mela ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa peress li hija l-azzjoni ta' Kristu u tal-poplu t'Alla organizzat f'ġerarkija hija ċ-ċentru tal-ħajja kollha nisranija kemm tal-Knisja universali kif ukoll lokali u għal kull wieħed mill-insara.

Fil-Quddiesa jitwettqu fl-aqwa tagħhom kemm il-ħidma li biha Alla jqaddes id-dinja permezz ta' Kristu, kif ukoll il-qima li l-bnedmin jagħtu 'l Alla l-Missier, meta jadurawh f' Ġesù Kristu Iben Tiegħu. Kull azzjoni liturġiku u kull attività tal-ħajja nisranija hija marbuta mas-Sagrifiċċju ta' l-artal, għaliex kollox fih isib il-bidu tiegħu u għalih iwassal. (31)

IT-TIENI TAQSIMA

A) IT-THEJJIJA għaċ-ĊELEBRAZZJONI EWKARISTIKA

Sagrifiċċju hekk sublimi, azzjoni hekk divina, bħal ma hija l-Quddiesa, hemm bżonn da parti tagħna, li tkun imsieħba ma' mġieba denja u devozzjoni ġenwina. Anke fil-Liġi

Antika, il-profeti kienu jwissu lill-poplu t'Alla li mingħajr id-dispożizzjonijiet tal-qalb, is-sagrifiċċju jisfa bħala għemil vojt u ma jogħġobx lill-Mulej. (32) Hekk ukoll dwar is-Sagrifiċċju tal-Liġi l-Ġdida, jirnexxilna niksbu minnu ġid spiritwali tabilħaqq, jekk mhux biss inkunu preżenti għalih, imma nissieħbu fih ukoll b'moħħna, b'qalbna u bir-rieda tagħna.

Mhux spettaturi siekta

Fiċ-ċelebrazzjoni tal-Misteru Ewkaristiku, Ommna l-Knisja Mqaddsa, ma tridx li l-insara jibqgħu bħal spettaturi siekta. "Huwa meħtieġ li l-insara kollha jqisu bħala l-aqwa dmir tagħhom u dinjità mill-ikbar li jieħdu sehem fis-Sagrifiċċju Ewkaristiku mhux billi jassistu b'mod li qishom ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' dak li qed isir, traskurati u moħħhom band'oħra". (33)

Sehem qaddis u attiv

Anzi l-Konċilju Vatikan II jirrikkmanda lill-kattoliċi li jipprovaw jifhmu tajjeb s-Sagrifiċċju Ewkaristiku, "jieħdu sehem konsapevoli, qaddis u attiv fl-att imqaddes, jiġu mgħallma bil-kelma t'Alla, jieklu madwar il-mejda tal-Ġisem tal-Mulej, iroddu ħajr 'l Alla" (34)

Indiema ta' dnubietna

L-ewwel thejjija spiritwali li għandna

nagħmlu għas-Sagrifiċċju, hija l-indiema ta' dnubietna u s-sogħba sinċiera tal-ħtijiet tagħna. Biex nieħdu sehem f'azzjoni hekk qaddisa bħal ma hija l-Quddiesa li fiha jiġi mfakkar is-sagrifiċċju tal-Ħaruf bla tebgħa, jeħtieġ li anke ruħna tkun nadifa. Jekk nixtiequ sinċerament li din il-vittma teħlisna minn dnubietna, hemm bżonn qabel xejn li nistqarruhom u nindmu minnhom.

Kull Quddiesa tagħti t-tkattir tal-grazzja tal-Magħmudija; l-Ewkaristija twassal għall-maturità tal-ħajja divina li ġiet imsawba fina permezz ta' l-ewwel sagrament. Imma peress li l-libsa tal-Magħmudija ma baqgħetx fina bla mittiefsa, jeħtieġ li qabel is-sagrifiċċju nippurifikawha bl-indiema tal-qalb, li hija espressa wisq tajjeb fl-att penitenzjali li jsir fil-bidu tal-Quddiesa. (35)

B) NILQGĦU L-KELMA T'ALLA

Fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika huma ndispensabbli s-sentimenti ta' Fidi. Għaliex l-Ewkaristija fuq kollox hija misteru, u għalhekk għandna nersqu lejHa, "b'qima umli mhux immexxijin minn raġunijiet umani, imma f' rabta sħiħa mar-Rivelazzjoni Divina". (36)

Għalhekk sa minn żmien apostoliku, fl-ewwel parti taċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, isir il-qari ta' l-Iskrittura, u jiġi kkummentat bosta drabi bil-kelma ħajja taċ-ċelebrant.

● Skola ta' tagħlim

Il-Quddiesa, mela, hija wkoll **skola** fejn

id-dixxipli ta' Kristu jitgħallmu l-veritajiet divini rrivelati minnu u jissaħħu fit-twemmin, li huwa l-ewwel kondizzjoni meħtieġa biex nogħġbu lil Alla. (37) Imbagħad, din il-Fidi li titqanqal dejjem iżjed u żżomm ħajja bis-smiegħ tal-kelma tal-Mulej, twassalna għall-adorazzjoni għax huwa dmir tagħna li naduraw il-Verb Divin preżenti fil-kliem ta' l-Iskrittura, l-Għerf infinit t'Alla mogħti lilna taħt il-libsa ta' kelmiet umani, il-Mulej li jimmanifesta ruħu fil-Kotba Mqaddsa b' manjiera hekk singolari u kollha ħniena li għandha tikkommovina. (38)

● **Il-Liturġija tal-Kelma**

Fl-ewwel parti tal-Quddiesa, hekk imsejħa "il-Liturġija tal-Kelma", l-insara jieħdu sehem attiv billi jżommu ruħhom f'kuntatt kontinwu m'Alla, permezz tat-talb u s-sejħat li jagħmlu fiimkien mal-qassis, kif ukoll jisimgħu bil-ferħ u bil-ġabra l-qari tal-Kelma t'Alla u jimmeditaw il-messaġġ li jagħtihom fil-liturġija ta' dak il-jum.

C) NISSIEHBU FIS-SAGRIFIĊĊJU

— **Il-Liturġija Ewkaristika**

Fit-tieni parti tal-Quddiesa, li jsejħulha l-Liturġija ta' l-Ewkaristija, nidħlu fil-qalba tas-Sagrifiċċju, u f'dak il-waqt l-attenzjoni tagħna għandha tingħabar fuq it-tliet atti importanti li minnhom hu magħmul il-misteru ewkaristiku.

— **Fl-Offertorju**

1) **Fl-Offertorju,** jew thejjija ta' l-oblati, nersqu lejn Alla bl-offerti tagħna meta nippreżentawlu l-ħobż u l-imbid għassagrifiċċju;

2) **fil-Konsagrazzjoni,** Kristu jiġi fostna bil-preżenza ewkaristika tiegħu fuq l-artal biex iġedded is-sagrifiċċju li wettaq darba fuq il-Kalvarju;

3) **fit-Tqarbin,** Kristu jiġi għandna biex iqaddisna bil-grazzja Tiegħu u jmantnina spiritwalment bil-ġisem u d-demm imqaddes Tiegħu.

— **L-insara joffru lilhom infushom**

Fit-thejjija tal-oblati għalhekk, fiimkien mas-saċerdot, l-insara għandhom "joffru lilhom infushom u minn jum għall-ieħor, permezz ta' Kristu Medjatur, jitqaddsu fl-għaqda m'Alla u bejnhom infushom, biex Alla jsir tabilħaqq kollox f'kulħadd. (39)

Il-ħajja tagħna kollha għandha tiġi ppreżentata lil Alla bil-ferħ u n-niket tagħha, bit-tbatijiet u l-ħidma ta' kull ġurnata.

Huwa l-ħin li nressqu quddiem it-tron tal-Mulej, il-problemi personali tagħna, tal-familja u tal-Knisja kollha. Żguri li ħajjitna jkollha tifsira wisq isbaħ jekk nitgħallmu noffruha ta' kuljum lill-Missier tagħna tassema.

— **Fil-Konsagrazzjoni**

Fil-ħin tal-Konsagrazzjoni, imbagħad, fil-waqt li b'miraklu sublimi l-ħobż u l-imbid jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, għandna nitolbuh il-grazzja li neqirdu minna dak kollu li mhux skond il-qalb t'Alla u li nittrasformaw ruħna fi Kristu, sabiex ħajjitna tkun dejjem iżjed magħquda ma' Tiegħu.

— **Fit-Tqarbin**

Fl-aħħarnett, **fil-ħin tat-Tqarbin** għandna niftakru li l-Quddiesa hija l-laqgħa tal-Familja t'Alla madwar il-mejda mhejjija mill-Missier. Jeħtieġ li nkunu perswaži li ma nistgħux ingħixu għat-tul fil-grazzja t'Alla u fil-ħbiberija Miegħu, jekk ma nersqux lejn il-bankett Ewkaristiku. (40)

Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, is-saċerdot kien iħabbar it-tqassim ta' l-Ewkaristija bil-kelmiet "Sancta Sanctis" li jfissru li min mhux qaddis, m'għandux jedd jieħu l-ħwejjeġ imqaddsa. Dawk preżenti kienu jiġu mistiedna sabiex jersqu lejn il-Mejda tal-Mulej, fil-biża' t'Alla u bi spirtu ta' karità. L-irġiel kienu jieħdu l-ħobż ikkonsagrat f'idejhom u nnisa fuq maktur abjad imsejjaħ 'domenicale' u hekk jipparteċipaw mit-Tqarbin. (41) Kif l-ewlenin insara kienu jeħtieġu dan l-ikel biex jitqawwew għall-martirju, hekk ukoll jeħtieġuh l-insara tal-lum biex iżommu qawwija fil-virtujiet tagħhom quddiem il-prova u fit-tentazzjonijiet tal-ħajja moderna.

D) INFAKKRU L-MISTERU TA' L-GĦID

Tifkira tal-Mewt u l-Qawmien tal-Mulej

Ma ninsewx, wara kollox, li l-Quddiesa hija t-**tifkira ħajja tal-Mewt u l-Qawmien tal-Mulej,** it-tifkira tal-Misteru ta' l-Għid. Kif igħallimna l-Appostlu Missierna, fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, inħabbru l-mewt ta' Sidna sakemm jiġi. (42) Dana huwa l-oġġett tat-tama tagħna; il-laqgħa ma' Kristu meta tibda għalina l-eternità u l-għaqda finali Miegħu. Bil-Passjoni Tiegħu, kisbilna l-jedd għall-Ġenna, bil-Qawmien Tiegħu wettaq il-fidi tagħna f'ħajja ġdida wara l-mewt, qabel it-tlugħ Tiegħu fis-sema, ħallielna l-wegħda tal-premju għal dejjem.

Il-Quddiesa għandha tfakkarna f'dan kollu; hija għall-insara bħal waqfa għal ftit żmien fil-mixja jew pellegrinaġġ minn din id-dinja għall-art imwegħda. Dan il-fatt għandu jimla l-qalb tagħna bil-ferħ u b'ottimiżmu qaddis.

Il-Kant : Espressjoni ta' Ferħ

Għalhekk il-knisja anke meta kienet ippersegwitata u tiċċelebra dan is-Sagrifiċċju bil-moħbi fil-katakombi, kienet u għadha ssieħeb ir-rit liturġiku bil-kant li huwa espressjoni tal-ferħ tar-ruħ nisranija li temmen f'Alla u li tittama dejjem fl-għajnuna Tiegħu u fl-hena tal-Ġenna.

Anke fi żminijietna, sakemm huwa possibbli, l-insara għandhom jipparteċipaw fil-Quddiesa permezz tal-kant tagħhom.

E) L-EWKARISTIJA fil-ĦAJJA ta' KULJUM

✠ Nghixu l-Quddiesa

Importanti wkoll, li mhux biss nieħdu sehem attiv fis-sagrifiċċju ta' l-artal, imma li nagħmlu ħilitna kollha biex **ingħixu** l-Quddiesa fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Min jieni dil-ħaġa bis-serjetà, jifhem u jħoss li n-nisrani ma jistax igħix kif jogħġbu, imma l-Quddiesa ġġib magħha ċertu mpenn jew esiġenza ta' ħajja mill-aħjar. "Kull min jieħu sehem fil-Quddiesa għandu jfittex biex jagħmel opri tajba, biex jogħġob lil Alla, igħix onestament, devot lejn il-knisja, waqt li jipprattika dak li tgħallem, u jikber fil-qdusija. Ifittex biex jimla d-dinja bl-ispirtu ta' Kristu, f'kollox, waqt li jgħix fil-ħwejjeġ tad-dinja, ikun xhud ta' Kristu" (43)

✠ Karità Fraterna

Issa Kristu qalilna li d-dixxipli Tiegħu jintgħarfu mill-imħabba li jkollhom lejn xulxin. (44) Dan huwa mela, fuq kollox, l-impenn li titlob minna l-Quddiesa, l-impenn talkarità fraterna, jiġifieri li ningħataw għal ħutna permezz tal-imħabba u s-sagrifiċċju.

Kristu, meta ħallielna l-Ewkaristija, ried mhux biss igħaqqadna Miegħu, imma ried

ukoll li aħna nkunu unjoni fiimkien, bħala ġisem mistiku Tiegħu. Kif jesprimi ruħu San Ġwann Krisostmu: "Dan is-sagrifiċċju ġie mwaqqaf għall-paċi ma' ħuk" u banda oħra "għal dan Alla sar bniedem u wettaq dawn l-opri, waqqaf ċioè s-sagrifiċċju tal-Quddiesa, biex igħaqqadna fiimkien". (45)

Min irid igħix il-Quddiesa, allura jeħtieġ li jkun animat dejjem mill-karità nisranija, u jkollu f'qalbu sentimenti ta' ħniena u mogħdrija għall-bżonnijiet spiritwali u temporali tal-proxxmu tiegħu.

Il-Quddiesa, għalhekk, hija ċentru ta' dinamiżmu nisrani, minnha l-eroj tar-Reliġjon tagħna ħadu l-ispirazzjoni ta' l-apostolat u l-ħidma soċjali tagħhom.

G Ħ E L U Q

✠ Il-Quddiesa : Teżor Spiritwali

Kif taraw, il-Quddiesa hija teżor spiritwali mill-aqwa, madankollu għall-parti l-kbira ta' l-insara għadu donnu teżor moħbi. U din hija r-raġuni għaliex ċerti nsara jitilfu l-Quddiesa għalxejn b'xejn, jew jattendu għaliha b'indifferenza u nuqqas ta' ġabra. Il-Kardinal Lercaro jispjega l-imġieba ta' dawn it-talin, u jgħid għalihom "għax qatt ma kienu jafu x'inhi l-Quddiesa". (47) Imma, illum, li l-Quddiesa qegħda tiġi ċċelebrata fl-ilsien tagħna, u li l-Knisja qegħda tant tinsisti sabiex kulħadd jipparteċipa fiha, jixraq u jeħ-

tieġ li napprofittaw ruħna minn ġid hekk kbir.

Nagħlqu din l-ittra pastorali tagħna, billi nitolbu lill-Ispirtu Santu Alla sabiex idawwal l-imħuħ tal-kattoliċi kollha speċjalment tal-ġenerazzjoni żagħżugħa, ħalli jifhmu l-kobor tal-Quddiesa u b'kull rieda tajba jieħdu sehem sħiħ fiha, sabiex tisfa għalihom għajn ta' grazzji u garanzija ta' ħajja magħquda verament ma' Kristu.

15 ta' Novembru 1969.

RIFERENZI

(1) Kostituzzjoni "Sacrosanctum Concilium" n. 21.
(2) Enċiklika "Mysterium Fidei" n. 6.
(3) M. de la Taille: "La Dottrina Cattolica sull' Eucharestia", — Enciclopedia Eucaristica — pag. 219.
(4) Genesi 4, 3; 12, 7.
(5) Levitiku 1, 7; 22, 17-30.
(6) Malakija 3, 1.
(7) Giov. 1, 29.
(8) Ep. lil-Lhud 10, 5-10.
(9) Giov. 17, 4.
(10) S. Efrem Hymni et sermones t. 2. pag. 577. S. Wistin P.L. 42, 901.
(11) S. Ġwann. 10, 18.
(12) Ittra lil Efes. 5, 2.
(13) Ittra lill-Filipp. 2, 8.
(14) S. Ġwann 15, 13.
(15) Ittra lil-Lhud 5, 7.
(16) Emilio Sauras O.P. "Teologia del Corpo Mistico" pag. 640.
(17) Apokalissi 5, 12.
(18) Ittra lir-Rumani 8, 34; lil-Lhud 7, 25.
(19) Comm. in Ep. ad Hebreos c. 7 lect 4.
(20) Pio Parsch "Che cosa e' la Messa" pag. 12.
(21) E. Sauras. Op. Cit. pag. 570.
(22) Kost. "Sacrosanctum Concilium", n. 47.
(23) P. Parsch. Op. Cit. pag. 18.
(24) Matt. 26, 26-28; Luka 22, 19-20; I ttra lill-Kor. 11, 24-25.
(25) P. Pos. A de Adama S.J. "De Sacramenti Unitatis Christianae" n. 25.
(26) Esodu 24, 5-8.
(27) Luka 22, 19; I Kor. 11, 24.
(28) Kost. Sacrosanctum Concilium, n. 47.
(29) Conc. Trid. Sessio XXII.
(30) Enċiklika "Mediator Dei" Tradotta mill-A.K.M. pag. 42.
(31) Institutio Generalis Messalis Romani n. 1.
(32) Amos 4, 4; Isaija 1, 11-16.

(33) Enc. "Mediator Dei" pag. 46.
(34) Sacrosanctum Concilium n. 48.
(35) P. Parsch Op. Cit. pag. 39.
(36) Enċiklika tal-Papa Pawlu VI "Mysterium Fidei" n. 16.
(37) Ittra il-Lhud 11, 6.
(38) Kardinal Giacomo Lercaro "L'Eucharistia nella nostre Mani" pag. 135.
(39) Sacrosanctum Concilium n. 48.
(40) S. Ġwann 6, 54.
(41) L. R. Barin-A. Bugnini "Catechismo Liturgico" vol. III n. 125.
(42) Ittra I lill-Kor. 11, 26.
(43) Istruzzjoni fuq il-Qima tal-Misteru tal-Ewkaristija 25-5-67 "Eucharisticum Myterium" n. 13.
(44) S. Ġwann 13, 35.
(45) S. Ġwann Krisostimu P.G. 49, 382; P.G. 57, 251.
(46) P. Parsch Op. Cit. pag. 6.
(47) Kard. Lercaro Op. Cit. pag. 310.

DAĦLA

Bis-Sagrament tal-Magħmudija, aħna twelidna għall-ħajja tal-grazzja u sirna wlied Alla. Imma fil-ħajja mhux biżżejjed li wieħed jitwieled imma meħtieġ ukoll li huwa jikber u jsir bniedem f'saħħtu u matur. Skond il-pjan t'Alla dan l-isvilupp għandu jitwettaq mhux biss fil-ħajja naturali tal-bniedem, imma wkoll fil-ħajja spiritwali u fit-twettiq ta' dmirijietu bħala nisrani u bħala iben t'Alla.

Is-sejħa ta' l-insara hija li jikbru fil-grazzja u fil-għarfien tal-Mulej u l-Feddej tagħna Ġesu Kristu (1) mentri hija ħasra kbira li wħud minnhom ma jikbru qatt spiritwalment, imma jibqgħu dejjem jaħsbuha ta' tfal u jġibu ruħhom ta' tfal mingħajr ebda sens ta' responsabilità.

● 3 Kategoriji ta' Bnedmin

L-Appostlu Missierna, (2) difatti, iqassam il-bnedmin fi tliet kategoriji:—

(a) Il-bniedem tad-dinja jew dak li ma jilqax il-ħwejjeġ ta' l-Ispirtu u għalih il-misteru t'Alla huwa bluha, (3).

(b) In-nisrani mperfett jew tarbija, jiġifieri dak li jħalli lilu nnifsu jiġi mirbuħ millpassjonijiet bħal ma huma l-għira u t-tilwim, li m'huwiex tabilħaqq spiritwali. (4)

Huwa nisrani ta' nofs kedda li baqa' dejjem fi stat infantili, għax għad li jippossiedi l-Ispirtu Santu, ma jimxix fuq l-ispirazzjonijiet tiegħu u jċedi għall-qawwiet tal-ġisem flok li jikkumbatti.

Huwa tarbija għaliex iħalli ruħu jiġi "mitfugħ u meħud 'l hawn u 'l hemm ma kull riħ ta' tagħlim, vittma ta' kull ingann tal-bnedmin, tal-ħażen tagħhom." (5)

(c) In-nisrani perfett li kiber u mmatura bl-isforz u l-fedelta', doċli għall-ispirazzjonijiet ta' l-Ispirtu Santu, ġeneruż m'Alla u għandu konoxxenza personali tal-Misteru ta' Kristu. Dan ma jfissirx li jippossiedi kull virtu' u li ma fadallux kumbattiment, imma jfisser li huwa adult u matur, jagħti widen għassejħat ta' l-Ispirtu, jaf jagħżel it-tajjeb millħażin, f'kelma waħda huwa bniedem spiritwali. (6)

● Mentalità Matura

Il-Konċilju Vatikan II jixtieq li l-insara

jiksbu din il-perfezzjoni jew mentalita matura u fisser il-ħtieġa tagħha b'dawn il-kliem: "Ftit ikunu jiswew iċ-ċerimonji sbieħ kemm ikunu sbieħ, qajla jkun fihom fejda l-għaqdiet, ikunu kemm ikunu b'saħħithom, jekk ma jkollhomx il-għan li l-bnedmin jiġu mgħallma ħalli jilħqu l-maturità nisranija.

U biex il-fidili jaslu sa hawn, is-saċerdoti jridu jkunulhom ta' għajnuna ħalli mill-istess ġrajjiet tal-ħajja, kbar jew żgħar, ikollhom ħila jaraw sewwa xi jkun meħtieġ li jsir u liema hija r-rieda t'Alla". (7)

Aħna nħossu li hija parti mill-missjoni pastorali tagħna li ninsistu ma' wliedna sabiex progressivament u bil-għajnuniet talgrazzja huma jsiru nsara maturi; jidhirlna wkoll li din il-maturità nisranija tinvolvi fuq kollox tliet ħwejjeġ:

— INTIMITA' ma' KRISTU
— LEALTA' lejn il-KNISJA
— RESPONSABILITA' quddiem id-DINJA

L-EWWEL PARTI
INTIMITA' ma' KRISTU

Niltaqgħu xi drabi ma' nsara li jitgħabbew b'ħafna devozzjonijiet u egħmejjel ta' pjetà li bil-kemm jistgħu jlaħħqu magħhom, jagħmluhom aktarx bi drawwa u forsi mingħajr ma jifhmu sewwa dak li jagħmlu.

✠ Jeħtieġ FIDI AWTENTIKA

Dak li jeħtieġ però, fl-insara tal-lum, hija,

qabel xejn, fidi awtentika, li biha wieħed jemmen kontinwament f'Alla, ħekk li ħajtu ssir inkontru, laqgħa, jew relazzjoni personali mal-Ħallieq tiegħu.

Imma għal din ir-relazzjoni m'Alla ir-ruħ tal-bniedem m'għandniex tfassal xi pjan privat li jiswa għalina wieħidha, u li jitwettaq kważi bil-mohbi ta' l-oħrajn; għal dan il-għan "hemm triq unika, li hija miftuħa quddiem l-erwieħ kollha u din it-triq hija Kristu. "Jiena huwa t-triq" qal Ġesu (8) u permezz Tiegħu biss wieħed jista' jasal għand il-Missier Alla." (9)

Kif nilħqu l-MATURITA'

Jekk irridu nilħqu l-maturità nisranija, għalhekk, ma nistgħux inserrħu rasna li aħna fil-Knisja għaliex ħadna l-Magħmudija, imma għandna nagħmlu ħilitna sabiex insiru nsara konvinti, imħeġġa u ġenerużi li ngħixu f'għaqda ntima ma' Kristu permezz tat-talb u tax-xogħol li nagħtu sehem tagħna fix-xogħol Tiegħu ta' fidwa.

Nagħrfu lil Kristu

Din l-għaqda tissopponi qabel xejn, li kull ma jmur, aħna nagħrfu dejjem iżjed u aħjar lis-Sinjur tagħna Ġesu, għax ma jistax ikun hemm vera ħbiberija bejn żewġ persuni li ma jafux lil xulxin. Fl-istess ħin biex nifhmu sewwa lil Kristu jeħtieġ ukoll li nitgħallmu bil-mod il-mod, il-messaġġ Tiegħu lill-umanita'

li jinsab miġbur fil-Vanġelju Mqaddes. Ma jistax isir ebda progress lejn il-maturita' nisranija, mingħajr studju tat-tagħlim ta' Kristu, riflessjoni serja fuqu u, attenzjoni kontinwa biex dawn il-prinċipji jiġu applikati għall-esperjenza tagħna ta' kuljum.

Nixbhu lil Kristu

L-għaqda ma' Kristu twassal minnha nfisha għall-konformità u x-xebh tagħna Miegħu. La darba bil-Magħmudija, aħna sirna wlied Alla, il-ħsieb u x-xewqa dominanti fina għandhom ikunu dawk li nixbhu fil-karattru u fl-imġieba tagħna lil Kristu, Iben t'Alla magħmul bniedem. Dan huwa l-programm li fuqu għandha tiġi mfassla l-ħajja nisranija: l-imitazzjoni ta' Kristu, biex f'kull għemil tagħna titwettaq dejjem ir-rieda t'Alla. Għal dan il-għan u bħala għajnuna ġie mogħti lilna l-Ispirtu Santu, li jagħmilna tempji Tiegħu u jgħammar fina. (10).

Nimtlew bi Kristu

Jekk aħna nippermettulu li jimliena bil-qawwa Tiegħu, Huwa jgħakkes fina x-xewqat u t-tendenzi ħżiena tagħna, u jipproduċi f'ħajjitna l-frott Tiegħu li huwa "l-imħabba, ferħ, sliem, sabar, ħniena tjubija fidi ħlewwa, rażan" (11). Fi ftit kliem, l-għaqda vera ma' Kristu twassal għall-qdusija li titnissel mill-kollaborazzjoni tal-bniedem għassejħat tal-grazzja t'Alla.

Il-Qdusija hi għal Kulħadd

Il-Konċilju Vatikan II igħallimna li "il-fidili ta' kull stat jew grad huma msejħin għall-milja tal-ħajja nisranija u għall-perfezzjoni fl-imħabba, minn din il-qdusija tiġi anki fis-soċjetà ta' din l-art, mod ta' ħajja iktar umana.

Biex jilħqu din il-perfezzjoni, l-fidili għandhom jużaw il-forzi li rċevew fil-miżura li Kristu ried jagħtihom sabiex jimxu fuq l-eżempju Tiegħu u magħmulin jaqblu maxxbieha Tiegħu, f'kollox obbidjenti għar-rieda tal-Missier, b'ġenerożità sħiħa, jikkonsagraw lilhom infushom għall-glorja t'Alla u għasservizz tal-proxxmu." (12)

It-trawwim fil-qdusija però, ma jsirx f' mument wieħed, imma jirrikjedi ħidma kontinwa li biha n-nisrani, skond l-istat tiegħu, jagħraf aħjar il-virtù, jikkorieġi d-difetti u jbiddel għat-tajjeb l-ideat tiegħu.

Nistgħu nsejħulha għalhekk "konverżjoni ta kuljum," għax ma tgħaddix ġurnata li fiha ma nsibux nuqqasijiet x'nirranġaw.

Il-Qdusija trid iż-żmien

Hija mixja li tintemm biss mal-mewt, mixja li fiha qatt ma nistgħu nieqfu u li jeħtieġ immiddu pass 'il quddiem ta' kuljum. "Aħna nibqgħu fidili lejn Kristu, biss jekk ħadna d-drawwa li niġġudikaw lilna nfusna . . . aħna niskopru qajl, qajl, fid-dawl ta' Kristu, liema taħwid jinsab moħbi fil-ħajja tagħna,

fejn qabel minn għalina kollox qiegħed f'postu.

Fil-mod li bih nemmnu u fil-mod li bih naqdu 'l Alla, jekk nagħlqu għajnejna u nintelqu,, kemm traskuraġni tirriżulta, u aħna minn għalina kollox sewwa u li qegħdin fi żgur" (13).

Biss mill-għaqda dejjem iktar intima ma' Kristu aħna nagħrfu aħjar lil Alla u s-serjetà tan-nuqqasijiet tagħna għaliex "is-sens tad-dnub u s-sens t'Alla jiddependu minn dil-kondizzjoni, it-tnejn ġew lilna mogħtija minn Kristu" (14) u min ma jsirx familjari ma' Kristu u mat-tagħlim Tiegħu jitlef, forsi bla ma jintebah l-ispirtu reliġjuż u d-delikatezza tal-kuxjenza u ma jibqax iħabbel rasu b'Alla u bid-dmirijiet tiegħu Lejh.

IT-TIENI PARTI
LEALTA' lejn il-KNISJA

Il-Ġisem Mistiku ta' Kristu

In-nisrani matur, jaf u jemmen li l-Knisja, mhix biss realtà viżibli, imma wkoll il-Ġisem Mistiku ta Kristu, jiġifieri *soċjetà spiritwali, imħawla fid-dinja,* imma l-qawwa tagħha ġejja essenzjalment mir-rabta misterjuża li tgħaqqad kull ruħ ma' Kristu u li tgħaqqad fi Kristu l-ulied kollha t'Alla.

Realtà umana u divina

Ir-riflessjoni fuq it-tagħlim tal-Konċilju,

speċjalment tal-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium" tista' tkun ta' għajnuna kbira għal bniedem modern biex ikollu ħjiel ċar ta' dak li hi l-Knisja, imma jkun jitqarraq min jaħseb li ser jifhem sewwa u kompletament din ir-realtà umana u divina fl-istess ħin, għaliex il-Knisja tibqa' dejjem misteru u min m'għandux id-don tal-Fidi, ħaġa żgħira jista' jifhem dwarha.

≋ Komunità ta' fidi

Kif jgħallmu l-Isqfijiet tal-Ġermanja fl-ittra kollettiva tagħhom (15) "Il-Knisja hija kommunità ta fidi u tgħix bil-fidi. Hemm post għall-investigazzjoni xjentifika kif ukoll għad-djalogu, sabiex idawlu u jwieżnu. Imma Knisja ma tgħixx bid-diskussjonijiet. Il-fidili tagħna jifhmuna aħjar jekk ingħidulhom li l-Knisja ġiet mibnija fuq l-Appostli u mhux fuq ir-ramel."

≋ Opra ta' Kristu

L-istess att ta' fidi li jgħaqqad in-nisrani matur ma' Kristu, iressqu wkoll lejn il-Knisja li hija opra Tiegħu. Min jemmen tabilħaqq fi Kristu, jemmen ukoll li s-soċjetà minnu mwaqqfa biex tkompli l-Missjoni Tiegħu, għandha l-mezzi meħtieġa u l-għajnuna divina sabiex tagħti l-frott li Kristu jistenna minnha.

≋ Il-Prolongament ta' Kristu

Kristu u l-Knisja ma jistgħux jiġu mifruda minn xulxin; għax din mhix ħlief il-Ġisem Mistiku Tiegħu, il-prolungament ta' Kristu fiż-żmien u fid-dinja. L-Appostlu Missierna li għaraf wisq tajjeb din il-verità mar jistqarr: "Jien inkompli fija, dak li jonqos mit-tbatija ta' Kristu għall-ġid tal-ġisem tiegħu li hija l-Knisja" (16) u lill-insara ta' żmienu kien ifakkarhom: "Intom il-ġisem ta' Kristu." (17)

Fl-ewwel ittra tiegħu lin-nies ta' Korintu (18) jispjegalhom "Il-membri huma ħafna, imma ġisem wieħed. Ma tistax l-għajn tgħid lill-id — m'għandix ħtieġa tiegħek — l-anqas ir-ras lis-saqajn — m'għandix bżonnkom — Anzi l-membri tal-ġisem li jidhru l-iktar dgħajfa huma l-iktar meħtieġa .... jekk membru tal-ġisem ibati, ibatu kollha miegħu, jekk ikollu ġieħ, il-membri kollha jgawdu miegħu. "Ladarba, mela, l-insara jifformaw korp jew ġisem wieħed, jeħtieġ li jkunu ta' għajnuna għal xulxin u jkunu solidali bejniethom. Kull nisrani jeħtieġ li jifhem li huwa qiegħed fil-Knisja, għas-servizz tal-Ġisem Mistiku kollu u għandu juri dejjem lealtà lejh.

A) LEALTA' LEJN IL-KNISJA: MEĦTIEĠA FI ŻMIENNA?

- **Il-Knisja dejjem fl-agunija**

Il-ħtieġa ta' din il-lealtà, tinħass iktar

fi żminijietna, meta qed niftħu għajnejna u naraw aspett ieħor fil-ħajja tal-Knisja, li forsi qabel ma tantx kien jiġbed attenzjoni tal-bniedmin. Għaliha nistgħu ngħidu dak li ntqal fuq Kristu: Il-Knisja tibqa' fi-agunija sa l-aħħar tas-sekli.

● It-triq tal-Knisja hi t-triq tas-SALIB

Peress li l-membri tagħha huma bnedmin, hija tiġbor fiha midinbin u nies bierda, fidili u nies ta' ftit fidi.

Matul il-pellegrinaġġ tagħha lejn is-Smewwiet, it-triq li jeħtieġ tgħaddi minnha l-Knisja, hija triq tas-salib; triq li wieħed ma jistax jimxiha mingħajr ma jġarrab tbenġil u ġrieħi; il-wiċċ uman tal-Knisja huwa spiss miksi bil-għaraq u dmija, kif kien il-Wiċċ Imqaddes ta Kristu fil-Passjoni. Dejjem, għalhekk, jibqa' fil-Knisja, pjagi x'jiġu mfejqa, nuqqasijiet li għandhom jiġu riparati, għax Hi tilħaq il-veru trijonf tagħha, biss meta tinġabar fid-dar ta' dejjem.

● Il-Knisja: imġarrba iżda REBBIEĦA

Pero' l-agunija tal-Knisja ma tfissirx il-kriżi ta' qabel il-mewt; imma tfisser taqbida ħarxa li għandha tintemm bir-rebħa finali, li fiha jieħdu sehem fiimkien ma' Kristu rxuxtat, l-insara kollha segwaċi fidili Tiegħu. Innisrani matur, għalhekk ma jistagħġbx b'din il-kundizzjoni li fiha tinsab il-Knisja, minħabba l-element uman tagħha.

Anzi n-nisrani matur jifhem li dan kien il-pjan ta' Kristu għall-Knisja Tiegħu u għall-eżiżtenza tagħha fid-dinja. Kristu ma riedx li l-insara jistrieħu fi kwietiżmu li jqarraq bihom imma ried li juru ħlithom fit-taqbida u hekk jagħtuh prova ċara ta mħabbithom, billi jibqgħu leali lejn il-Knisja, sagrament tas-salvazzjoni tagħhom.

In-nisrani matur, quddiem sitwazzjoni bħal din, jieħu l-atteġġjament li ħadu l-appostli, wara li xi dixxipli kienu ħallew l-Imgħallem Divin. Għall-mistoqsija ta' Kristu: "Tridux titilqu intom ukoll", wieġeb Pietru f'isem sħabu u qal: "Mgħallem għand min immorru Inti għandek il-kelma tal-Ħajja ta dejjem". (19) Jekk ma nibqgħux leali lejn il-Knisja, min jista' jsalvana? Min jista' jwasslilna l-qawwa feddejja ta' Kristu? Min ifissrilna l-kelma ħajja Tiegħu?

B). LEALTA' LEJN IL-KNISJA: XI TFISSER?

✠ IMĦABBA

Il-lealtà lejn il-Knisja timplika qabel xejn, imħabba Lejha. Jekk Kristu ħabb tant il-Knisja li wasal saħansitra biex jissakrifika ruħu fuq is-salib għaliha, in-nisrani ma jistax jiċħdilha mħabbtu anke meta din iġġib magħha xi sagrifiċċju. Meta jkun hemm din l-imħabba n-nisrani jifraħ kull darba li l-Knisja tifraħ u jitnikket x'hin jara l-Knisja mnikkta u tribulata. Jekk ikollu din l-imħabba, in-nisrani joqgħod attent kif jitkellem fuq il-Knis-

ja u jqis bil-prudenza kollha li fil-każ li jikkritka xi ħaġa fiha, ma jkunx ta ħsara għall-erwieħ u ma jnaqqasx f min jisimgħu l-fiduċja filjali li għaliha l-Knisja għandha kull jedd.

ĠENEROŻITA'

Lealtà lejn il-Knisja tfisser ġenerożità magħha, li ma titqiesx biss mix-xi ħaġa tal-flus li nagħtu għall-opri tagħha, imma titkejjel mill-ispirtu ta' dedizzjoni li biha nagħtu ruħna ħalli ngħixu u nissieħbu mal-Knisja, mhux biss fil-ħajja tagħha liturġika imma wkoll fil-ħidma tagħha apostolika, missjunarja u soċjali. Min huma tabilħaqq ġeneruż mal-Knisja jinteressa ruħu sinċerament mill-problemi kbar u żgħar li jolqtuha, mhux biss dawk li jinħassu f'pajjiżu imma ukoll dak li jeżistu f'artijiet oħra; għax il-ħarsa tiegħu hija universali u thaddan id-dinja kollha.

KOOPERAZZJONI

Il-lealtà lejn il-Knisja ma tista' qatt tkun mifruda mill-ispirtu ta' kooperazzjoni u kollaborazzjoni Magħha. Biex dana jista' jseħħ, meħtieġ fuq kollox rispett lejn l-Awtorità leġittima Tagħha, meħtieġ ukoll li l-attività tal-individwi ma tkunx diżordinata u kull ħadd jaħdem għal rasu, imma taħt it-tmexxija ta min irċieva dis-setgħa minn Alla, il-ħidma ta' kull wieħed għandha twassal dejjem għall-ġid komuni, li l-Knisja għandha bħala għan tagħha, jiġifieri l-ġieħ t'Alla u s-salvazzjoni ta' l-erwieħ.

FIDUĊJA

Min huwa leali lejn il-Knisja, għandu motiv li magħha jispera, t-tama tal-Knisja tkun tamietu wkoll u tama bħal dik ma tisfax fix-xejn għaliex mibnija fuq kliem Kristu li qal "Il-ħena magħkom sal-aħħar tad-dinja" (20) u wieġħed lill-Knisja li "l-bibien tal-infern ma jistgħux jegħlbuha" (21).

Fl-aħħar mill-aħħar, is-suċċess tal-Knisja mhux ħaġa li tidher bl-għajnejn u li titkejjel bil-qies tal-bniedmin, għaliex dan huwa realtà spiritwali, jitwettaq l-iktar fil-moħbi tal-kuxjenzi, Hu Alla li jagħrfu u jiġġudikah fil-waqt li aħna ma nistgħux inkunu ċerti għal kollox minnu, qabel nidħlu fl-eternità.

IT-TIELET PARTI
RESPONSABILITA' QUDDIEM ID-DINJA

Għad li n-nisrani huwa magħqud ma' Kristu permezz tal-Magħmudija u jifforma parti mill-poplu t'Alla li hija l-Knisja imma b'daqshekk mhux mifrud mid-dinja imma jibqa' jgħix fiha sabiex hemm iwettaq il-missjoni li Kristu jafdalu.

In-nisrani mhux mifrud mid-Dinja

In-nisrani mhux il-bniedem tad-dinja (22)

imma qiegħed fid-dinja sabiex iqaddisha. Dana jgħodd b'mod partikolari għas-sekulari li jridu jgħixu l-Magħmudija tagħhom fiż-żminijiet tal-lum bħala bnedmin maturi.

Il-Konċilju Vatikan II jagħtina tagħlim dwar il-funzjoni tas-sekulari kattoliċi fid-dinja fil-Konstituzjoni "Lumen Gentium" (23) "Mill-vokazzjoni tagħhom propja, il-laiċi jfittxu s-saltna t'Alla, waqt li jittrattaw il-ħwejjeġ tad-dinja u jordnawhom skond ir-rieda t'Alla.

Igħixu fis-seklu, jġifieri implikati fil-ħwejjeġ kollha u singoli tad-dinja u fil-kondizzjoni normali tal-ħajja familjari u soċjali, li bihom il-ħajja tagħhom hi donnha minsuġa.

Is-sehem tas-Sekulari fid-Dinja

Hemmhekk huma msejħin minn Alla biex jagħtu s-sehem tagħhom kważi minn ġewwa bħall-ħmira għall-qdusija tad-dinja permezz tal-eżerċizzju tal-ħidma tagħhom proprja taħt it-tmexxija ta' l-Ispirtu evanġeliku, u b'dan il-mod juru lil Kristu lill-oħrajn, b'mod ewlieni fix-xhieda tagħhom, tat-tama u ta' l-imħabba tagħhom."

IL-KONSAGRAZZJONI tad-DINJA

F'wieħed mid-diskorsi tiegħu, il-Papa Piju XII kien sejjaħ din il-preżenza, preżenza attiva tal-kattoliċi fis-soċjetà, "il-konsagrazzjoni tad-dinja." (24)

Barra mir-realta' materjali li huma l-ħwejjeġ kollha maħluqin għas-servizz tal-bniedem, id-dinja tfisser anki r-riżultati tal-ħidma umana bħal ma huma kultura, xjenza, teknika, ekonomija, strumenti tal-kommunikazzjoni socjali, kif ukoll ir-relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom, ngħidu aħna, l-familja il-professjoni, is-soċjetà ċivili u l-Kommunità Internazzjonali. (25)

Meta ngħidu konsagrazzjoni tad-dinja, għalhekk, nifhmu li l-insara għandhom jaraw dejjem ir-realtà u l-ġrajjiet ta' din l-art, fir-rabta jew relazzjoni li għandhom mal-Ħallieq u jinqdew bihom sabiex kollox iservi għall-glorja t'Alla.

Fi kliem ieħor jista' jingħad li s-sekulari kattoliċi għandhom il-vokazzjoni li jqaddsu d-dinja billi minn ġewwa jagħtuha ħajja ġdida bl-ispirtu tal-Vanġelu. B'dan il-mod in-nisrani jkun qed jagħti xhieda ta' Kristu, kif ukoll tal-fidi, tama u karità lejn Alla.

bħala membru tal-familja

Hekk in-nisrani fl-istat taż-żwieġ, ikun qed jikkunsagra d-dinja jekk jagħmel kull ma jista' biex il-familja tiegħu tkun tabilħaqq nisranija, ċioe biex jitwettaq fiha l-pjan li kellu l-Mulej meta ħalaq il-familja. "Hemm hekk, il-miżżewġin għandhom is-sejħa tagħhom, biex ikunu wieħed għall-ieħor u għat-tfal, xhieda tal-fidi u ta' l-imħabba ta' Kristu. Il-familja nisranija tixhed b'vuċi għolja kemm il-virtujiet preżenti fis-saltna t'Alla kif

ukoll it-tama fil-ħajja ta' dejjem. (26)

● bħala membru tal-umanità

In-nisrani però, mhux biss membru tal-familja żgħira tiegħu, imma wkoll tal-familja kbira ta' l-umanità sħiha. (27) Il-mentalità' tiegħu għalhekk m'għandhiex tkun magħluqa u limitata biss għall-ambjent ċkejken li fih igħ'x, imma għandu jifrex il-ħarsa tiegħu fil-bogħod u jinteressa ruħu mill-problemi li jolqtu lill-bnedmin kollha ħutu u bil-ħidma u l-umanità. Skond il-possibilità ta' kull wieħed u ċ-ċirkustanzi li fihom ikun jinsab kull nisrani għandu jagħmel ħiltu biex jagħmel iktar hienja l-ħajja ta' ħutu l-bnedmin, speċjalment ta' dawk li qegħdin ibatu

⊞ Jagħraf "is-Sinjali taż-Żminijiet"

Kull wieħed minna għandu jagħraf sewwa d'n ir-responsabilità tiegħu quddiem id-dinja u jħossu bħala dmir tal-kuxjenza li jkun prezenti attivament fi-iżvilupp kontinwu li minnu għaddejja l-umanità. "Il-ħajja tan-nisrani, għandha tkun aċċettazzjoni u sottomissjoni lejn il-volonta t'Alla mingħajr limiti u mingħajr riservi. Huwa għandu jfittex li jikkopja fih innifsu s-sottomissjoni sħiha tal-Iben t'Alla. Issa din il-volontà t'Alla tiġi murija lin-nisrani mhux biss bir-rivelazzjoni, imma wkoll permezz tal-kuxjenza tiegħu u permezz tal-ġrajjiet kollha tad-dinja "is-sinjali taż-żminijiet." In-nisrani għandu

dejjem jagħti widen għal din il-kelma, u jkun lest li jirrispondi għaliha u jwettaqha." (28) Minn dak li jiġri fid-dinja, jekk noqogħdu attenti biżżejjed, nistgħu nintebħu x'irid Alla minna u x'atteġġjamenti għandna nieħdu.

⊞ Reviżjoni tal-Ħajja

Jiswa wisq għal dan il-għan, il-metodu hekk imsejjaħ "Reviżjoni tal-ħajja" speċjalment meta jiġi segwit fi gruppi jew fil-laqgħat tal-Għaqdiet Kattoliċi. (29) B'dan il-metodu, il-fatti tal-eżistenza tal-bniedem u l-ġrajjiet tad-dinja jiġu studjati fid-dawl tal-Vanġelu u tat-Tagħlim Kattoliku, sabiex in-nisrani jiskopri fihom l-id t'Alla dejjem preżenti u l-volontà divina Tiegħu, u hekk jiddeċiedi sewwa x'irid Alla, minn kull wieħed skond il-kuxjenza tiegħu, għall-ġid ta' l-umanità.

GĦELUQ

Il-ħajja nisranija hija taqbida kontinwa bejn l-egoiżmu li bih wieħed jaħseb biss fih innifsu u jinqeda bl-oħrajn kif jaqbel lilu, l-imħabba li biha wieħed iqiegħed lilu nnifsu għas-servizz ta' l-oħrajn.

Kull għamla ta' egoiżmu ftit jew wisq ixxekkel il-bniedem u żżommu fi stat ta' infantil'żmu mentri l-imħabba u d-dispożizzjoni li naqdu li'l-oħrajn hija wieħed mis-sinjali iktar ċari ta' maturità nisranija.

Il-Konċilju Vatikan II insista iktar minn darba fuq dan il-ħsieb, li x-xewqa tan-nisrani hi x'inhi l-pożizzjoni tiegħu fil-Knisja, għandha tkun dik li naqdu lil Kristu fil-persuna ta' ħutna l-bnedmin.

U l-Imgħallem Divin ried jagħtina lezzjoni solenni dwar il-ħtieġa ta' dan l-atteġġjament nisrani meta fl-aħħar Ċena, ħasel riġlejn l-Appostli u qal lilhom: "Tajtkom eżempju sabiex kif jiena għamilt magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll." (30)

J'Alla matul ir-Randan Imqaddes, kull wieħed minna mqanqal mill-Grazzja tal-Mulej, iħoss il-ħtieġa li jissaħħah dejjem iżjed fil-għaqda ma' Kristu, u jagħraf aħjar ir-responsabiltà li għandu fid-dinja. Hekk ir-Randan ikun tabilħaqq għalina żmien ta' barka tas-Sema, u tħejjija x'lerqa għat-tifkira tal-Qawmen Glorjuż ta' Kristu.

4 ta' Frar 1970.

REFERENZI

(1) 2 Petr. 3. 18.
(2) Jean MOUROUX "L-Esperienza Cristiana, introduzione a una teologia" Brescia, 1956, pag. 124 et seq.
(3) 1 Cor. 2. 14 — Rom. 8. 5.
(4) I Cor. 3. 1.
(5) Ephes. 4. 14.
(6) J. Mouroux Op. Cit. pag. 125.
(7) Digriet "Presbyterorum Ordinis" n. 6.
(8) Joan. 14. 6.
(9) Emilio MERECH 'Morale et Corps Mystique'.
(10) I Cor. 3. 6; II Cor. 6. 16.
(11) Gal. 5. 22, 23.
(12) Kostituzzjoni Dommatika 'Lumen Gentium' no. 40.
(13) A.M. CARRE' "La Conversion Quotidienne" Paris 1968, pag. 7.
(14) G. PHILIPS "Laicato Adulto" Sales 1965 pag. 51.
(15) La Documentation Catholique, 4 dec 1966 col. 2051.
(16) Col. 1. 24.
(17) I Cor. 12. 27.
(18) I Cor. 12. 20 - 26.
(19) Joan. 6. 69.
(20) Matt. 28. 20.
(21) Matt. 16. 18.
(22) Joan. 17. 14.
(23) Lumen Gentium n. 31.
(24) Diskors tat-II Kongress Mondjali tal-Lajċi 1958.
(25) G. LA ROSA "La Consecratio Mundi" Civilta' Cattolica III (1963) pag. 524.
(26) Lumen Gentium n. 35.
(27) Enc. Populorum Progressio n. 27.
(28) Eugenio COSTA "Stile Moderno di Vita Cristiana" pag. 19. 20.
(29) Claudio PERANI. "La Revisione di Vita, strumento di Evangelizzazion" pag. 43-61.
(30) Joan. 13. 15.

Fid-dinja tal-lum, l-ubbidjenza m'għadhiex iktar suġġett popolari; anzi, kif qal wisq tajjeb il-Papa Pawlu VI "Saħansitra l-kelma — ubbidjenza — mhix iktar tollerata fil-konverżazzjoni moderna". (1)

Però kieku kellna nneħħu mill-Vanġelu, dak li mhux popolari u ngħallmu biss dak li jogħġob lill-bnedmin, il-messaġġ ta' Kristu kien jisfa fix-xejn u ma kienx jibqagħalna l-jedd li nissejħu qaddejja tal-Mulej u ħabbara tal-kelma tiegħu, kif jistqarr l-Appostlu Missierna: "Kieku kelli nogħġob lill-bnedmin, ma kontx inkun qaddej ta' Kristu". (2)

M'hemmx, immela, triq oħra; jekk irridu naċċettaw il-Vanġelu, jeħtiġilna naċċettaw ukoll il-Liġi ta' Kristu u l-eżempju tiegħu (3)

anke meta dawna jidhrilna li huma diffiċli u li jmorru kontra l-ispirtu tad-dinja li fiha ngħixu.

DAĦLA

A) KRIŻI TA' L-UBBIDJENZA

Mingħajr dubju, is-soċjetà moderna tip-preżentalna ċerti fenomeni li jidhru bħala sintomi ċari ta' kriżi ta' l-ubbidjenza.

✠ Fil-Familja

Jekk inħarsu lejn il-familja, malajr nindunaw li f'ħafna mill-ulied naqas ir-rispett lejn l-awtorità tal-ġenituri; xewqanin għall-indipendenza u l-libertà, xi żgħażagħ, xejn ma jagħtu każ tal-pariri u twissijiet ta' missierhom jew ommhom u mhux rari li jħallu d-dar fejn twieldu, biex 'il bogħod mill-ħarsa ta' min jindukrahom, igħixu skond il-kapriċċi tagħhom.

✠ Fl-Iskejjel

Jekk insegwu dak li qed jiġri fl-iskejjel u fl-universitajiet, nosservaw li r-relazzjonijiet bejn l-istudenti u l-imgħallmin tagħhom m' għadhomx kif kienu fl-imgħoddi:

- għaliex fejn qabel il-kelma tas-surmast kienet liġi li ħadd ma jista' jmeriha,

— illum hija ħafna drabi oġġett ta' kriti-

ka, jekk mhux ukoll ta' żufjett min-naħa ta' l-istudenti;

- fil-waqt li fl-imgħoddi l-istudenti żgħażagħ kienu juru doċilità u spirtu ta' dixxiplina,
- illum komuni ħafna fosthom ix-xettiċiżmu, iċ-ċiniżmu u l-kontestazzjoni filberaħ.

✚ Fis-Soċjetà Ċivili

Fis-soċjetà ċivili, imbagħad, wieħed jinnota li l-atteġġjament taċ-ċittadini quddiem l-awtorità ta' l-istat u quddiem il-liġijiet tagħha, qajla jista' jissejjaħ atteġġjament ta' sottomissjoni, imma b'mod dejjem iktar allarmanti, qed jieħu sura ta' reżistenza passiva jekk mhux ukoll ta' sfida u ribelljoni li f' diversi pajjiżi ċivilizzati, ġabu magħhom

- vjolenza,
- tixrid ta' demm
- u anarkija.

✚ Fil-Knisja

Minn dan ir-riefnu ta' insubordinazzjoni li qed jonfoħ fi żminijietna, mhix meħlusa l-merħla ta' Kristu, u b'għafsa ta' qalb nikkostataw li sewwa fil-kommunitajiet lokali, kif ukoll fil-Knisja universali, m'humiex neqsin ilħna dissidenti ta' kattoliċi li jridu jgħaddu d-deċiżjonijiet ta' l-awtorità mill-għarbiel ta' l-opinjoni privata tagħhom u lesti li jaċċettaw biss dak li jaqbel lilhom.

B) FUQ LIEMA UBBIDJENZA SER NITKELLMU??

Quddiem dawn il-fenomeni xejn sbieħ li qed iheddu s-sliem u l-ordni tas-soċjetà, jidhrilna li s-suġġett ta' l-ubbidjenza huwa suġġett attwali.

Għad li ftit jieħdu gost jisimgħu fuqha, jeħtieġ li jsir diskors dwarha, biex min għandu rieda tajba jiġi orjentat u ma jaqax fl-ingann.

L-UBBIDJENZA FIL-KNISJA U LEJN IL-KNISJA

Mhux possibli li nitkellmu hawnhekk dwar kull għamla ta' ubbidjenza: għalhekk nillimitaw ruħna biss għall-UBBIDJENZA FIL-KNISJA U LEJN IL-KNISJA.

L-anqas m'hi intenzjoni tagħna li nitkellmu dwar l-ubbidjenza tas-saċerdoti u tar-reliġjużi, li b'konsagrazzjoni speċjali ddedikaw il-ħajja u l-volontà tagħhom 'l Alla u għalhekk il-Knisja tistenna minnhom ubbidjenza speċjali (4) li tkun mhux biss apoloġija ħajja ta' din il-virtù, imma eżempju kontinwu għall-fidili u fattur indispensabbli għall-edifikazzjoni tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu.

L-ubbidjenza, allura, li ser nitkellmu fuqha hija l-ubbidjenza li fiż-żminijiet tal-lum il-Knisja bid-dritt kollu tistenna mill-insara wlied tagħha u membri li jifformawha.

Fittixna li kemm jista' jkun, nindikaw il-prinċipji ta' din il-virtù li ġew ippruvati ma-

tul l-għoxrin seklu ta' l-istorja tal-Knisja u li minkejja t-tibdil u t-taqlib tal-mentalità tal-lum, għadhom validi anki fis-seklu tagħna.

Ippruvajna, imbagħad, li nintegraw dan it-tagħlim bir-riflessjoni li saret matul il-Konċilju u wara l-Konċilju dwar dan l-aspett tal-ħajja nisranija. Għalhekk sejjaħna t-tema li qed nittrattaw "STIL ĠDID TA' L-UBBIDJENZA". (5)

● ŻEWĠ MISTOQSIJIET

Irridu nwieġbu għal żewġ mistoqsijiet:

a) GĦAN-NISRANI TAL-LUM HIJA MEĦTIEĠA L-UBBIDJENZA jew jista' jgħaddi mingħajrha?

b) KIF GĦANDHA TKUN DIN L-UBBIDJENZA sabiex fil-waqt li tissodisfa l-esiġenzi tal-Vanġelu, tkun ukoll dinjituża għall-bniedem modern?

L-EWWEL PARTI

ĦI MEĦTIEĠA L-UBBIDJENZA?

I. L-IMPENJI LI ĠĠIB MAGĦHA L-MAGĦMUDIJA

In-nisrani huwa bniedem li laqa' s-sejħa t'Alla u rċieva l-Magħmudija, li mingħajrha ma jistax jikseb il-ħelsien. (6)

Bil-Magħmudija, allura, in-nisrani jibda
— ħajja ġdida,
— ħajja differenti minn dik tal-bnedmin l-oħra;
— hija ħajja ta' FIDI,
— Ħajja fi Kristu, ma' Kristu u għal Kristu. (7)
— Hija tishib tal-bniedem fil-misteru tal-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu kif ukoll imitazzjoni tiegħu. (8)

● In-Nisrani jikkopja lil Kristu

In-nisrani li jrid igħix skond il-vokazzjoni tiegħu u jkun leali għall-impenji li ġġib magħha l-Magħmudija, jeħtieġ li jagħmel ħiltu biex jikkopja fih lil Kristu u jimxi warajh bħala dixxiplu fidil tiegħu. (9)

L-imitazzjoni ta' Kristu u l-impenn li nimxu warajh bi spirtu ta' Fidi, huma s-sisien u l-qofol tal-ħajja nisranija, il-bażi li fuqha tinbena l-morali tagħna.

Tkun assurdità allura jekk in-nisrani ma joqgħodx għal din il-kondizzjoni mitluba minn Kristu nnifsu. F'dan il-każ, in-nisrani jkun qed jirrinunzja għall-vokazzjoni tiegħu u minn ta' nisrani ma jifdallux ħlief l-isem.

II IT-TRIQ TA' KRISTU, TRIQ TA' L-UBBIDJENZA

Issa t-triq li minnha għadda Kristu hija t-triq ta' sottomissjoni perfetta għar-rieda tal-Missier Tiegħu tas-smewwiet.

Dan jidher ċar mill-Vanġelu ta' San Ġwann. Kristu jistqarr:

"L-ikel tiegħi hu li nagħmel il-volontà ta' dak li bagħatni, sabiex inkompli l-opra

tiegħu" (10). "Inżilt mis-sema, mhux biex nagħmel ir-rieda tiegħi, iżda r-rieda ta' dak li bagħatni" (11). "U dak li bagħatni huwa miegħi, u ma jħallinix waħdi; għax jiena, dak li jogħġob lilu, nagħmel dejjem". (12)

Kristu, immela, kien jikkonsidra lilu nnifsu bħala mibgħut mill-Missier b'mandat divin, b'missjoni preċiża xi jwettaq fid-dinja, u fuq is-salib seta' jiddikjara li huwa qeda l-missjoni tiegħu u temm l-ordni li kien irċieva, "Kollox mitmum". (13)

● **Jekk irridu nimxu warajh**

Missierna San Pawl jinnota u jfaħħar din l-ubbidjenza perfetta ta' l-Iben t'Alla u jgħid għalih:

"iċċekken billi sar ubbidjenti sal-mewt, sal-mewt fuq is-salib; għalhekk Alla għollih u tah isem li hu fuq kull isem". (14)

Din hija t-triq li għadda minnha Kristu, u t-triq li jeħtieġ nagħżlu aħna, jekk aħna tassew fidili lejh u rridu nimxu warajh kif impenjajna ruħna fil-Magħmudija.

Għalhekk San Pietru jħeġġiġna:

"Bħala wlied ubbidjenti la ssirux taqblu max-xewqat ta' dari, fi żmien l-injoranza tagħkom, iżda, bħalma hu qaddis dak li sejħilkom, kunu intom ukoll qaddisin fl-imġieba tagħkom kollha". (15)

III. L-AWTORITA' FIS-SOĊJETA' U FIL-KNISJA

≋ F'Soċjetà

Imma ma jistax ikun hemm ubbidjenza

lejn Alla, bla ma jkollha x'taqsam xejn massitwazzjoni konkreta li fiha n-nisrani jinsab bħala bniedem fost il-bnedmin. (16)

Aħna bħala nsara nagħmlu parti mill-Knisja, qegħdin f'soċjetà organizzata kif riedha Kristu nnifsu.

Però ebda soċjetà kbira jew żgħira ma tista' tibqa' sħiħa għal żmien twil jekk ma jkunx hemm l-awtorità li żżomm flimkien il-membri u tiddirieġi l-ħidma tagħhom biex jinkiseb il-għan komuni li fil-każ tagħna hija t-twaqqif tas-saltna t'Alla u s-salvazzjoni ta' l-erwieħ.

≋ L-Awtorità f'idejn l-Appostli

Issa Kristu ħalla din l-awtorità f'idejn l-Appostli, u b'hekk indikalna lil min għandna nobdu bħala segwaċi tiegħu. "Kif il-Missier bagħat lili", qalilhom Ġesù, "hekk jiena nibgħat lilkom." (17)

Huwa "qiegħed bħala Kap fuq l-Appostli l-oħra lil San Pietru u fuqu waqqaf il-bidu u l-fundament, għal dejjem b'mod li jidher, ta' l-għaqda tal-fidi". (18)

Kristu għadda lill-Appostli s-setgħa tiegħu biex f'ismu jippriekaw lill-bnedmin, iqaddsuhom bis-sagramenti u jwiddbuhom biex iħarsu t-tagħlim divin tiegħu.

"Ġiet mogħtija lili kull setgħa, fis-sema u fl-art. Morru mela, għallmu l-ġnus kollha u għammduhom...

...Għallmuhom iħarsu dak kollu li jiena għidtilkom". (19)

≋ L-Awtorità ta' l-Isqfijiet

Nafu wkoll li s-suċċessuri ta' l-Appostli huma l-Isqfijiet għax huma jissoktaw fil-Knisja l-missjoni afdata minn Kristu lill-Appostli; huma mlibbsin bl-istess responsabbilità u bl-istess awtorità fit-treġija tal-Knisja, li kellhom it-tnax magħżula minn Kristu.

Kif igħallem il-Konċilju Vatikan II,

"L-Isqfijiet huma b'istituzzjoni divina mqiegħda fil-post ta' l-Appostli u bħala rgħajja tal-knisja, min jisma' lilhom jisma' lil Kristu u min jiddisprezza lilhom jiddisprezza lil Kristu u lil dak li bagħat lil Kristu". (20)

≋ L-Awtorità ġejja minn Alla

Biex inħajjarna nobdu iktar bil-qalb, l-Appostlu Missierna jagħmel appell għall-ispirtu ta' fidi tagħna u jgħallimna li l-awtorità fis-soċjetà ġejja minn Alla, qisha delegata Minnu. "Kulħadd għandu joqgħod għas-setgħat li jaħkmu għax ma hemmx setgħa jekk mhux minn Alla". (21)

— Għalhekk min jobdi lilhom ikun jobdi lil Alla,
— Min jirreżitilhom ikun jirreżisti lil Alla.

Kliem l-Appostlu huwa ċar u iebes:

"Min jeħodha kontra min għandu s-setgħa, jeħodha kontra dak li jrid Alla. U dawk li jagħmlu dan, jiġbdu fuqhom id-dannazzjoni". (22)

Meta nobdu, allura, ma nkunux nitbaxxew quddiem bniedem bħalna, imma nitbaxxew quddiem Alla, li jurina l-volontà tiegħu permezz ta' bniedem li għandu s-setgħa. (23)

Fl-aħħar mill-aħħar, ħadd ħlief Alla m' għandu jedd fuq il-kuxjenza tal-bnedmin, u għalhekk ħadd ħlief Alla u dawk li rċivew is-setgħa minn Alla, ma jistħoqqlu s-sottomissjoni ta' bnedmin oħra.

Is-superjur leġittimu għandu l-jedd jesiġi l-ubbidjenza għaliex huwa responsabbli quddiem Alla tal-ġid kommuni tas-soċjetà afdata f'idejh u bħala delegat t'Alla jinterpreta r-rieda tal-Mulej rigward il-bnedmin li huwa jrieġi.

≋ Il-Konċilju Vatikan II dwar l-Isqfijiet

Il-Konċilju Vatikan II, japplika dan il-prinċipju dwar l-awtorità bħala setgħa ġejja minn Alla, għal dawk li jrieġu l-insara fil-Knisja, meta jgħidilna:

"L-Isqfijiet isegwu l-knejjes partikulari fdati f'idejhom bħala vigarji u ambaxxaturi ta' Kristu, bil-pariri, bil-persważjoni, bl-eżempju, imma wkoll bl-awtorità u bis-setgħa sagra, li minnha ma jużawx jekk mhux biex jedifikaw il-merħla tagħhom fil-verità u fil-qdusija, waqt li jiftakru li l-ikbar wieħed irid isir bħall-iżgħar, u min hu kap bħala seftur.

"Din is-setgħa li jeżerċitaw personalment f'isem Kristu, hi proprja, ordinarja u immedjata, għalkemm fl-eżerċizzju tagħha, hi fl-aħħarnett imqiegħda taħt l-ogħla

awtorità tal-Knisja u f'ċerti limiti in vista tal-ħtieġa tal-Knisja u tal-fidili, tista' tiġi kkontrollata.

"Bis-setgħa ta' din l-awtorità l-Isqfijiet għandhom id-dritt sagru u quddiem is-Sinjur id-dmir, li jagħtu liġijiet lis-sudditi tagħhom, li jiġġudikaw u li jirregolaw kull ma jappartjieni lill-kult u lill-apostolat". (24)

IV. IL-KOLLABORAZZJONI U L-UNITA' JESIĠU L-UBBIDJENZA

L-Impenji tal-Griżma ta' l-Isqof

Din ir-relazzjoni bejn l-Isqfijiet u l-insara tkompli tidher iktar fiċ-ċar, meta wieħed jirrifletti dwar is-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof u l-impenji li jġib miegħu.

Dan is-sagrament difatti, fil-waqt li jipperfezzjona l-ħajja sopranaturali u l-virtujiet li n-nisrani kien irċieva fil-Magħmudija, jagħmel ukoll minnu suldat ta' Kristu u kollaboratur fit-tixrid tas-saltna t'Alla bil-jedd u d-dmir li jiddedika ruħu mill-aħjar li jista' għall-ħidma ta' apostolat.

Il-Konċilju u l-Apostolat tal-Lajċi

Però, kif f'armata, kull suldat jeħtieġ li jkun leali u sottomess għall-mexxejja tiegħu, hekk ukoll fil-ħidma ta' l-apostolat, in-nisrani għandu jkun doċili lejn dawk li għandhom il-missjoni li jrieġu u jikkordinaw l-attività

apostolika, altrimenti jkun hemm diżordni u tfixkil fit-tixrid tas-Saltna t'Alla.

"L-Apostolat tal-lajċi — kif igħallimna l-Konċilju — kemm jekk jitwettaq minn individwi u kemm minn insara miġburin f'għaqda, għandu jifforma sehem, bl-ordni xieraq mill-Apostolat tal-Knisja kollha.

"Anzi l-għaqda ma' dawk li l-Ispirtu Santu ħatar biex imexxu l-Knisja, hi element essenzjali ta' l-apostolat nisrani. Hi wkoll ta' ħtieġa l-kooperazzjoni bejn diversi inizjattivi ta' l-apostolat, li għandha tiġi ordinata kif jixraq mill-Ġerarkija". (25)

"Il-Griżma, allura, iġġib magħha att ta' fedeltà lejn il-Kapijiet Ġerarkiċi tal-Knisja, anzi impenn solenni lejn l-Isqof u s-suċċessuri tiegħu". (26)

Ħtieġa ta' l-Għaqda fl-Imħabba

Ħtieġa oħra tal-Poplu t'Alla hija l-unità jew l-għaqda fl-imħabba tal-membri bejnethom u mar-Ras tal-Knisja li huwa Kristu.

Għal dan il-għan, Ġesù waqqaf l-Ewkaristija bħala sagrament li jfisser dina l-għaqda u jsaħħaħha fost il-wemmiena.

Kristu, "li tana l-preċett ta' l-imħabba u li l-aħħar xewqa tiegħu kienet l-unità, ried jibqa' fl-Ewkaristija bħala prinċipju li jnissel din il-karità fraterna, sabiex fil-waqt li jgħaqqadna miegħu, insiru Ġisem wieħed, immexxijin mill-Ispirtu ". (27)

Biex iseħħ dana kollu fil-prattika, jeħtieġ però fil-fidili, rieda tajba, ħalli fil-waqt li jipprovaw jifhmu l-misteru ta' l-episkopat u talħajja pastorali, jagħmlu ħilithom biex jaqsmu ma' l-Isqof il-preokkupazzjonijiet tiegħu u bħala wlied għaqlin, ikollhom l-istess veduti tiegħu. (28)

Mingħajr din il-karità lejn l-Isqof u doċilità lejh, l-unità fil-Knisja tkun imfixxkla bi sħiħ.

L-ubbidjenza, mela, hija element fil-ħajja ekkleżjali li jżomm miġburin fiimkien ilmembri tal-Knisja, u jagħmel minnha organizzazzjoni qawwija u magħquda.

IT-TIENI PARTI

KIF GĦANDHA TKUN L-UBBIDJENZA

(A) ATMOSFERA TA' RISPETT REĊIPROKU

Però, l-insara għandhom juru din l-ubbidjenza bħala bnedmin maturi u mhux għax imġegħlin bilfors jew għax jibżgħu mit-theddid tal-kastig.

Huma għandhom jobdu:

1) għaliex iħossuhom konvinti mill-ħtieġa ta' l-ubbidjenza fil-ħajja ekkleżjali,

2) u għaliex jaċċettaw bil-qalb il-pjan ta' Alla,

— bi spirtu ta' fidi

— u ta' mħabba ġenwina lejn il-Knisja.

Huwa ndispensabbli, għaldaqstant, ir-rispett lejn id-dinjità tal-persuna umana

- sewwa f'min jobdi
- kif ukoll f'min jikkmanda.

—. Is-Superjur jagħraf it-toqol ta' l-Ubbidjenza

Is-superjur m'għandux jinsa li l-ubbidjenza hja virtù diffiċli għax timmortifika dak li l-bniedem għandu l-iktar għażiż għalih; il-volontà u l-opinjoni proprja.

Is-superjur, allura, ifittex kull mezz li jista' sabiex it-toqol ta' l-awtorità tiegħu fuq issudditi jinħass mill-inqas.

M'għandhiex tonqos fis-superjur il-fiduċja fl-għajnuna t'Alla u fil-grazzja ta' l-istat tiegħu, però huwa għandu jħabrek u jitlob kontinwament biex jikseb dawk il-kwalitajiet ta' "leadership" u biex jitgħallem is-sengħa delikata li biha jrieġi l-oħrajn.

— Is-Superjur ikollu ħlewwa u fermezza

Huwa ta' siwi kbir għalih:

- id-drawwa li josserva dak li jiġri madwaru;
- it-tjubija li tifhem u tagħder lil ħaddieħor;
- viżjoni ċara ta' l-għanijiet li jrid jilħaq u ta' l-aħjar mezzi li jwassluh għalihom;
- ħlewwa msieħba minn fermezza;

- umiltà li biha jagħraf il-limiti tiegħu nnifsu u l-possibilità li jiżbalja;
- attenzjoni għas-sensibilità ta' l-oħrajn
- u disponibbilità għad-djalogu ma' persuni ta' fehmiet differenti minn tiegħu.

Huwa dmir ukoll tas-superjur, li jżomm dejjem għajnejh miftuħin biex ma jaqbiżx il-limiti tal-kompetenza tiegħu. Jeħtieġ ukoll li josserva l-prinċipju tas-sussidjarjetà billi jħalli kamp lid-dipendenti tiegħu, fejn jistgħu jħaddmu l-intelliġenza u t-talenti tagħhom.

— Is-Superjur u individwi "diffiċili"

Huwa m'għandux jeħodha bi kbira jekk jiltaqa' ma' individwi b'tendenza paranojka, li jaħsbu li dejjem għandhom raġun huma u li għalihom xejn m'hu ġust ħlief il-ġudizzju tagħhom. (29)

Elementi bħal dawn għandhom dispożizzjoni innata, u li kważi ma tistax tintrebaħ li jirreżistu kull ordni li jirċievu, u għalhekk l-ubbidjenza fihom hija kważi impossibli.

Sudditi bħal dawn huma debboli u jeħtieġu li jiġu ttrattati b'delikatezza u kura speċjali.

(B) RELAZZJONI BEJN IL-KUXJENZA U L-AWTORITA'

Fl-interess imbagħad, sewwa tas-superjuri kif ukoll tas-sudditi li jippruvaw jifhmu r-relazzjoni ġusta bejn il-kuxjenza u l-awto-

rità.

Id-dinjità tal-bniedem tikkonsisti preċiżament fil-kapaċità li jiżviluppa l-persuna tiegħu, skond il-pjan u x-xewqa t'Alla, permezz ta' l-għażliet u d-deċiżjonijiet liberi u raġonevoli li jagħmel.

✠ Dmir li jimxi fuq il-Kuxejnza

"Il-bniedem jagħraf u jifhem il-kmandi tal-liġi divina bil-għajnuna tal-kuxjenza tiegħu; għandu jimxi magħha bil-fedeltà, filħidma kollha tiegħu sabiex jasal għand Alla li hu l-fini tiegħu.

"Għalhekk, m'għandux ikun imġiegħel li jmur kontra l-kuxjenza tiegħu. Imma l-anqas għandu jkun imfixkel milli jimxi skond il-kuxjenza, l-aktar fi ħwejjeġ reliġjużi". (30)

Il-bniedem, immela, għandu mhux biss il-jedd, imma wkoll id-dmir li jimxi skond il-kuxjenza tiegħu.

✠ Dmir li jifforma l-Kuxjenza retta

Però l-kuxjenza mhix awtonoma, ma toħloqx hi l-liġi, imma tapplika l-liġi t'Alla għall-għemil konkret tal-bniedem.

Importanti, għalhekk li l-kuxjenza tkun retta, jiġifieri ffurmata tajjeb. Għaldaqstant hadd m'hu eżenti mir-responsabilità li jifforma l-kuxjenza tiegħu skond il-valuri u l-prinċipji tat-tagħlim nisrani ġenwin.

Il-libertà tal-kuxjenza u l-Ubbidjenza lejn il-Knisja

Ma jistax għalhekk in-nisrani jinjora dak li tgħid il-Knisja, bl-iskuża li l-kuxjenza weħidha hija biżżejjed.

"L-insara, ikompli jgħallimna l-Konċilju — waqt li jifformaw il-kuxjenza tagħhom għandhom jagħtu każ bir-reqqa tat-tagħlim qaddis u ċert tal-Knisja. Dan għaliex il-Knisja Kattolika kif irid Kristu hija l-għalliema tal-verità u dmirha hu li tħabbar u tgħallem bl-awtorità l-Verità, li hu Kristu, u fl-istess ħin tistqarr u ssaħħaħ bis-setgħa tagħha l-prinċipji ta' l-ordni morali li joħorġu minnatura nfisha tal-bniedem." (31)

In-nisrani, mela, biex jasal għal deċiżjonijiet għaqlin tal-kuxjenza tiegħu, jieħu f' konsiderazzjoni xierqa dak li jiddisponu l-mexxejja tal-Knisja, li fiha huwa msieħeb għax irid hu u bil-libertà kollha.

Il-prinċipju tal-libertà tal-kuxjenza, jeżiġi iva rispett tal-personalità umana ta' kull bniedem imma ma jeżentax lill-insara middmir ta' lealtà lejn l-Awtorità tal-Knisja u ta' sottomissjoni lejha.

Dmir tas-Sudditi lejn is-Superjur

Mill-banda l-oħra, is-sudditi jeħtieġ li jirrispettaw il-libertà ta' kuxjenza tas-superjur tagħhom u jkollhom fiduċja fit-tmexxija tiegħu.

M'hemm xejn ħażin li wieħed jgħarraf

bl-idejat u bix-xewqat tiegħu lis-superjur, imma tkun ħaġa nġusta u nuqqas ta' lealtà, jekk is-sudditi, bit-tama li jiksbu xi vantaġġ għalihom jippruvaw iqarrqu bis-superjur tagħhom, juruh ħaġa b'oħra, jew jagħmlu pressjoni fuqu biex bis-sewwa jew bid-dnewwa jimponulu l-fehmiet u l-għażliet tagħhom.

(C) SOLIDARJETA' PASTORALI

Ħidma flimkien

Barra mir-rispett reċiproku u fiduċja fl-oħrajn, hija meħtieġa solidarjetà u ħidma flimkien ta' l-insara u l-mexxejja tagħhom.

Difatti l-Poplu t'Alla kollu, skond il-pjan tal-Mulej, għandu jwettaq fid-dinja l-missjoni tiegħu

- profetika,
- saċerdotali,
- u regali. (32)

Diversi huma l-funzjonijiet u t-tqassim ta' servizzi li kull membru għandu jwettaq skond il-vokazzjoni proprja tiegħu: differenti l-qadi li jagħti lill-Poplu t'Alla, l-Isqof minn dak li jagħti s-saċerdot, ir-reliġjuż jew is-sekular; imma kollha jaħdmu għal skop wieħed u jwettqu flimkien missjoni waħda.

Minn din il-kollaborazzjoni jew ħidma flimkien ta' diversi membri b'funzjonijiet differenti tirriżulta l-ħajja tal-Knisja u l-influwenza tagħha fost il-bnedmin.

Responsabilità ta' kulħadd

F'din l-epoka post-konċiljari, hemm bżonn li nifhmuha li l-prosperità tal-Knisja mhix ir-responsabbiltà ta' l-Isqof jew tas-saċertoti biss, imma ta' dawk kollha li jagħmlu sehem minnha.

Kif dawk kollha li jivvjaġġjaw, u mhux il-baħrin biss, huma ħerqanin li l-vapur li qegħdin fuqu jżomm fil-wiċċ u jasal fil-port; hekk ukoll l-insara kollha għandhom jinteressaw ruħhom mis-soċjetà li qegħdin fiha.

Fl-istess ħin m'għandhomx jinsew dak li tenna Kristu, li meta jiġi msawwat ir-ragħaj, in-nagħaġ tal-merħla jixxerdu. (33)

Il-Kontribut tal-Lajċi

L-insara, speċjalment dawk li għandhom esperjenza u tagħlim, u għalhekk huma iktar ippreparati, m'għandhomx jonqsu li jagħtu l-kontribut siewi tagħhom biex tiġi ffurmata opinjoni pubblika fil-Knisja.

Għalihom igħid il-Konċilju:

> **"Skond il-għerf, il-kompetenza u l-prestiġju li jgawdu, għandhom issetgħa, anzi kultant anki d-dmir li juru l-parir tagħhom fuq ħwejjeġ li jirrigwardaw il-ġid tal-Knisja. Jekk ikun hemm bżonn, dan jagħmluh permezz ta' l-organi mwaqqfin għal dan l-iskop mill-Knisja u dejjem bil-verità, qawwa u prudenza, b'riverenza u karità lejn dawk li, minħabba l-uffiċċju qaddis tagħhom, jippreżentaw lil Kristu."** (34)

Għal dan iservu l-organi ta' konsultazzjoni, bħal ma huma l-Kunsill Pastorali Djoċesan u l-Kunsill Parrokkjali; u l-insara għandhom jinqdew bihom biex jesprimu l-opinjoni tagħhom, ispirati dejjem mill-imħabba sinċiera lejn il-Knisja.

Ġesù, fil-lejla ta' qabel il-passjoni tiegħu, talab biex ilkoll ikunu ħaġa waħda kif hu u l-Missier huma ħaġa waħda. (35)

Unita' bejn l-Awtorita' u l-Membri

DIN HIJA X-XEWQA TA' ĠESU'; DIN HIJA ĦTIEĠA LI TINĦASS ħafna fil-KNISJA ta' wara l-KONĊILJU;

li ċioè r-rgħajja u l-erwieħ afdati f'idejhom ikunu ħaġa waħda, marbutin flimkien bil-karità, u jwettqu alenija, il-missjoni pastorali tagħhom fid-dinja.

Meta Ġesù, esprima dik x-xewqa tiegħu, ma kellux quddiem għajnejh biss l-għaqda ekumenika ma' ħutna separati, imma wkoll l-għaqda u l-armonija bejn dawk li għandhom l-awtorità u l-membri l-oħra tal-Knisja.

"U la darba l-Knisja hija kommunità ta' bnedmin, l-unità bejn l-awtorità u l-membri ma tkun qatt perfetta". (36)

Minn hawn jitnissel id-dmir, li nitolbu bla waqfien għal dan l-idejal u nħabirku għalih.

GĦELUQ

ĦAMES SNIN WARA L-KONĊILJU

● Programm ta' Ħidma

Il-Knisja tal-lum għandha programm mill-isbaħ xi twettaq: l-attwazzjoni tad-dokumenti u tad-direttivi tal-Konċilju li għalaq ħames snin ilu. Ikun għajb għall-ġenerazzjoni tagħna, jekk ħtija ta' l-indifferenza jew nuqqas ta' qbil bejn l-insara, programm hekk importanti jibqa' fuq il-karta.

Il-mejjet Papa Ġwanni XXIII, li ħabbar u beda l-Konċilju kien irrikmanda talba għassuċċess ta' din l-opra minnu mibdija. Għal ħafna xhur, ta' kuljum konna ngħiduha filknejjes tagħna, ta' kuljum konna nitolbu u ngħidu lill-Ispirtu Santu: "Inti li tgħammar bil-ħlewwa fir-ruħ, saħħaħ l-imħuħ tagħna fil-verità u ddisponi kif imiss il-qlub tagħna lejn l-ubbidjenza, biex b'qima sinċiera nilqgħu, u b'rieda sħiħa nwettqu dak kollu li jkun stabbilit fil-Konċilju." (37)

● Aħna u l-Konċilju

Illum li nafu liema huma d-dispożizzjonijiet tal-Konċilju, nistgħu forsi aħna ninjorawhom, jew dak li hu agħar, nirreżistu kontrihom? Jekk inħobbu verament lill-Knisja, ma nistgħu qatt nieħdu dan l-atteġġjament.

● Aħna u l-eżempju tal-Papa

Ngħollu, pjuttost, il-ħarsa riverenti tagħna, lejn Missierna l-Papa Pawlu VI, il-mexxej tal-Knisja Universali u nosservaw b'liema ħeġġa u entużjażmu qed iħabrek sabiex jiġu attwati d-deċiżjonijiet tal-Konċilju.

L-eżempju tiegħu huwa għalina gwida żgura fil-ħajja tagħna; il-kelma tiegħu hija bħal dawl li jbiegħed kull dell ta' dubju u qtiegħ il-qalb li jistgħu jimbtu fina; hija kelma li aħna bħala wlied fidili tal-Knisja naċċettaw bil-qalb, ċerti li b'hekk inkunu nwettqu tabilħaqq ir-rieda ta' Kristu.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAR-RANDAN

Nagħlqu din l-ittra tagħna, billi nħeġġukom ħalli matul ir-Randan Imqaddes, thejju ruħkom kif jixraq għas-sollenità ta' l-Għid.

Għad li kif tafu, is-sawn u l-astinenza ġew imnaqqsin ħafna, imma xorta jibqa' l-obbligu li f'dan iż-żmien nitħarrġu fil-virtù tal-penitenza u naħsbu iktar bis-serjetà filinteressi ta' ruħna.

F'dan iż-żmien ta' grazzja, nirrikmandaw fost ħwejjeġ oħra

— id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija u lejn il-Madonna,
— il-qari tal-Kotba Mqaddsa
— it-talb
— u fuq kollox il-meditazzjoni tal-Kelma

t'Alla u tal-veritajiet eterni,
— kif ukoll l-opri ta' ħniena mal-proxxmu tagħna.

15 ta' Frar 1971.

RIFERENZI

(1) Il-Q.T. il-Papa Pawlu VI: Diskors fi-udjenza ġenerali tas-16 t'Ottubru 1968.
(2) Ad Galatas 1:10.
(3) Cfr. Kardinal Gabriel M. GARRONE "L'obeissance et la formation a' l'obeissance" pag. 7.
(4) Presbyterorum Ordinis 7, 15. Perfectae Caritatis 14.
(5) Cfr. Gino CONCETTI "Il Consiglio Pastorale" Oss. Romano 17/1/71.
(6) Cfr. Mark. 16:16.
(7) Cfr: Ad Galatas 2:19; Ad Philippenses 1:12.
(8) Cfr: II ad Corinthios 4:11; 13:14; Ad Philip. 3:10.
(9) Cfr: Luka 9:23.
(10) S. Ġwann 4:34.
(11) S. Ġwann 6:38.
(12) S. Ġwann 8:29.
(13) S. Ġwann 19:30.
(14) Ad Philip. 2:8, 9.
(15) I. S. Pietru 1:14, 15.
(16) R. SCHNACKENBURG "The Moral Teaching of the New Testament" pag. 98.
(17) S. Ġwann 20:21.
(18) Lumen Gentium n. 18.
(19) S. Mattew 28:18-20.
(20) Lumen Gentium n. 20 — S. Luqa 10:16.
(21) Ad Romanos 13:1.
(22) Ad Romanos 13:2.
(23) Cfr: GARRONE Op. Cit. pag. 7, 8
(24) Lumen Gentium n. 27.
(25) Apostolicam Actuositatem n. 23.
(26) Mons. F. TONOLO "Parrocchia e Liturgia" pag. 102.
(27) P.R. LOMBARDI "Per Vivere il Concilio" pag. 205.
(28) Cfr: Mons. A. M. CHARUE "Il Clero Diocesano" pag. 276.
(29) Cfr: R. BIOT — B. GALIMARD "Guida Medica delle Vocazioni" pag. 272.

(30) Dignitatis Humanae n. 3.
(31) Dignitatis Humanae n. 14.
(32) Cfr: Lumen Gentium. It-tieni u r-Raba' Kapitlu.
(33) S. Mattew 26:31; S. Mark 14:27.
(34) Lumen Gentium n. 37.
(35) S. Ġwann 17:21.
(36) J.L. MCKENZIE SJ. "L'autorita' nella Chiesa", pag. 243.
(37) Talba lill-Ispirtu Santu għall-Konċilju Ekumeniku.

7. TAĦT IL-ĦARSIEN TA' SAN ĠUŻEPP

Għaddew diġa' mitt sena, minn mindu l-Papa Piju Disgħa, bid-digriet "Quemadmodum Deus" (1) iddikjara lill-Patrijarka San Ġużepp, Patrun tal-Knisja Universali. Ma kienitx l-ewwel darba li qaddis jew qaddisa jiġu magħżula biex ikunu vvenerati bħala patruni ta' xi belt jew nazzjon.

Pero' din il-proklamazzjoni kienet ħaġa speċjali; mhux biss għaliex il-Knisja Kattolika kollha kemm hija ġiet imqiegħda uffiċjalment taħt il-ħarsien ta' San Ġużepp, imma wkoll għal raġuni oħra iktar importanti.

Dan il-pass ma kienx jiddependi biss middeċiżjoni libera tal-Papa, kif jiġri fil-każ ta' ħafna qaddisin protetturi oħra, imma kien att solenni li bih l-aqwa awtorita' tal-Knisja, ir-

rikonoxxiet il-misteru evanġeliku li fih għandu sehem il-Qaddis Patrijarka u l-pjan li Alla l-Imbierek sa mill-bidu tagħha, hejja għassoċjeta' ta' dawk li jemmnu fi-Iben Tiegħu. (2)

B'din il-proklamazzjoni allura, San Ġużepp ma rċeviex xi missjoni ġdida li qabel ma kellux, imma ġiet magħrufa u mxandra l-missjoni li kienet fdata lilu sa minn meta kien għadu jgħix fid-dinja u li huwa ilu jwettaq kemm ilha teżisti l-Knisja.

Għażla t'Alla taqa' fuq l-umli

Fit-tmexxija tal-ħlejjaq tiegħu, Alla ħafna drabi jagħżel dak li d-dinja tiddisprezza, jagħżel bħala strumenti tal-ħidma tiegħu, ħwejjeġ li fihom infushom huma ta' mportanza żgħira; u Alla jagħmel hekk sabiex il-bnedmin ma jitkabbrux, ma jaħsbux li s-suċċess kisbuh bil-ħila tagħhom biss u ma jisirqux lil Alla l-ġieħ li jistħoqqlu. (3)

Hekk Alla l-imbierek li bagħat l-Iben Unigenitu tiegħu fid-dinja, u riedu jieħu sura ta' tarbija żgħira ġewwa Betlem, ma marx jafdah f'idejn xi sultan tad-dinja, imma għażel il-Ħaddiem fqajjar ta' Nazareth, l-umli mastrudaxxa Ġużeppi sabiex ikun il-ħarsien tiegħu.

U meta Ġesu' tarbija kien imfittex għallmewt, Alla, biex iġib fix-xejn il-kburija ta' Erodi u jħarbat id-disinji kiefra ta' dan issultan, inqeda b'Ġużeppi li msejjaħ mill-anġlu, ħarab bil-Familja lejn l-Eġittu u hekk sa'va mill-qerda lit-tarbija divina. (4)

Dak li ġara fil-ħajja ta' Kristu, jiġri wkoll

fil-ħajja tal-Knisja Mqaddsa li hija l-ġisem Mistiku tiegħu. (5) Meta fis-seklu li għadda, din il-Knisja kienet imhedda minn perikoli kbar u eżerċti qawwija kienu armati kontriha, Alla nebbaħ lill-Papa Piju IX biex ifakkar lill-insara li l-Knisja qegħda taħt il-ħarsien tal-umli qaddis ta' Nazareth u b'hekk iġib fix-xejn is-suppervja ta' l-għedewwa tagħha.

Ġużeppi tar-Rabta l-Qadima u Ġużeppi tal-Vanġelu

Il-predikaturi kattoliċi, f'Ġużeppi, viċe-re ta' l-Eġittu msemmi fil-Ġenesi (6) jilmħu mudell u tip ta' Ġużeppi msemmi fil-Vanġelu. Lewwel wieħed wera onesta' fit-twettiq ta' dmirijiet fil-familja żgħira tas-sid tiegħu Putifar; għal xi żmien sab ruħu fid-dalma tal-ħabs u wara li ġie msejjaħ biex ifisser il-ħolmiet tassultan Farawni, ġiet lilu mogħtija setgħa kbira fl-Eġittu, u rnexxielu jsalva mill-ġuħ lil dak il-poplu.

Hekk ukoll San Ġużepp, matul ħajtu kien jaħdem u jistinka għall-familja żgħira ta' Nazareth; wara mewtu, għal xi żmien ismu kien fl-oskurita', pero' fl-aħħar wasal il-mument meta mhux biss il-kittieba kattoliċi, imma saħansitra l-Papiet tawh il-ġieħ li kien jixraqlu u ndikawh bħala mudell ta' l-insara.

Kif Ġużeppi tal-Eġittu sar is-salvatur ta' pajjiżu u ta' popli sħaħ, hekk San Ġużepp tistħoqqlu d-dinjita' li jissejjaħ il-patrun talpoplu t'Alla, il-protettur tal-familja kbira ta' dawk kol'ha li jemmnu fi Kristu.

Dan ix-xebh bejn Ġużeppi tat-Testment il-

Qadim u l-Patrijarka San Ġużepp, il-Papa Piju IX, jfissru b'dawn il-kelmiet: "Kif il-Kbir Alla mar jagħżel lil dak Ġużeppi iben il-Patrijarka Ġakobb, b'kap ta' l-Eġittu, sabiex jikkonserva l-qmugħ għal dak il-poplu; hekk ukoll, fil-milja taż-żminijiet, x'hin ġie biex jibgħat lill-Iben Uniġenitu Tiegħu, Salvatur tad-dinja, ħatar lil Ġużeppi ieħor, li tiegħu l-ewwel Ġużeppi kien figura; u mqiegħed minn Alla, bħala prinċep tad-dar tiegħu, huwa mantna lil Dak, li l-poplu nisrani kellu jirċievi bħala ħobż nieżel mis-sema, biex ikollu l-ħajja ta' dejjem" (7).

Il-Familja ta' Nazareth u l-Knisja

Il-Vanġelu jagħti xhieda ċara li San Ġużepp wettaq b'fedelta' kbira l-missjoni speċjali li għaliha ġie magħżul minn Alla, jiġifieri dik li bħala kap tal-Familja ta' Nazareth jieħu ħsieb ta' Ġesu' fi tfulitu u jħares ukoll lill-Verġni Mqaddsa bħala Għarusa l-iżjed safja tiegħu. (8)

Ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li f'dak iż-żmien, il-Knisja kienet rappreżentata f' dawk iż-żewġ personaġġi qaddisa. Bħal ma żerriegħa, għad li tkun għadha ma nibtitx, imma potenzjalment tiġbor fiha x-xitla kollha, hekk ukoll għad li l-Knisja ta' Kristu kien għadha ma ġietx imwaqqfa uffiċjalment, imma kellha bħala nuklewu tagħha lil Ġesu' u lil Marija.

Matul ħajtu fid-dinja, San Ġużepp kien diġa' beda l-missjoni tiegħu li jieħu ħsieb il-Knisja, li f'Ġesu' u f'Marija kellha l-bidu tagħha u f'dawk it-tnejn kienet miġbura. (9)

Illum li huwa qed igawdi l-glorja tas-sema u li l-Knisja kibret u nfirxet mad-dinja kollha, il-Kbir Patrijarka għadu u jibqa' jwettaq il-missjoni nobbli u speċjali li rċieva minn Alla, jiġifieri dik li bil-qawwa setgħana tiegħu jipprotieġi l-merħla ta' Kristu kollha kemm hi.

F'dawn il-ġranet li fihom qed jiġi ċċelebrat ċ-ċentinarju tal-Proklamazzjoni ta' San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja, hija ħaġa xierqa, li aħna mhux biss inqawwu l-fiduċja tagħna fis-setgħa tiegħu, imma li minnu wkoll nitgħallmu s-sens ta' responsabbilita' li għandu jkollna lejn il-Knisja, Ommna. Kif huwa qeda bir-reqqa l-missjoni tiegħu bħala Protettur tal-Knisja ta' Kristu, hekk minnu għandna nitħajru nkomplu dejjem sewwa d-dmirijiet tagħna bħala membri tagħha.

San Ġużepp u l-irġiel Kattoliċi

B'mod partikolari, il-Qaddis Kap tas-Sagra Familja, għandu jkun xempju u mudell għall-irġiel kattoliċi, jiġifieri għal dik il-kategorija ta' nsara li mhux dejjem jikkorrispondu kif imiss mas-sejħat li jsirulhom ħalli jkunu membri maturi, virtużi u apostoliċi tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu.

Lil dawk li ħsiebhom biss fil-ħajja tagħhom tal-ġisem u li jwarrbu fil-ġenb l-esiġenzi tar-ruħ u l-ħsieb tal-ħajja li għad trid tiġi, il-Patrijarka ta' Nazareth, li kien hekk familjari ma' l-Iben t'Alla magħmul bniedem, jgħallimhom li jekk jitbiegħdu minn Alla, ma jistà' jkun qatt li jsibu l-paċi tal-qalb u l-ħajja

tagħhom tkun vojta u bla siwi.

San Ġużepp li dejjem obda għar-rieda ta' Alla u li b'sagrifiċċju personali tiegħu, iddedika ħajtu għall-familja Mqaddsa, huwa ċanfira għal dawk li ħafna drabi jikkompromettu l-ħidma qaddisa tal-Knisja, għax m'humiex lesti li jissagrifikaw il-fehmiet privati tagħhom u jikkollaboraw għall-ġid komuni.

● **L-irġiel** li jixtiequ li f'darhom ikollhom il-barka tal-Mulej u li l-familja tagħhom tibqa' dejjem magħquda fil-ferħ u fin-niket, iħarsu lejn Ġużeppi u minnu jitgħallmu r-rispett lejn il-mara tagħhom u l-fedelta' fiż-żwieġ.

● **Il-miżżewġin insara,** min-naħa tagħhom mimlijin ħeġġa lejn Marija u Ġużeppi, mudelli mill-aqwa ta' l-imħabba fiż-żwieġ u l-iktar tas-safa', isibu fihom l-isbaħ eżempji kif iżommu ruħhom fidili fi-għaqda taż-żwieġ, li ma jinħallx, imma jibqa' dejjem uniku u sħiħ fil-qdusija, għax mgħolli bil-grazzja għaddinjita' ta' simbolu ta' l-għaqda ta' Kristu ma' l-għarusa mistika tiegħu, il-Knisja, b mod illi ż-żwieġ nisrani jsir minħabba f'hekk mezz l-iktar siewi għall-qdusija personali tal-miżżewġin u għall-veru hena tagħhom. (10)

● Il-ġenituri nsara, fil-ġrajjiet tal-ħajja ta' San Ġużepp, għandhom xempju kif għandha titwettaq il-missjoni delikata u diffiċli ta' l-edukazzjoni ta' wliedhom.

● Fl-aħħarnett, il-ħaddiema nsara kollha

jsibu ħafna x'jimitaw fil-ħajja bieżla u moħbija tal-Kbir Patrijarka. "Huwa li f'ħajtu qeda bir-reqqa d-dmirijiet tiegħu ta' kuljum, ħalla eżempju lil dawk li jeħtiġilhom jaqilgħu ħobżhom bix-xogħol ta' idejhom. Huwa kiseb it-titolu ta' bniedem ġust, u b'hekk sar mudell tal-ġustizzja nisranija li għandha ssaltan fil-ħajja soċjali." (11)

Kieku l-irġiel ta' gżiritna, fuq l-eżempju ta' San Ġużepp, jipproponu bis-serjeta' li jaqdu fedelment id-dmirijiet tagħhom bħala nsara, kapijiet tal-familja u ħaddiema, kieku s-soċjeta' tagħna tinbidel bħan-nhar mil-lejl u din it-tibdila tisfa ta' ġid mhux biss għall-Knisja, imma wkoll għal art twelidna.

24 ta' Lulju 1971

RIFERENZI

(1) Degriet tas-S. Kongregazzjoni tar-Riti bid-data tat-8 ta' Diċembru 1870.
(2) Cfr. Cardinal A. I. Schuster. O.S.B. "Liber Sacramentorum" vol. VII paġ. 137.
(3) Cfr. L-ewwel ittra ta' San Pawl lill-Korintin I, 27-29.
(4) Matt. II. 13-23.
(5) Cfr. I. Korintin 12, 12-27.
(6) Ġenesi kap. 37-50.
(7) Digriet "Quemamodum Deus" tat-8-12-1870.
(8) Cfr. Matt. I. 19-24, Matt. II. 13-14; 19-20; Luqa II. 1-5, 41-51.
(9) Enċiklika ta' Leone XIII. "Quamquam Pluries". "Domus divina, quam Joseph, velut potestate patria gubernavit, initia exorientis Ecclesiae, continebat."
(10) Mill-ittra tal-Kardinal Giovanni Villot, Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan, fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Ċentinarju mill-Proklamazzjoni ta' San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali.
(11) Enċiklika ta' Piju XI. "Divini Redemptoris" n. 81.

DAĦLA

Fuq l-imħabba hija mibnija r-Reliġjon Imqaddsa ta' Kristu, li aħna, għall-grazzja ta' Alla, għandna x-xorti li nistqarru.

L-Imgħallem Divin tagħna, għallimna li għandna nħobbu lill-bnedmin kollha, mingħajr ebda eċċezzjoni; inħobbu saħansitra lill-egħdewwa tagħna, lil dawk li jobogħduna u jagħmlulna d-deni. "Ħobbu 'l egħdewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil dawk li jobogħdukom: u itolbu għal min jippersegwitakom u jikkalunjakom." (1)

Però, għad li aħna ma nistgħu neskludu lil ħadd minn imħabbitna, dan ma jfissirx li għandna nħobbu lil kulħadd xorta waħda u

ndaqs. Din l-imħabba tista' tkun ikbar jew iżgħar

- skond ma jkunu kbar il-kwalitajiet tajba tal-persuna li nħobbu,
- skond kif ikunu r-rabtiet li għandna magħha,
- kif ukoll skond id-dmirijiet ta' rikonoxxenza li jkollna lejha.

Jeżisti allura ordni fid-dmirijiet ta' karità u l-Liġi t'Alla stess turina li għandna nħobbu lil xi whud mill-proxxmu tagħna, iżjed milli nħobbu lill-oħrajn. (2)

- **L-imħabba lejn il-FAMILJA**

Din l-imħabba għandha l-bidu tagħha fi **ħdan il-familja**, għaliex l-ewwel u l-aqwa rabtiet li jgħaqqdu l-bnedmin bejniethom, huma rabtiet familjari. Fost il-proxxmu kollu, l-ewwel nies li għandhom dritt għal imħabbitna huma dawk li jagħmlu parti mill-familja tagħna; magħhom li għandna l-ikbar dejn ta' rikonoxxenza u lilhom għandna nuru qabel u iżjed minn kulħadd ir-rispett u l-affetti ta' qalbna.

- **L-imħabba lejn ART TWELIDNA**

Madankollu l-familja mhix l-ambjent waħdieni li fih aħna nikbru u ngħixu; bħala bnedmin, insibu ruħna wkoll f'soċjetà ikbar li fiha

- il-ħbiberija,
- l-ilsien,

- ir-razza,
- it-tifkiriet ta' l-imgħoddi,
- u l-liġijiet komuni

jgħaqqduna flimkien:
Hija ART TWELIDNA.

U kif in-nisrani għandu d-dmir li jħobb il-familja tiegħu u jagħmel li jista' biex iżżomm magħquda fil-hena u fis-sliem; hekk ukoll u xejn inqas huwa d-dmir li jħobb l-art twelidu u jikkontribwixxi s-sehem tiegħu għall-ġid komuni tagħha.

Osservazzjoni

Proprju fuq dan is-suġġett ħassejna li għandna nkellmukom fi-Ittra Pastorali tagħna għal dan ir-Randan Imqaddes. Il-fehma tagħna hija li nagħtukom tagħlim morali, li jista' jinkiseb mir-raġuni, mir-Rivelazzjoni kif ukoll mir-riflessjoni teoloġika li l-Knisja Kattolika, f'pajjiżi u f'epoki differenti, għamlet fuq dan il-punt.

Nixtiequ nagħmluha ċara wkoll li dak li ser ngħidu huwa espożizzjoni ta' prinċipji u konklużjonijiet morali, validi dejjem u għal kulħadd; jidhrilna, għalhekk li jkun jagħmel inġustizzja magħna, min jinterpretana bħalli kieku qed nalludu għal xi sitwazzjoni jew persuni partikolari.

Minn uliedna, aħna bir-raġun kollu nistennew it-twettiq u l-applikazzjoni fil-ħajja tagħhom tat-tagħlim morali tal-Knisja u mhux li jinterpretaw arbitrarjament l-intenzjonijiet tagħna.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-missjoni tagħna hija dik li bil-kelma t-tajba u gradwalment inwassiu l-messaġġ nisrani fil-kuxjenzi, għax aħna żguri li dan il-messaġġ iġib il-fidwa u s-sliem mhux biss lill-individwi, imma wkoll lis-soċjetà.

I. XI TFISSER GĦALINA ART TWELIDNA

Bil-kelma "patrija", ħafna jifhmu l-art fejn twieldu u għaddew tfulithom u żogħżithom; fejn kellhom l-ewwel impressjonijiet ta' ħajjithom, fejn kienu jgħixu l-ġenituri tagħhom u l-qraba l-oħra ta' qabilhom. Huwa pjuttost l-ambjent soċjoloġiku, jew il-ġemgħa ta' bnedmin b'kuxjenza komuni li hemm xi ħaġa li tgħaqqadhom flimkien.

≋ Fatturi li jgħaqqdu

Din ir-rabta li żżomm magħqud il-poplu jew grupp partikolari ta' bnedmin, tista' tkun ġejja minn diversi fatturi bħal ma huma:

1) **it-territorju li huma jabitaw,** ,
2) **ir-razza** komuni li għaliha jappartienu
3) **it-tifkiriet** tal-imgħoddi jew l-istorja bil-ġrajjiet ta' ferħ jew niket li minnhom dak il-poplu jkun għadda;
4) **it-tamiet** tal-ġejjieni u d-destin jew missjoni speċjali li dak il-pajjiż huwa msejjaħ biex iwettaq fl-iżvilupp taċ-ċiviltà;
5) **id-drawwiet** partikolari ta' dak il-ġens,

li jiddistingwuh minn popli oħra;
6) u fuq kollox **l-ilsien** li bih in-nies ta' dak il-ġens ifissru ħsibijiethom u s-sentimenti tagħhom lil xulxin.

≋ Komunità naturali

Il-patrija jew art twelidna, mela hija komunità naturali, estensjoni tal-familja, soċjetà meħtieġa għall-bniedem biex fiha jiżviluppa l-personalità tiegħu u jħaddem it-talenti li rċieva minn għand Alla. Infatti kull bniedem jaf l-edukazzjoni u l-formazzjoni tiegħu, mhux biss lill-familja, imma wkoll lill-istituzzjonijiet ta' pajjiżu.

Alla l-Imbierek, skond il-pjani tal-Providenza tiegħu, iddispona li aħna nitwieldu u ngħixu f'pajjiż determinat li Hu għoġbu jagħżel għalina; ried li l-eżistenza tagħna tkun imfassla b'ċertu mod li jkollna sehem fil-ġrajjiet ta' ġens partikulari ta' bnedmin u qassam hekk biex dawn iċ-ċirkostanzi kollha jisfaw ta' vantaġġ għalina u għal dawk li jgħixu madwarna.

II. IL-VIRTU' TAL-PATRIJOTTIŻMU

Meta nifhmu sewwa xi tfisser għalina art twelidna, faċilment naslu għall-konklużjoni li lejha għandna dmirijiet speċjali. L-istess raġuni turina l-valur tal-patrijottiżmu jiġifieri ta' dik il-virtù li biha nirrispettaw, inħobbu u nagħtu l-għajnuna tagħna lill-art twelidna.

✠ Kliem San Tumas

San Tumas iqabbel fiimkien id-dmirijiet li għandna lejn il-ġenituri u lejn il-patrija tagħna u jurina kemm hija ġusta l-qima li jkollna lejhom. "Mill-ġenituri u fi ħdan il-patrija, aħna ħadna t-twelid u t-trobbija tagħna. Għalhekk, wara d-dmirijiet tiegħu lejn Alla, kull bniedem huwa obbligat l-iktar lejn il-ġenituri tiegħu u lejn art twelidu. Bil-qima lejn il-patrija nifhmu r-rispett li għandu jingħata lin-nies ta' art twelidna u lil dawk li huma ħbieb tagħha". (3)

✠ Ir-Reliġjon tqaddes il-patrijottiżmu

Ir-Reliġjon Kattolika tqaddes il-patrijottiżmu, tipperfezzjonah u tagħmel minnu obbligu għalina l-insara għaliex tinkludih fil-kmandament il-ġdid tal-karità tal-proxxmu. (4)

Għall-insara, l-imħabba lejn art twelidna, ma tibqax biss virtù naturali, imma ssir ukoll virtù sopranaturali; wara li jiġi msaffi mill-preġudizzji, strettezzi u esaġerazzjonijiet, il-patrijottiżmu fir-Reliġjon tagħna jiġi regolat permezz tat-temperanza u tal-ġustizzja, jieħu sura oħra u jsir aktar nobbli għax ikun imlibbes bil-karità. (5)

A) L-EŻEMPJU TA' KRISTU

Anke rigward din il-virtù, in-nisrani

għandu l-eżempju tal-Feddej tagħna Sidna Ġesù, ħalli jservih ta' mudell għall-imġieba tiegħu. Biex ikun tabilħaqq bniedem, bħalna f'kollox, barra mid-dnub, u biex tidher biċ-ċar l-umanità tiegħu, kien jixraq li Kristu, għad li kien Alla, ikollu bħalna l-bnedmin l-esperjenza tal-patrija.

✠ Ġesù ħabb lil art twelidu

Dik tiegħu ma kienitx art kwalunkwe, imma l-art li Alla ta b'wirt lill-poplu magħżul Tiegħu. Ġesù, ħabb 'l art twelidu, b'tenerezza liema bħalha, għad li l-missjoni tiegħu kellha tfisser għal artu traġedja oħra, fl-istorja komplikata tagħha.

Difatti, il-patrija ta' Kristu, li ma tatx widen għal-leħen tal-profeti, waslet biex tiddisprezza lil dak li kellu jħabbrilha l-vera vokazzjoni tagħha.

✠ Ġesù beka fuq art twelidu

Ġesù beka fuq il-belt, li ma laqgħetx iż-żjara t'Alla (6) u esprima bi kliem ċar mhux biss imħabbtu lejn niesu imma wkoll in-niket profond ta' qalbu għad-diżgrazzji li kienu ġejjin fuqhom. "Ġerusalemm, Ġerusalemm, li toqtol il-profeti u tħaġġar lil dawk li ġew lilek mibgħutin, kemm-il darba ridt niġbor 'l uliedek kif il-qroqqa tiġbor iż-żgħar tagħha taħt ġwenħajha, u inti ma ridtx?" (7)

B) IT-TAGĦLIM TAL-KNISJA

Matul il-medda tas-sekoli, il-Knisja bit-tagħlim tagħha, inkuraġġiet f'uliedha, l-istess sentimenti ta' patrijottiżum, li wera Kristu fil-ħajja tiegħu. Biżżejjed nagħtu ħarsa lejn il-maġisteru tagħha fis-seklu tagħna u ta' qablu.

1) Papa Leone XIII

Igħallimna l-Papa Leone XIII:

> "Il-Liġi naturali tobbligana li nħobbu b'imħabba speċjali u li niddefendu l-pajjiż li fih twelidna". (8)

2) Papa Piju X

Il-Qaddis Papa Piju X jissokta dan it-tagħlim u jafferma li:

> "jixirqilha mħabba speċjali ta' predilezzjoni l-patrija, li l-isem sagru tagħha jqanqal f'ruħna t-tifkiriet l-iktar għeżież u li magħha aħna marbutin b'rabtiet tad-demm. Li kieku l-kattoliċiżmu qatt kien għadu talpatrija, ma kienx jibqa' iżjed reliġjon divina". (9)

3) Papa Benedett XV

Il-Papa Beneditt XV ħalla miktub:

> "Il-Liġi tal-karità, li tobbligana nħobbu anke lill-eghdewwa tagħna,

> iktar u iktar tikkmandana li nħobbu lil dawk li huma magħqudin magħna bir-rabtiet ta' patrija komuni" (10)

4) Papa Piju XI

Piju XI jistqarr li:

> "l-imħabba għall-patrija, minnha nfisha u meta hija regolata mil-liġi nisranija, tnissel ħafna virtujiet u għemejjel ta' erojiżmu". (11)

5) Papa Piju XII

Josserva Piju XII fl-ittra tiegħu lill-insara Ċiniżi ppersegwitati:

> "Id-dottrina Kattolika tħeġġeġ lillkattoliċi sabiex iżommu mħabba profonda u sinċiera lejn il-patrija tagħhom". (12)

6) Il-Konċilju Vatikan II.

Il-Konċilju Vatikan II, imbagħad igħallimna li:

> "iċ-ċittadini għandhom igħożżu l-imħabba lejn pajjiżhom bil-kuraġġ u bil-fedeltà, imma mingħajr djufija ta' moħħ, b'mod li fl-istess ħin iżommu dejjem quddiem għajnejhom il-ġid tal-familja kollha talbnedmin, li huma magħqudin b'rabtiet diversi bejn razez, popli u nazzjonijiet". (13)

III. DMIRIJIET KONKRETI LEJN IL-PATRIJA

— sens ta' responsabilità

Imma l-patrijottiżmu mhux ħaġa ta' sentiment biss, huwa mħabba attiva, li minnha jiġu ħafna mpenji għall-bniedem. Il-veru patrijottiżmu għalhekk, qatt ma jkun mifrud mis-sens ta' responsabbilità ċivika, li biha kull wieħed jagħraf u jkun dispost li jwettaq id-dmirijiet li għandu lejn is-soċjetà li jgħix fiha.

— onestà

Wieħed għandu jibda billi jagħmel ħiltu kollha ħalli jkun ċittadin tajjeb, hekk li ma jagħmel ebda għajb lill-art twelidu, imma jkun ta' ġieħ għaliha. Dan jista' jitwettaq, meta ċ-ċittadin jipprova jiżviluppa t-talenti li jkollu, għall-ġid tal-komunità.

Hekk biex inġibu eżempju, ikun qed jagħti servizz lill-art twelidu:

— student li jinsisti biex jimxi 'l quddiem fl-istudji tiegħu,

— ħaddiem, li jwettaq ħidmietu bl-onestà u bil-kompetenza meħtieġa,

— missier jew omm li jedukaw tajjeb lil uliedhom.

— lealtà

Fuq kollox, nisrani li jħobb tassew lil pajjiżu, għandu juri dejjem lealtà u integrità fir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-oħrajn u jħabrek sabiex tinħoloq fl-ambjent tiegħu, atmosfera ta' ordni u ta' sliem.

— ubbidjenza lejn l-Awtorità

Imma ma jistax ikun hemm ordni f'soċjetà, ħlief jekk il-liġijiet tagħha jiġu osservati; u nisrani tajjeb iħares il-liġijiet ġusti ta' pajjiżu, mhux biss għax jibża' li jiġi kkastigat, imma għax iħoss fil-kuxjenza tiegħu li dan huwa dmiru quddiem Alla u quddiem is-soċjetà.

Hekk jgħallimna l-Appostlu Missierna:

"Jeħtieġ li wieħed ikun sottomess, mhux biss minħabba l-kastig, imma wkoll minħabba l-kuxjenza" (14).

San Pietru jesprimi wkoll l-istess ħsieb meta jwissi lill-insara ta' l-ewwel żminijiet:

> "Irrispettaw lil kull setgħa tal-bnedmin, għall-Mulej, kemm lis-sultan, bħal wieħed fuq kulħadd, kemm lill-gvernaturi, bħala mibgħutin minnu biex jgħaddbu 'l dawk li jagħmlu d-deni u jfaħħru 'l dawk li jagħmlu t-tajjeb. Għax hekk hi r-rieda t'Alla, li billi tagħmlu t-tajjeb, tagħlqu fomm l-injoranza tan-nies bla għaqal" (15).

Il-Papa Piju XII ikompli jikkwalifika dan it-tagħlim u jgħidilna: "Jeħtieġ li wieħed

jafferma wkoll illi jekk l-insara bi dmir ta' kuxjenza għandhom jagħtu dak li jmissu lil Ċesare, ċioè lill-awtoritajiet umani, ma jistax però Ċesare, jiġifieri l-awtorità umana titlob miċ-ċittadini dak il-ġieħ li ma jmissx lilha, iżda lil Alla waħdu; wisq u wisq inqas tista' tesiġi minnhom l-ubbidjenza jekk tkun ħatfet id-drittijiet t'Alla, jew jekk iġġiegħel lill-insara li jaġixxu kontra d-dmirijiet tagħhom reliġjużi u jinqatgħu mill-unità tal-Knisja u mill-ġerarkija leġittima tagħha.

Bla dubju ta' xejn, jekk qatt jiġri dan, kull nisrani ma jistax jagħmel ħaġ'oħra ħlief li serenament imma b'rieda qawwija, jirripeti dak li wieġbu San Pietru u l-Appostli lill-ewwel persekuturi tal-Knisja: "jeħtieġ li nobdu iktar lil Alla milli lill-bnedmin " " (16).

— **sens ta' sagrifiċċju.**

Imma barra din l-ubbidjenza li semmejna, il-lealtà lejn il-patrija tista' tirrikjedi miċ-ċittadini sagrifiċċji wisq ikbar.

Fi żmien ta' gwerra, eluf ta' bnedmin, jaslu saħansitra biex jissagrifikaw ħajjithom u jċarċru demmhom ħalli jiddefendu 'l art twelidhom.

Fi żmien ta' kriżi jew xi theddida għall-pajjiż, huwa dmir taċ-ċittadini, li fil-waqt li jżommu l-kalma u d-dinjità tagħhom, jinsew għal mument id-differenzi ta' bejniethom u jgħaqqdu flimkien il-forzi tagħhom sakemm it-theddida tiġi megħluba.

Dan għaliex l-interessi vitali tal-pajjiż

huma wisq iktar importanti fi-iskala tal-valuri mill-interessi ta' individwu, ta' familja jew ta' grupp wieħed.

Fl-istess ħin huwa evidenti li meta l-patrija tkun imminaċċjata, ibati l-poplu kollu fil-waqt li meta niddefendu l-art twelidna, inkunu niddefendu lilna nfusna u l-familji tagħna.

Fl-Enċiklika "Immortale Dei", il-Papa filwaqt li jammetti l-pluralità ta' opinjonijiet fil-kamp politiku, imma jinsisti li

> "fit-taqbida għall-ħwejjeġ tal-ikbar importanza, jeħtieġ assolutament li jisktu d-diverġenzi nterni u r-rivalitajiet partitarji; u n-nies kollha b' fehma u bi spirtu wieħed għandhom jiddirieġu l-forzi tagħhom għal għan komuni, li huwa dak li jiġu mħarsa l-interessi supremi tar-reliġjon u tas-soċjetà".

IV. ĦUTNA L-EMIGRANTI

Il-ħarsa tan-nisrani, però, ma tasalx biss sal-fruntieri ta' pajjiżu; imma tmur iktar fil-bogħod, għax hu jara l-art twelidu f'erba' dimensjonijiet oħra.

● Ngħinuhom

L-ewwelnett, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati u rrispettati bħal ulied il-patrija, anke dawk li għal raġunijiet ta' xogħol jew ta' studju, ħar-

ġu barra minn pajjiżhom u emigraw f'artijet oħra.

Jiġri ta' sikwit li dawn l-emigranti, speċjalment fl-ewwel xhur wara l-wasla tagħhom f'pajjiż barrani, iġarrbu diffikultajiet liema bħalhom sakemm jidraw il-lingwa u d-drawwiet tal-post u jsibu xogħol u dar igħoddu għalihom.

"Mhux rari li jgħixu f'kundizzjonijiet li ma jixirqux lill-bnedmin, għaliex kostretti jerfgħu mis-salarju biex igħinu b'xi mod lill-familja li ħallew warajhom f'art twelidhom" (17).

Barra minn hekk, peress li jkunu frustieri, mhux dejjem ikunu jistgħu jiddefendu kif jixraq il-jeddijiet leġittimi tagħhom bħala membri tas-soċjetà (18).

Ninteressaw rwieħna fihom

Hemm ukoll il-problemi morali u reliġjużi, li l-emigranti mhux rari li jsibu ruħhom fihom; u jekk ma jkunux sħaħ biżżejjed fil-Fidi u t-tagħlim nisrani, aktarx jitkaxkru mill-kurrent tal-vizzju.

Huwa dmir tal-karità li ninteressaw ruħna mill-kundizzjonijiet materjali, morali u reliġjużi tal-emigranti ħutna. Għal dan il-għan tiġi organizzata ta' kull sena, il-Ġurnata ta' l-Emigranti u hija xewqa tagħna, li permezz tal-attivitajiet li jsiru f'dak il-jum kif ukoll b'inizjattivi oħra simili li jsiru matul is-sena, tiġi ffurmata kuxjenza dwar il-problemi tal-emigrazzjoni.

V. IL-KARITA' UNIVERSALI

Il-ħsieb tagħna hawnhekk imur iktar fil-bogħod; kif igħidilna l-Papa Piju XII, "l-imħabba leġittima u ġusta lejn art twelidna m' għandhiex tagħlqilna għajnejna rigward l-universalità tal-karità nisranija, li tħares lejn l-oħrajn u lejn il-prosperità tagħhom fid-dawl tal-imħabba li ġġib il-paċi" (19).

Il-Bnedmin kollha aħwa

Il-bnedmin kollha, huma x'inhuma l-ġens, razza u t-twemmin tagħhom, huma membri tal-familja kbira umana, kollha wlied l-istess Missier li hemm fis-sema.

Din l-umanità mela, tgħaqqadna flimkien bħala abitanti ta' dinja waħda. Huwa dmir tagħna allura li nħobbu lil kull bniedem bħala ħuna u li nagħmlu dak li nistgħu biex ngħinuh.

Igħallimna l-Konċilju Vatikan II, (20)

> "Ma nistgħux insejħu 'l Alla bħala Missier il-bnedmin kollha, jekk nonqsu li nġibu ruħna bħala aħwa ma' xi wħud mill-bnedmin li huma maħluqa għax-xbiha t'Alla. L-imġieba tal-bnedmin lejn Alla l-Missier u lejn ħuthom il-bnedmin l-oħra huma hekk magħqudin li l-Kitba tgħid -- min ma jħobbx, ma jagħrafx 'l Alla" (21).

Inħobbu lill-umanità kollha

Allura, sabiex il-patrijottiżmu jista' jis-

sejjaħ virtù nisranija, jeħtieġ li jkun fil-kuntest tal-karità universali lejn il-bnedmin kollha. Huwa veru li d-dmirijiet lejn pajjiżna huma aktar immedjati u iktar importanti mid-dmirijiet lejn il-bnedmin in ġenerali; imma huwa veru wkoll li meta ngħinu lil pajjiżna biex iwettaq id-destin tiegħu fid-dinja, inkunu nagħtu sehemna għall-ġid tal-umanità kollha kemm hi.

VI. LEALTA' LEJN IL-PATRIJA U LEJN IL-KNISJA

"Għażiża għandha tkun għalina l-patrija li fiha twelidna, imma iktar għażiża għandha tkun il-Knisja, li minnha nafu l-ħajja soprannaturali, li tibqa' għal dejjem; għaliex hija ħaġa ġusta li wieħed jagħżel il-ġid tar-ruħ qabel dak tal-ġisem u għad-dmirijiet lejn il-proxxmu, wieħed jippreferixxi d-dmirijiet wisq iktar qaddisa li jorbtuna ma' Alla" (22).

Min għandu tabilħaqq spirtu ta' Fidi, jaf u jemmen li l-Knisja bħal omm ħanina tqassmilna t-teżori tal-verità u tal-grazzja li kiseb għalina Kristu, ir-Ras tagħha. Permezz tal-Knisja jinqeda Alla ordinarjament, biex isawwab fina ħajja ġdida, il-ħajja soprannaturali u jaħtarna bħala wliedu u werrieta tal-Ġenna.

Meta aħna nagħrfu x'inhi u x'tagħmel għalina l-Knisja, inħossu bis-sinċerità kollha li aħna għandna bżonnha kontinwament fl-ordni tal-grazzja għas-salvazzjoni tagħna.

Hekk aħna nsiru rikonoxxenti lejha u nħobbuha b'qalbna kollha.

M'humiex kontra xulxin

Id-dmir li nħobbu 'l art twelidna u dak li nħobbu 'l Knisja, m'humiex żewġ dmirijiet kontra xulxin, iżda huma kumpatibbli u l-kuxjenza tan-nisrani taċċetta l-wieħed u l-ieħor fiimkien, għaliex it-tnejn ġejjin minn Alla u t-tnejn għandhom bi skop tagħhom il-ġid tal-bniedem jew fl-ordni naturali jew fl-ordni tal-grazzja.

Ma jfixklux lil xulxin

L-anqas m'għandu għalfejn wieħed jitħasseb li l-lealtà lejn il-Knisja tfixkel b'xi mod il-lealtà lejn il-patrija, jew li l-ubbidjenza tal-Liġi ekkleżjastika tnaqqas ir-rispett lejn il-liġijiet ċivili.

Naraw il-ħsieb tal-Papa Piju XI,

> "Kif tgħallem l-istorja, il-Knisja taddatta ruħha għal kull nazzjon u għal kull gvern. Hija ppriedkat dejjem u għadha tippriedka r-rispett u l-ubbidjenza lejn l-awtoritajiet ċivili leġittimament imwaqqfin. Għall-missjunarji u għall-fidili tagħha, ma titlobx għajr il-libertà u s-sikurezza u d-dritt komuni" (23).

Dawn il-kelmiet għadhom jidwu fit-tagħlim tal-Papa preżenti, "il-Knisja Kattolika tesiġi biss il-libertà li temmen u tippriedka l-

Fidi tagħha, il-libertà li tħobb 'l Alla tagħha u taqdih, il-libertà li tgħix u li twassal lill-bnedmin il-messaġġ tagħha ta' ħajja" (24).

VII. IL-PATRIJA TAS-SEMA

Imma l-patrija għan-nisrani għandha wkoll tifsira oħra:—

- **huwa jgħix fl-art,**
  — però d-destin tiegħu huwa għas-sema;
- **hawnhekk qiegħed għal ftit żmien,**
  — hemmhekk igħix għal dejjem;
- **l-esistenza tiegħu fid-dinja hija provviżorja,**
  — fis-smewwiet tkun eterna.

Fit-tibdil u fit-taqlib tal-ħajja preżenti, in-nisrani jaspira dejjem għall-paċi tal-ħajja bla tmiem fis-saltna ta' Kristu. Hekk l-ideja nisranija tal-patrija fiha wkoll din id-dimensjoni eskatoloġika. Għalhekk il-kittieb tal-ittra lil-Lhud wissiena, "aħna ma għandniex belt li tibqa', imma nfittxu l-oħra li ġejja" (25).

✠ Naspiraw għal ħajja bla tmiem

Xejn fid-dinja m'għandu jnissina din il-verità; il-patrija l-ġdida qiegħda tistenniena u l-missjoni tagħna hawnhekk mhix ħlief li nippreparaw ruħna biex insiru ċittadini denji ta' dik is-saltna.

Igħallimna l-Appostlu Missierna:

"Għaliex il-belt tagħna hi fis-sema; minn

hemm nistennew, bħala Salvatur, 'il Sidna Ġesù Kristu, li jbiddel il-ġisem imsejken tagħna skond is-sura tal-ġisem tiegħu ta' sebħ" (26).

GĦELUQ

Iż-żmien tar-Randan, maħbubin uliedna, huwa żmien li fih nirrivedu l-ħajja tagħna. Jixraq li nifiu bir-reqqa l-kuxjenza tagħna u bl-umiltà kollha nistħarrġu sewwa jekk aħniex naħdmu biżżejjed biex ngħixu kif iridna Kristu u niksbu s-saltna tas-smewwiet.

Jista' jkun li f'xi ħin, xi whud minna ġralhom li moħħhom iddallam bid-dubbju u f' qalbhom feġġ il-biża', għax naqsithom il-Fidi fil-Providenza tal-Mulej li tmexxi kollox skond il-pjani sapjenti tagħha.

Jista' jkun ukoll li l-pjaċiri u x-xalar bla raġan, mewtu f'xi whud, it-tama tal-ħajja li għad trid tiġi u f'sakra ta' edoniżmu, saru għal dawk il-bnedmin li fuqhom jitbekka l-Appostlu Missierna: "żaqqhom hi Alla tagħhom u sebħhom fil-għajb u moħħhom fil-ħwejjeġ tal-art" (27).

Imma issa huwa ż-żmien li tqumu spiritwalment, tagħmlu bidla għall-aħjar fil-mentalità tagħkom u titgħallmu tagħrfu dak li huwa verament ta' ġid minn dak li huwa ta' ħsara; dak li huwa tabilħaqq importanti minn dak li għandu biss valur relattiv.

"U Alla ta' kull grazzja, li sejħilkom

għall-glorja tiegħu ta' dejjem, wara li tkunu batejtu ftit, iqajjimkom hu stess, iwettaqkom, iqawwikom, isaħħaħkom." (28).

10 ta' Frar 1972.

RIFERENZI

(1) S. Matt. 5. 44 — S. Luqa 6. 27.
(2) Summa Theol. II. II p. 26 a. 6.
(3) Summa Theol. II. II. p. 101 a. 1.
(4) A. Sorrentino "Sintesi di Dottrina Sociale Cattolica" pag. 118.
(5) Cfr. J. Jullien "Le Chretien et la politique" pag. 192.
(6) S. Luqa 19. 41.
(7) S. Mattew 23. 37.
(8) Enċiklika "Sapientiae Christianae".
(9) Allokuzzjoni tad-19 t'April 1909.
(10) Ittra tal-15 ta' Lulju 1919.
(11) Enċikika "Ubi Arcano".
(12) Ittra "Ad Apostolorum Principis".
(13) Kostituzzjoni "Gaudium et Spes" n. 75.
(14) Lir-Rumani 13. 5.
(15) L-ewwel ittra ta' S. Pietru 2, 13 - 15.
(16) Enċiklika Ad Apostolorum Principis.
(17) Enċiklika "Popolorum Progressio".
(18) Ittra "Octagesima Adveniens" tal-Papa Pawlu VI.
(19) Enċiklika "Summi Pontificatus".
(20) Degriet "Nostra Aetate" n. 5.
(21) L-ewwel ittra ta' S. Ġwann 4. 8.
(22) Il-Papa Leone XIII Enċiklika "Sapientiae Christianae".
(23) Ittra Apostolika "Ab ipsis".
(24) Messaġġ lill-popli tal-Afrika.
(25) Ittra lil-Lhud 13. 14.
(26) Ittra lill-Filippin 3. 20.
(27) Ibid 3. 19.
(28) L-ewwel ittra ta' S. Pietru 5. 10.

Il-bniedem, imżejjen bid-dawl tar-raġuni jixtieq jitgħallem dejjem iżjed u għalhekk jitkixxef u jistaqsi biex ikun jaf aktar fuqu nnifsu u fuq il-ħlejjaq ta' madwaru.

L-istorja tal-umanita' tagħti xhieda li matul il-kors tas-sekli, il-bniedem irnexxielu jagħraf aħjar ħafna mill-enerġiji moħbija tan-natura, jiddominahom u jinqeda bihom sabiex fiok ma jkunu ta' theddida għalih, jiswew biex jagħmlu iktar hienja u komda l-ħajja tiegħu.

1. IL-PROBLEMA T'ALLA

Alla jeżisti?

Ma setax jonqos li l-bniedem jintebah li

fuq u aqwa mill-enerġiji tan-natura, jista' jkun hemm xi ħadd ieħor li jiddomina l-ħolqien u li minnu dawk l-enerġiji kellhom bidu.

Kmieni jew tard, fil-moħħ tal-bniedem, irid jew ma jridx, titfaċċa l-problema t'Alla:

— "Jeżisti dan Alla?"

— "Min hu Alla?"

— "X'nista' nkun naf dwaru?"

Mhix l-istess it-tweġiba li jagħtu l-bnedmin dwar din il-problema; min jaħsibha mod u min jaħsibha ieħor. Iżda hija dejjem l-istess il-mistoqsija li titturmenta mhux biss il-bniedem tal-qedem fi stat ta' ħajja primitiva, imma wkoll il-bnedmin moderni, minkejja ċ-ċivilizzazzjoni avanzata tagħhom.

Alla jeżisti:

- **jixhduh il-popli**

Ħafna popli, li f'epoka jew oħra, abitaw fid-dinja matul l-eluf ta' snin li il'ha teżisti, solvew din il-problema, billi kkonvinċew ruħhom li jeżisti Alla jew d-divinita' u b'mod jew ieħor ipprovaw jitħabbu m'Alla billi tawh xi għamla ta' qima.

- **jixhdu l-ħolqien**

Għal ħafna bnedmin, il-glorja u s-setgħa t'Alla tidher fil-ħlejjaq tal-univers. Kif oġġett tal-arti huwa xhieda tal-kapaċita' tal-artist li għamlu, hekk ukoll il-ħolqien, bl-ordni u bis-sbuħija li fih jeżistu, huwa għelm

tal-għerf u l-qawwa ta' Dak li jmexxi kollox, għax ma jistax ikun li l-ġmiel u l-armonija tal-ħolqien issawru weħidhom, mingħajr it-tmexxija ta' intelliġenza aqwa minnhom.

— **X'igħid il-Ktieb tal-Għerf**

Għal din ir-raġuni l-Ktieb tal-Għerf, isejjah boloh il-bnedmin li ma għarfux lil Alla u li mill-ħwejjeġ tajba li jaraw, ma waslux biex isibu lil Dak li jeżisti, jew wara li flew l-opri tiegħu, ma rnexxilhomx jagħrfu lil min għamilhom. (1)

— **X'igħid San Pawl**

U l-Appostlu Missierna jgħid li l-pagani, għad li kien jisthoqqilhom l-għadab t'Alla, minħabba l-idolatrija u l-vizzji tagħhom, iżda anke huma, bid-dawl tar-raġuni u mill-opri tal-ħolqien, setgħu jifhmu xi ħaġa dwar l-eżistenza u l-qawwa t'Alla: "għaliex dak li jista' jingħaraf f'Alla, jidher quddiemhom, għax Alla wriehulhom. Għax il-kobor tiegħu li ma jidhirx, is-setgħa tiegħu minn dejjem u d-divinita', sa mill-ħolqien tad-dinja, jista' jagħrafhom il-mohħ mill-għemejjel tiegħu" (2).

— **X'igħid il-Konċilju Vatikan II**

Għalhekk il-Konċilju Vatikan it-Tieni, itenni dak li kien qal qabel l-Ewwel Konċilju

Vatikan, illi "Alla, bidu u tmiem tal-ħwejjeġ kollha, jista' jkun magħruf b'ċertezza bid-dawl naturali tar-raġuni tal-bniedem, mill-ħwejjeġ maħluqa." (3)

2. ALLA JIBDA DJALOGU MAL-BNEDMIN

Imma mhux biżżejjed għal bniedem li jkun jaf li Alla jeżisti u jkollu xi ħjiel dwar il-qawwa u l-glorja tiegħu.

Biex il-bniedem jagħraf 'l Alla personalment, jidħol f'relazzjoni miegħu u jkollu ċertezza li ġie meħlus minn dnubietu, kien jonqos rivelazzjoni iktar intima u prattika minn dik li tista' tinkiseb mill-ħolqien.

Kien imiss li Alla juri lilu nnifsu u l-veritajiet dwar il-ħajja tiegħu lill-bnedmin, b' ċertu mod li dawn jagħrfu aħjar il-qdusija t' Alla, l-imħabba tiegħu lejhom u l-qawwa tiegħu li teħlishom mill-ħtijiet, kif ukoll il-pjan tiegħu li bih issehħ is-salvazzjoni tal-umanita'.

Rivelazzjoni Supernaturali

Din hi rivelazzjoni speċjali jew supernaturali, li għaliha l-bnedmin ma kellhom ebda jedd, imma li Alla, peress li ried jgħollina għad-dinjita' li nissejħu u nkunu tabilħaqq uliedu (4) minn jeddu, iddeċieda fit-tjubija tiegħu li jagħtina.

Hija dik ir-rivelazzjoni jew tagħrif mogħti lilna minn Alla, permezz tal-profeti fir-Rab-

ta l-Qadima, rivelazzjoni li laħqet l-aqwa quċċata ta' espressjoni tagħha,

— **fil-persuna**

— **fil-ħidma**

— **fit-tagħlim** ta' l-istess Iben t'Alla, Sidna Ġesu' Kristu.

Fi kliem ieħor, Alla biex iwassal il-messaġġ tiegħu lill-bnedmin inqeda bil-kelma u bl-attività ta' bnedmin oħra minnu magħżula u fil-milja taż-żminijiet, bil-preżenza tal-istess Ibnu fid-dinja.

Inizjattiva ta' Alla

Dan id-djalogu t'Alla mal-bnedmin, li twettaq matul medda twila ta' snin, kien inizjattiva t'Alla u għalhekk mhux mingħajr misteri, imma l-kittieb tal-ittra lil-Lhud, bi kliem sempliċi jiżgurana minn din il-ġrajja: "Wara li bosta drabi u b'ħafna manjieri kellem Alla ilu lil missirijietna bil-profeti, dan l-aħħar, f'dawn il-jiem, kellimna b'Iben, li Hu għamlu werriet ta' kollox u li bih ukoll ħalaq id-dinja." (5)

Dan l-intervent ta' Alla, fl-istorja tal-umanita', il-kotba ta'-Bibbja jistqarruh billi jgħidulna: "Alla tkellem" (6) u jsemmu r-rivelazzjoni bħala "il-kelma t'Alla". (7)

> "B'din ir-rivelazzjoni — igħallimna l-Konċilju — Alla li ma jidhirx, fl-imħabba tiegħu kbira, jitkellem mal-bnedmin, qishom ħbieb u jagħmilha magħhom biex

> jistedinhom u jdaħħalhom f'għaqda miegħu" (8).

3. IL-KELMA T'ALLA FIR-RABTA L-QADIMA

(A) ALLA jinqeda bil-profeti ta' Iżrael

Fir-Rabta l-Qadima, Alla nqeda bil-poplu ta' Iżrael, biex juri r-rieda tiegħu lill-bnedmin; hekk li l-istorja tal-ġens lhudi, bir-rebħiet u t-telfiet tiegħu — bit-twemmin u t-tamiet tiegħu — bl-eroj u bil-ħwejjeġ minnu vvenerati bħala qaddisa, fiha ġabra ta' fatti li jirrevelaw il-preżenza t'Alla u l-pjanijiet tiegħu għall-umanita'.

Mhux biss il-messaġġi u l-liġi mogħtija minn Al'a, imma wkoll t-turija ta' qawwietu u tal-fedelta' tiegħu mal-poplu Iżraelita, jagħmlu parti minn din ir-rivelazzjoni.

(B) ALLA jinqeda bil-Profeti u l-Kittieba

Iżda fost il-membri tal-poplu magħżul, kienu jispikkaw xi personaġġi bħal ma huma **l-profeti u xi kittieba**, li iktar mill-bqija tal-Iżraeliti sħabhom, intebħu bil-misteri u bl-interventi t'Alla fl-istorja ta' ġenshom u bihom inqeda Alla, b'mod speċjali bħa'a medjaturi tar-rivelazzjoni tiegħu.

Imqanqlin u mmexxija minn qawwa misterjuża, dawn l-individwi kkomunikaw lill-oħrajn b'leħinhom u bil-miktub, dak li qabel ħassew jidwi fil-moħħ tagħhom stess.

Huma ppreżentaw ruħhom quddiem l-oħrajn f'isem Alla, bħala leħen tiegħu, bħala dawk li jwasslu l-kelma u l-amar tal-Mulej, u kienu fi żgur li qed ifissru l-messaġġ t'Alla lill-poplu tiegħu, kif jinnota San Pietru: "Lebda profezija ma ġiet qatt mir-rieda tal-bniedem, iżda kienu mqanqlin minn Ruħ il-Qodos, meta tkellmu n-nies minn Alla" (9).

● **L-ispirazzjoni**

Il-missjoni tal-profeti u tax-xandara talkelma t'Alla kienet kariżma **personali** pero' kellha wkoll funzjoni **kommunitarja**.

Alla, fl-istess waqt, iqanqal ix-xandara tal-kelma tiegħu, minn ġewwa u minn barra: "b'nifs ġdid" inebbaħ il-profeta nternament, u "b'żiffa ġdida" joħloq madwaru l-ambjent adattat biex il-kelma tiġi mxandra, u hekk Alla jimmanifesta ż-żewġ aspetti tal-ħidma tiegħu. In-nifs jew ispirazzjoni li jħoss il-profeta, huwa parti miż-żiffa ta' tiġdid li tittrasforma l-poplu kollu. (10)

● **Il-kelma awtentika t'Alla**

Il-poplu t'Alla, fir-rabta l-qadima, għarbel il-messaġġ tal-profeti u tal-kittieba, u xi drabi minnufih u drabi oħra, wara medda ta' snin, għaraf f'dan il-messaġġ il-kelma awtentika t'Alla u beda jgħożżu bħal teżor, li għandu jiġi mħares u mgħoddi lill-ġenerazzjonijiet futuri.

Mhux mingħajr għajnuna tal-Ispirtu

Santu, il-poplu t'Alla kien idur għal dan it-teżor ta' tagħlim, biex jiskopri fih ir-rieda tal-Mulej, kien jaqrah u jimmeditah u permezz ta' fissiera ġodda tal-messaġġ divin, kien iżommu aġġornat kull ma jmur.

4. KRISTU: IL-QOFOL TAR-RIVELAZZJON

B'dan il-mod il-poplu ta' Iżrael, ġie mhejji biex jirċievi r-rivelazzjoni sħiħa tal-messaġġ t'Alla. Din ingħatat bil-kliem u bl-għemil ta' Kristu,, fuq kollox twettqet fil-persuna tiegħu, il-Kelma t'Alla nkarnata.

Igħallimna l-Konċilju:

> "Għalhekk Hu, li meta naraw lilu, naraw il-Missier, bil-preżenza tiegħu stess u billi wera liʼu nnifsu bil-kliem u bl-għemil, bil-għeġubijiet u bil-mirakli, u l-aktar bilmewt u bil-qawma tiegħu millimwiet, u fl-aħħarnett billi bagħat l-Ispirtu s-Santu, ikompli u jagħlaq ir-rivelazzjoni, u jsaħħaħħa bix-xhieda t'Alla jiġifieri li Alla hu magħna biex jeħlisna middlamijiet tad-dnub u tal-mewt u jqajjimna għall-ħajja ta' dejjem." (11)

L-Appostli u d-dixxipli: l-ewwel xhieda

Fil-ħajja tiegħu fid-dinja, Kristu kellu madwaru grupp ta' Iżraeliti, jiġifieri l-**Appos-**

tli u d-**dixxipli**, li raw mill-qrib l-opri tiegħu, semgħu kliemu, kienu konvinti mill-imħabba tiegħu, u bil-mod il-mod xorbu l-mentalita' tiegħu.

Huma kienu f'pożizzjoni privileġġjata biex jilqgħu u jassimilaw ir-rivelazzjoni mogħtija minn Kristu ħalli mbagħad ikunu jistgħu jwassluha u jagħtu xhieda tagħha lill-bnedmin l-oħra.

Hekk San Ġwann, dwar Kristu jikteb: "Dak li kien mill-bidu, dak li smajna, dak li rajna b'għajnejna u ħarisna lejh, dak li messew idejna mill-Kelma tal-ħajja ..... dak li rajna u smajna aħna nħabbruhulkom." (12)

Imma l-fidwa li ġab Kristu, ma kellhiex tkun limitata biss għal għadd żgħir ta' nies, imma kellha tilħaq il-bnedmin kollha

— ta' kull nazzjon
— u ta' kull żmien.

Għalhekk Kristu ordna lill-Appostli: "Morru għallmu l-ġnus kollha u għamduhom" (13).

L-appostli ma kienux imqabbdin biss biex iwasslu messaġġ, imma wkoll kif igħid il-Konċilju "Biex iqassmu d-doni t'Alla" (14) jiġifieri biex bit-twemmin u s-sagramenti li jagħtuhom iwasslulhom il-fidwa ta' Kristu, anzi 'l Alla nnifsu.

5. L-APPOSTLI XANDARA tal-VANĠELU

Beda għalhekk, b'ordni ta' Kristu, ix-xogħol ta' estensjoni u xandir tal-Aħbar it-Tajba jew messaġġ tal-ħelsien; xogħol li

a) **l-ewwel parti tiegħu** twettqet fi żmien l-Appostli, mill-Appostli nfushom jew mid-dixxipli mmedjati tagħhom;
b) **il-parti l-oħra** kompliet titwettaq wara l-mewt tal-Appostli, matul il-kors tal-istorja u għadha titwettaq fi żmienna.

Biex dan il-messaġġ jiġi trasmess lill-bniedem, ma kienx hemm ħlief żewġ mezzi:

(1) il-KITBA
(2) il-VUĊI ĦAJJA

U l-appostli nqdew daqqa bil-wieħed u daqqa b'ieħor minn dawn iż-żewġ mezzi, biex iwasslu l-kelma t'Alla kollha kemm hi, linnies ta' żmienhom u b'hekk irnexxielhom iwaqqfu u jżommu ħajja l-kommunitajiet insara tal-bidu, li minnhom kienet magħmulha l-Knisja primittiva.

Fl-ewwel żminijiet

Fl-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu, kif igħallimna l-Konċilju, din il-missjoni afdata minn Kristu, twettqet,

— "mill-banda l-waħda mill-Appostli, li bix-xandir tal-fomm, bl-eżempji u l-istituzzjonijiet, taw sew dak li kienu rċevew mill-fomm, mill-kumpanija u mill-għemil ta' Kristu, kemm dak li kienu tgħallmu mit-tnebbih ta' l-Ispirtu Santu;

— u mill-banda l-oħra, minn dawk l-Appostli jew bnedmin ta' madwarhom li, bl-

ispirazzjoni ta' l-Ispirtu Santu, xandru bil-kitba, l-aħbar tas-salvazzjoni." (15)

Il-kelma t'Alla, li rċevew, dawk li bil-magħmudija daħlu fil-Knisja fl-ewwel żminijiet, u l-fidi tagħhom kienet dwar Kristu, kelmtu, għemilu u persuntu, pero' ftit minnhom kellhom kuntatt dirett ma' Kristu kif kellhom l-Appostli, u l-kotra emmnu l-misteru ta' Kristu, kif għallmuh lilhom l-Appostli.

Bil-Kelma u bil-Kitba

Dan it-tagħlim, bla dubju ta' xejn, ma kienx jikkonsisti kollu fil-miktub, imma ġie mogħti wkoll bil-predikazzjoni ħajja tal-Appostli. Tant li **San Pawl** lin-nies tat-Tessalonika, igħidilhom: "Għalhekk, ħuti, żommu sħiħ u ħarsu t-tagħlim li tgħallimtu bil-kliem u bl-ittri tagħna" (16) u **San Ġwann,** jispiċċa l-Evanġelju tiegħu, miktub madwar is-sena 100 wara Kristu, b'din l-osservazzjoni: "Hemm bosta ħwejjeġ oħra li għamel Ġesu'; li jekk jinkitbu waħda waħda, naħseb li l-anqas id-dinja ma tkun tista' tesagħhom il-kotbaj li jkunu jridu jinkitbu." (17)

Minn dan li għidna, nistgħu nikkonkludu li sa mill-bidu nett, iċ-ċertezza tal-Knisja fit-twemmin tagħha, kienet ibbażata mhux biss fuq il-**kitba** tan-nies ispirati, imma wkoll fuq kull **kelma** mxandra bil-predikazzjoni orali ta' l-Appostli u tad-dixxipli mmedjati tagħhom: "Mela l-fidi mis-smigħ, u s-smigħ ġej mill-kelma ta' Kristu" jgħidilna San

Pawl (18).

Minn dan tidher ukoll il-kontinwita' li hemm bejn

1) il-fidi tal-Knisja
2) ix-xhieda ta' l-Appostli
3) u r-rivelazzjoni ta' Kristu.

Kif fisser ruħu Tertulljanu:

— "Il-Knisja rċeviet mill-Appostli
— l-Appostli minn Kristu
— u Kristu minn Alla." (19)

6. IL-MESSAĠĠ TAL-FIDWA U L-MAĠISTERU TAL-KNISJA

It-tieni fażi tat-tixrid tal-Kelma t'Alla

Jonqos issa li naraw it-tieni fażi tat-tixrid tal-kelma t'Alla, jiġifieri kif it-tagħlim ta' l-Appostli, li jiġbor fih il-messaġġ tal-fidwa, wasal sa għandna, tul il-kors ta' kważi għoxrin seklu.

Peress illi l-Vanġelu li l-Appostli kellhom jippredikaw lill-bnedmin, huwa l-għajn tal-ħajja għall-Knisja, għaż-żminijiet kollha, kien meħtieġ li din il-missjoni divina, afdata minn Kristu f'idejn l-Appostli u minnhom mibdija, ma tispiċċax mal-mewt tagħhom, imma tibqa' sejra bla ma taqta' sa l-aħħar tad-dinja.

L-Isqfijiet: is-Suċċessuri ta' l-Appostli

L-Appostli, għalhekk, ubbidjenti għar-

rieda ta' Kristu u mmexxijin mill-Ispirtu Santu, għażlu s-suċċessuri tagħhom fil-persuna tal-Isqfijiet u qegħduhom biex bħala ragħajja, jieħdu ħsieb il-merħla mogħtija lilhom.

Lil dawn is-suċċessuri tagħhom, l-Appostli afdawlhom ukoll setgħa ta' tagħlim, bħal dik li kellhom huma, bil-jedd u d-dmir li jgħallmu u jfissru lill-insara l-istess Kelma t'Alla.

Kliem San Pawl

Dan jidher ċar mit-twissijiet li għamel San Pawl lil Timoteo, minnu maħtur biex irieġi l-kommunita' nisranija ta' Efesu: "Inti żomm sħiħ dak li tgħallimt u dak li temmen fi żgur, għax taf minn għand min tgħallimtu (20).

"Xandar il-kelma, isħaq f'waqtu u barra minn waqtu, widdeb, ċanfar, wissi bis-sabar kollu u t-tagħlim" (21).

"Tqawwa fil-grazzja ta' Kristu Ġesu' u dak li smajt minn għandi bix-xhieda ta' ħafna xhud għaddih lil nies emmiena li għandhom ħila jgħallmu l-oħrajn." (22)

Din hi mela ħolqa mportanti li biha l-Knisja f'kull żmien hija marbuta mal-Appostli u ma' Kristu; is-suċċessjoni tal-Isqfijiet bħala mexxejja u għalliema tal-insara. Fi kliem il-Konċilju: "L-Appostli, biex l-Evanġelju jinżamm dejjem sħiħ u ħaj fil-Knisja, ħallew bħala suċċessuri tagħhom l-Isqfijiet

billi fdawlhom il-post tagħhom ta' għalliema." (23)

7. IT-TEŻOR TAL-BIBBJA

Eredita' oħra li writna mill-Appostli huma l-KOTBA MQADDSA,

1) sewwa dawk tat-**Testment il-Qadim** li l-Appostli rċivew mill-poplu ta' Iżrael, irrikonoxxewhom bħala Kelma t'Alla u kkwotawhom ta' spiss fil-predikazzjoni tagħhom;
2) sewwa wkoll il-**Kotba tat-Testment il-Ġdid,** li ġew mill-Appostli stess jew minn nies ta' madwarhom miktubin bl-ispirazzjoni tal-Ispirtu Santu.

Sens ta' Qima

Mill-Appostli wkoll u fuq l-eżempju tagħhom, tnissel fl-insara ta' kull żmien, is-sens ta' venerazzjoni lejn l-Iskrittura Mqaddsa, għax kienu l-Appostli li sa mill-bidu tal-Knisja, insistew dwar il-valur u l-utilita' tal-kitba ispirata: "Tassew, kull ma nkiteb minn qabel, inkiteb għat-tagħlim tagħna, biex bis-sabar u l-faraġ tal-Kitba, jkollna t-tama." (24)

Minn hawn ġej li "l-Knisja dejjem tat qima lill-Iskrittura Mqaddsa, kif tat lill-istess Ġisem ta' Kristu." (25)

It-Test tal-Kotba Mqaddsa

Pero' t-test tal-Kotba Mqaddsa, bħal kull kitba oħra, speċjalment antika,

— jista' ma jkunx ċar biżżejjed, għall-inqas f'ċerti partijiet minnu,
— jista' wkoll, drabijiet oħra, ikollu tifsiriet differenti jew jingħataw-lu nterpretazzjonijiet soġġettivi.

Mhux rari mbagħad il-każ, li min jaqrah għal rasu, ma jaqbadx is-sens veru tiegħu, jekk ma jasalx ukoll biex jifhmu bil-maqlub.

Ħtieġa ta' Awtorita' li tfisser u tinterpreta

Kien meħtieġ għalhekk li jkun hemm xi awtorita' li tiddeċiedi kif il-kelma miktuba għandha tiġi mfissra u nterpretata.

Mingħajr din l-awtorita', anke l-Bibbja, kienet tkun fil-periklu li t-tifsir tagħha jiġi mġebbed skond il-kapriċċ tal-qarrejja, u l-messaġġ t'Alla li jinsab fiha, kieku kien jibqa' fil-parti kbira tiegħu, mistur għalina.

Il-Knisja tħares il-VERITA' RIVELATA

Alla, għalhekk, li nebbaħ il-Kotba Mqaddsa u ried li jkunu għajn tal-verita' tiegħu, mar jafdahom ukoll lill-Awtorita' tal-Knisja biex tħarishom mill-qerq u tfissirhom kif imiss.

, Hekk in-nisrani, għandu garanzija, li waqt li jaqra l-Iskrittura, bil-għajnuna li tagħtih il-Knisja, huwa jirnexxilu jifhem tabilħaqq it-tifsir li l-Ispirtu Santu jrid li jkollu t-test ispirat minnHu.

Ladarba n-nisrani għandu l-obbligu li jemmen il-kelma t'Alla li tinsab fl-Iskrittura, jixraq ukoll li huwa jsib l-għajnuna biex jifhem sewwa dak li hemm fl-Iskrittura, minn għand il-Knisja, li San Pawl isejħilha "kolonna u rifda tas-sewwa" (26) għax bħal ma l-kolonni u l-pedament iżommu sħiħ il-bini, hekk il-Knisja

— tħares
— tgħasses
— u żżomm sħiħa l-verita' rivelata.

Il-Maġisteru tal-Knisja u l-Iskrittura

Dan ma jfissirx li l-awtorita' tat-tagħlim tal-Knisja hija indipendenti jew iktar għolja mill-awtorita' tal-Iskrittura, imma jfisser, li skond ir-rieda tal-Mulej, il-Knisja għandha wkoll dan il-ministeru tal-verita', li taqdi l-Kotba Mqaddsa, billi żżomm bla mittiefes il-veru tifsir tagħhom.

Bir-raġun għalhekk, il-Konċilju jistqarr:

> "Ix-xogħol li jinterpreta bl-awtorita' l-kelma t'Alla, miktuba jew imxandra, hu afdat biss lill-Maġisteru ħaj tal-Knisja, illi l-awtorita' tiegħu hija eżerċitata fl-isem ta' Ġesu' Kristu.

"Dan il-Magisteru mhux aqwa mill-Kelma t'Alla, imma jaqdi lilha billi jgħallem biss dak li ġie mgħallem, billi bil-kmand t'Alla u bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, jisma' bit-tieba, iżomm bil-qdusija u jfisser bil-fedelta' dik il-kelma, u minn dak id-depożitu waħdieni ta' fidi jikseb dak kollu li jipproponi biex ikun emmnut bħala rivelat minn Alla". (27)

8. IT-TRADIZZJONI SAGRA

Il-kelma t'Alla, fdata minn Kristu Sidna lill-Appostli, tiġi mwassla lilna wkoll permezz tat-Tradizzjoni Sagra, li ma tikkonsistix biss fl-istqarrijiet tad-duttrina tal-Knisja jew fil-ġabra ta' tagħlim, imma tikkonsisti wkoll f' dak kollu li l-Knisja tagħmel u twettaq biex tqim lil Alla u ssalva l-erwieħ.

Fi kliem ieħor, fit-tradizzjoni jiġi mgħoddi minn ġenerazzjoni ta' nsara għall-oħra,

- mhux biss "dak kollu li l-Knisja temmen"
- imma wkoll "dak kollu li hi l-Knisja"

— bil-ħajja tagħha,
— bit-tagħlim tagħha,
— bl-attivita' apostolika u karitattiva tagħha,
— kif ukoll bil-kult li tagħti lil Alla.

≋ Tradizzjoni tiżviluppa ruħha

Bil-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, il-Knisja, matul il-medda taż-żmien, tifhem aħjar lilha nfisha, tagħraf aħjar u b'mod aktar profond il-kelmiet u r-realta' afdata lilha u hekk it-tradizzjoni tiżviluppa ruħha u tgħaddi 'l quddiem.

Hemm tliet fatturi li jgħinu dan l-iżvilupp kontinwu jiġifieri:

1) il-kontemplazzjoni u l-istudju tal-insara dwar il-messaġġ u d-doni ta' Kristu,
2) it-tagħrif profond li jiġi minn esperjenza spiritwali,
3) u l-predikazzjoni tas-suċċessuri tal-Appostli.

≋ Għaqda bejn: Tradizzjoni, Skrittura u Magisteru

"Huwa mela ċar — igħidilna l-Konċilju — li s-**Sagra Tradizzjoni**, l-**Iskrittura Mqaddsa** u l-**Magisteru tal-Knisja**, bi ħsieb l-aktar għaref ta' Alla, huma hekk marbutin u magħqudin flimkien, li ma jistgħux jeżistu indipendentement, u lkoll flimkien, taħt il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu wieħed, jagħtu sehemhom bil-qawwa kollha għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ". (28)

Għad li "l-Knisja tikseb iċ-ċertezza fuq il-ħwejjeġ kollha rivelati mhux mill-Iskrittura biss," (29) pero' nistgħu ngħidu li fil-Bib-

bja huwa rrakkontat u mxandar il-misteru sħiħ ta' Kristu u l-misteru tas-salvazzjoni tagħna; verament fil-Bibbja kif tinterpretaha l-Knisja fid-dawl tat-Tradizzjoni nisranija.

9. IL-KNISJA u l-ISTUDJI BIBLIĊI

Ma nistagħġbux għalhekk, li l-Knisja Kattolika nkoraġġiet fl-imgħoddi u għadha tinkoraġġixxi fi żminijietna l-istudju serju tal-Bibbja.

Piju Tnax

Biżżejjed insemmu żewġ xhieda. Il-Papa Piju Tnax fl-enċiklika "Divino Afflante Spiritu" ħalla miktub:

> "Skond il-ħila tagħhom, il-kommentaturi tal-Iskrittura Mqaddsa, għandhom jemulaw dak li wettqu b'riżultati hekk sbieħ il-fissiera magħrufa tas-sekli li għaddew; sabiex kif ġara fl-imgħoddi, hekk ukoll f'dawn il-jiem, il-Knisja jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, għalliema għorrief għat-tifsir tal-Kotba Mqaddsa" (30).

Il-Konċilju Vatikan II

Il-Konċilju Vatikan it-Tieni mbagħad,

iħeġġeġ lill-istudjużi tal-Bibbja u lit-Teoloġi, sabiex fil-waqt li

> "jaħdmu flimkien bil-ħerqa, jfittxu li taħt il-ħarsien tal-Maġisteru sagru, jistudjaw u jfissru bl-għajnuniet xierqa l-kotba ta' Alla, b'manjiera li għadd kemm jista' jkun kbir ta' ministri tal-kelma t'Alla, jistgħu jressqu bi frott, quddiem il-poplu t'Alla l-ikel ta' l-Iskrittura." (31)

10. IL-KATTOLIĊI U L-QARI TAL-ISKRITTURA

Il-Bibbja: Ktieb ta' kull Nisrani

Imma l-Bibbja m'għandhiex tkun il-ktieb tal-istudjużi biss, imma kull nisrani huwa mistieden li jieħu sehem f'dan il-qari tal-Kotba Mqaddsa, mill-aħjar li jista'. Din hija r-rakkomandazzjoni tal-Konċilju "li jħeġġeġ bil-ħerqa u bil-qawwa l-insara kollha, l-aktar ir-reliġjużi, biex jitgħallmu 'l-għerf kbir li jagħrfu 'Ġesù Kristu' billi spiss jaqraw il-Kotba Mqaddsa, 'Għax min ma jafx l-Iskrittura, ma jafx lil Kristu' " (32).

(A) IL-QARI LITURĠIKU tal-BIBBJA

Il-Kattoliċi huma mħeġġin biex qabel xejn, jinteressaw ruħhom fil-qari **liturġiku**

tal-Bibbja u jsegwuh b'attenzjoni. Sa mill-qedem, il-Knisja fil-Liturġija tagħha, tieħu siltiet mill-Iskrittura Mqaddsa u tqassamhom matul is-sena, biex jinqraw mis-Saċerdoti u mir-reliġjużi fl-Uffiċċju Divin u oħrajn biex jinqraw mill-ġemgħa nisranija mlaqqa' għall-Quddiesa.

Dwar dan l-użu tal-Bibbja fil-Liturġija, il-Konċilju josserva:

> "Il-Kotba Mqaddsa huma ta' ħtieġa l-iżjed kbira fiċ-ċelebrazzjoni liturġika. Għaliex minnhom jinqraw il-lezzjonijiet li jiġu mfissra fl-omeliji, jitkantaw is-salmi u t-talbiet, l-orazzjonijiet u l-għanjiet liturġiċi huma meħudin mill-ispirtu u min-nebħ tagħhom u minnhom jiġu mfissrin l-għemejjel u s-simboli liturġiċi. Għalhekk, biex inqajmu t-tiġdid, il-progress u l-addattament tal-liturġija, jeħtieġ li nqajmu t-tagħrif ħe'u u ħaj tal-Kotba Mqaddsa." (33)

(B) IL-QARI SPIRITWALI tal-BIBBJA

Inħeġġukom ukoll biex ma tħallux fil-ġenb, il-**qari spiritwali tal-Bibbja**, li fih jinqraw, jiġu meditati u studjati b'riflessjonijiet personali, xi paġni tal-Iskrittura bil-għan li minnhom kull min jaqrahom, jieħu profitt għall-ħajja tar-ruħ tiegħu. B'dan il-mod, il-Bibbja serviet għal mijiet ta' snin u tibqa'

sservi għall-insara ta' kull żmien bħal ikel spiritwali l-aktar bnin.

Kif naqraw il-Bibbja?

Pero' l-Iskrittura Mqaddsa, m'għandhiex tinqara fuq fuq, kif jinqara ġurnal jew rumanz kwalunkwe. Il-qari tal-Bibbja huwa mod ta' talb; huwa bħal taħdida bejn Alla u l-bniedem, għax meta nitolbu, aħna nitkellmu miegħu; meta naqraw il-kelma t'Alla, aħna nisimgħu lilu" (34).

Huwa meħtieġ, għalhekk li dan il-qari jsir bi spirtu ta' fidi, b'rispett kbir, b'rieda tajba u sinċiera u fuq kollox b'dik l-umilta' nisranija li biha nfittxu li nifhmu l-Iskrittura, unikament f'dak is-sens li bih Ommna l-Knisja, tinterpreta l-Kotba Mqaddsa li f'idejha ġew afdati.

Għal dan il-għan, hemm bżonn li t-traduzzjonijiet tal-Bibbja li jaqraw il-Kattoliċi, ikunu fidili għat-testi oriġinali, bla tibdil jew tnaqqis, approvati mill-Knisja u mżejnin b'noti meħtieġa.

Kif ninterpretaw il-Bibbja?

It-twissija, li biex ninterpretaw u nifhmu l-Bibbja, m'għandna qatt nitbegħdu mit-tifsir li tagħti l-Knisja, hija mportanti llum, forsi iżjed milli kienet fi żminijiet oħra, għax mhux rari ssib minn dawk li jaqraw xi parti tal-Bibbja, sempliċement għall-kurżita', u għadhom ma tgħallmux kif jużaw tajjeb il-

kotba t'Alla.

Ma humiex neqsin, imbagħad, dawk li waqt li jiftaħru bil-Bibbja, jinterpretaw skond l-opinjoni personali u skond il-fantasija tagħhom, bċejjeċ mill-Iskrittura, forsi wkoll, bla ma jintebħu li b'hekk qed jagħmlu ħsara spiritwali lilhom infushom u jonqsu mir-rispett lejn il-Bibbja stess li twiddibna:

> "Qabel xejn, kunu afu, li l-ebda profezija tal-kitba ma tista' titfisser minn ras dak li jkun." (35)

11. UŻU TAJJEB TAL-KOTBA MQADDSA

Rakkomandazzjonijiet

Aħna nieħdu din l-okkażjoni biex nirrikkmandaw ukoll il-qari devot tal-Kotba Mqaddsa fil-familji, l-inizjazzjoni tat-tfal u tażżgħażagħ fil-lettura sagra, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Kelma t'Al'a, iżjed frekwenti u mhejjija sewwa, l-użu tal-Bibbja fis-siegħat tal-Adorazzjoni, fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, fir-reċita tar-Rużarju u tal-Via Crucis.

B'mod partikolari nixtiequ li l-Għaqdiet Kattoliċi, jorganizzaw iktar ta' spiss laqgħat ta' studju dwar il-Bibbja u fuq kollox u fliimkien mal-Kleru jieħdu ħsieb it-tixrid talkotba tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid, fi traduzzjoni tajba u mhix nieqsa minn noti ta' tifsir.

U peress li għadha qed tithejja edizzjoni popolari tal-Bibbja bl-ilsien tagħna, aħna

nkunu grati lejn dawk kollha fost uliedna, li ġenerożament jagħtu offerti ta' flus, biex din l-opra hekk ta' fejda tkun tista' titlesta fi żmien qasir u titqassam bi prezz moderat.

Hekk għall-inqas il-ġenerazzjonijiet li telgħin, ikunu jistgħu mingħajr diffikultajiet żejda, jieħdu f'idejhom il-Bibbja u jaqrawha bl-ilsien tagħhom biex jibbenefikaw minn dan it-teżor prezzjuż, kif jistgħu jagħmlu l-popli kollha ċivilizzati, li għandhom traduzzjoni bil-lingwa tagħhom.

GĦELUQ

Intemmu din il-pastorali tagħna, bl-awgurju li l-insara ta' pajjiżna jagħrfu japprezzaw u jqimu aħjar il-Kelma tal-Mulej, filwaqt li jżommu dejjem quddiem għajnejhom dak li qal Kristu: "Min hu minn Alla, jisma' l-kelma t'Alla" (36). "Min iħobbni, iħares kliemi." (37)

J'Alla jaqraw sewwa u jisimgħu l-Iskrittura Mqaddsa bi profitt għall-fidi u l-ħajja nisranija, hekk li jsibu fiha t-tagħlim, "li jdawwal il-menti, isaħħaħ ir-rieda u jkebbes qlubhom bl-imħabba t'Alla". (38)

"Ħa tgħammar fikom bil-kotra l-kelma ta' Kristu; tgħallmu f'kull għerf u wissu lil xulxin, għannu lil Alla minn qalbkom b'radd il-ħajr, salmi, innijiet u għanjiet spiritwali." (39).

7 ta' Marzu 1973.

REFERENZI

(1) Ara "Ktieb tal-Għerf" 13. 1.
(2) Ittra lir-Rumani 1. 19-20.
(3) Kostituzzjoni "Dei Verbum" n. 6.
(4) L-ewwel ittra ta' S. Ġwann 3. 1.
(5) Mill-ittra lil-Lhud 1. 1.
(6) Ara: Ġenesi 1. 3; 1. 9; 1. 26; 12. 1; Esodu 20. 1; 34. 27; Numri 12. 4, 6, 8, Dewteronomju 5. 4. 22; 4. 10; Ġeremija 1. 4; Amos 7. 15; 3. 8. eċċ.
(7) Skond l-istatistika ta' GRETHER, l-espressjoni "kelma t'Alla" fit-Testment il-Qadim, tissemma 242 darba. Ara D. Grasso: "L'annuncio della Salvezza" paġ. 37.
(8) Kost. "Dei Verbum" n. 2.
(9) It-tieni ittra ta' San Pietru 1. 21.
(10) C. De Ambrogio "Lo Spirito Santo nelle S. Scritture" paġ. 21.
(11) Dei Verbum n. 4.
(12) L-ewwel ittra ta' San Ġwann 1. 1-3.
(13) San Mattew 28. 19-20.
(14) Dei Verbum n. 7.
(15) Dei Verbum n. 7.
(16) Mit-tieni Ittra lit-Tessalonikin 2. 15.
(17) San Ġwann 21. 25.
(18) Ittra lir-Rumani 10. 17.
(19) "De Praescriptione haereticorum" 21. 4.
(20) It-tieni ittra lil Timotju 3. 14.
(21) L-istess 4. 2.
(22) L-istess 2. 1.
(23) Dei Verbum n. 7.
(24) Ittra lir-Rumani 15. 4.
(25) Dei Verbum n. 21.
(26) L-ewwel ittra lil Timotju 3. 15.
(27) Dei Verbum n. 10.
(28) Dei Verbum n. 10.
(29) Dei Verbum n. 9.
(30) Enċiklika "Divino Afflante Spiritu" tat-30 ta' Settembru 1943.
(31) Dei Verbum n. 23.

(32) Dei Verbum n. 25.
(33) Kostituzzjoni "Sacrosanctum Concilium" n. 24.
(34) Dei Verbum n. 25.
(35) It-tieni ittra ta' S. Pietru 1. 20.
(36) San Ġwann 8. 47.
(37) San Ġwann 14. 23.
(38) Dei Verbum n. 23.
(39) Ittra lill-Kolossin 3. 16.

DAĦLA

IS-SINJALI TAŻ-ŻMENIJIET

Kif għamel fi-imgħoddi, hekk ukoll illum, Alla għadu jħobb il-Poplu Tiegħu u għandu mhejji għalih pjan tas-salvazzjoni. Aħna għandna nfittxu li nagħrfu dan il-pjan u nikkoperaw fit-twettiq tiegħu.

Dana jista' jsir billi ngħassu u ninnotaw is-sinjali taż-żminijiet, u permezz tagħhom nintebħu:

— fejn hemm il-perikolu biex nevitawh
— u fejn jinsab dak li hu ta' għajnuna għalina, biex inħabirku għalih.

Hekk fl-epoka tal-istorja li għaddejjin

minnha, bil-vantaġġi u l-iżvantaġġi kollha li niltaqgħu magħhom, aħna jirnexxilna ngħixu ta' veri wlied Alla u ngibu ruħna skond ir-Rieda Mqaddsa Tiegħu.

Però jekk inkunu boloh u ma nifthux għajnejna biex nagħrfu dawn is-sinjali, tkun tisthoqqilna ċ-ċanfira li għamel Kristu lill-Fariżej: "Fil-għaxija tgħidu: Sejjer jagħmel bnazzi, għax is-sema ħamrani. U fil-għodu: Illum tempesta għax is-sema aħmar skur. Mela tafu tagħrfu wiċċ is-sema u ma tafux tagħrfu s-sinjali taż-żmenijiet?" (1)

Is-Sinjali taż-żmenijiet: X'inhuma?

Jissejħu sinjali taż-żmenijiet dawk il-fenomeni li f'perijodu determinat tal-istorja tal-umanità jiġru ta' spiss u b'mod ġenerali hekk li jindikaw il-fehmiet u s-sentimenti ta' dik il-ġenerazzjoni ta' bnedmin. (2)

Kull epoka għandha xi sinjali partikolari tagħha u anke l-epoka moderna li fiha qed ngħixu aħna, mhix mingħajr dawn is-sinjali. Biex wieħed jifhem sewwa t-tendenzi u l-aspirazzjonijiet tal-bniedem modern, jeħtieġ qabel xejn li jkun qara u fehem dawn il-fenomeni jew sinjali tal-epoka tagħna.

L-EWWEL PARTI

MENTALITA' ĠDIDA

Wieħed minn dawn is-sinjali li jidher

sewwa fi żmienna, għad li għandu l-għeruq tiegħu fi-iżvilupp kulturali tas-sekoli li għaddew, huwa l-proċess jew mewġa ta' sekularizzazzjoni, li qegħda tinfirex dejjem iktar f' diversi pajjiżi tad-dinja.

Fil-waqt li kull ma jmur, qegħda tikber il-fiduċja fil-ħila tal-bniedem u fil-progress miksub bis-saħħa tax-xjenza u tat-teknoloġija,

- ir-realtà tad-dinja qegħda tidher f' dawl ġdid, bħala ħaġa li għandha siwi fiha nfisha
- u l-eżistenza umana hija meqjusa bħala awtonoma u bla ebda rabtiet ma' Alla u mar-reliġjon.

Il-bniedem ta' llum u Alla

Ħafna qegħdin jaħsbu li l-bniedem u d-dinja li jgħix fiha huma awtosuffiċjenti, jiġifieri għandhom fihom infushom dak kollu li jeħtieġu biex jistgħu jeżistu, jaġixxu u jimxu 'l quddiem u għalhekk m'hemmx bżonn jirrikorru għand Alla, bħala bidu u tmiem tal-eżistenza tagħhom, sabiex isibu fih id-dawl tal-verità u jiksbu minn għandu l-qawwa li jagħmlu t-tajjeb.

Ħafna tilfu kull stima ta' dawk il-ħwejjeġ li qabel kienu kkunsidrati bħala sagri u qaddisa, fil-waqt li l-valuri reliġjużi ma fadlilhomx post fil-ħsieb u fil-ħajja tagħhom.

Hekk bil-mod il-mod, qed tinħoloq anke fost l-insara mentalità ġdida għal kollox differenti minn dik li kienet prevalenti fil-pajjiżi ta' kultura nisranija.

IT-TIENI PARTI

IS-SEKULARIZZAZZJONI

A) Ir-RELIĠJON u l-MENTALITA' ta' LLUM

Il-bniedem għandu bżonn ta' ALLA?

Skond it-tagħlim kattoliku, Alla huwa l-Ħallieq ta' kollox, Dak li jieħu ħsieb il-bnedmin bil-Providenza Tiegħu u jmexxihom bil-Liġijiet imqaddsa tiegħu. Lilu, għalhekk, il-bnedmin għandhom **iħobbu, jaqdu** u **jaduraw**, fil-waqt li r-Rieda tiegħu għandha tkun ir-regola ta' kull għemil tagħhom.

Imma l-mentalità sekularizzata, għad li mhux dejjem tasal biex tiċħad lil Alla, tinsisti li l-bniedem tal-lum m'għandux bżonn t' Alla, għax il-bniedem għamel tant progress li jaf iħoll waħdu l-problemi tiegħu. Permezz tax-xjenza u tat-teknika, il-bniedem, skond din il-fehma, jista' wkoll bla ma jindaħallu ħadd aqwa minnu, **jorganizza l-ambjent** tiegħu u d-dinja kollha biex l-umanità tkun tista' tgawdi ġejjieni hieni.

Ir-RELIĠJON: meħtieġa jew le?

Id-dmir li jagħti qima lil Alla mhux biss privatament, imma wkoll fil-pubbliku, aħna nqisuh bħala dmir fundamentali tal-bniedem li jammetti l-eżistenza tal-Ħallieq. Għalhekk,

ir-reliġjon, anke fid-dimensjoni tagħha vertikali, ċioè fir-relazzjoni bejn il-bniedem u Alla, inqisuha bħala element importanti u insostitwibbli fi-eżistenza tal-individwu u fil-ħajja tas-soċjetà.

Però, fil-mentalità sekularizzata, ir-reliġjon hija biss fenomenu marġinali, la hija neċessarja biex il-bniedem isib il-paċi tal-qalb u jagħmel it-tajjeb u l-anqas ma għandha ebda bażi xjentifika.

Is-sekularizzazzjoni tipprevedi li r-reliġjon, mhux biss dik nisranija, imma kull għamla ta' kult lil Alla, ma jirnexxilhiex tvinċi fil-ġirja tal-evoluzzjoni moderna, ma jifdalx post għaliha fil-moħħ u fil-qalb tal-bniedem li jgawdi l-frott tal-kultura ta' żminijietna, u l-anqas fis-soċjetà industrijalizzata.

Ir-reliġjon, għalhekk, tintefa weħidha bil-mod il-mod, u d-dinja tkompli miexja rebbieħa fi triqtha, mingħajr tfixkil ta' sù perstizzjonijiet u ta' riti maġiċi.

Il-KNISJA: għadha Sagrament ta' Salvazzjoni?

B'fidi qawwija fil-kelma ta' Kristu: "Fuq din il-ġebla nibni l-Knisja tiegħi, u l-bibien tal-infern ma jirbħuhiex", (3) aħna nittamaw li l-Knisja Kattolika, bil-ministri u l-istituzzjonijiet tagħha, għad li minn żmien għal żmien tiġġedded u twettaq it-tibdiliet meħtieġa, imma sa l-aħħar taż-żminijiet, skond il-pjan tal-Fundatur Divin tagħha Ġesù Kristu, tkompli l-missjoni tagħha spiritwali, li tiglorifika lil Alla u ssalva l-erwieħ, bix-xandir tal-Kelma u bis-Sagramenti Mqaddsa.

Is-sekularizzazzjoni ma tinnegax is-siwi tal-Kristjaneżmu bħala messaġġ ta' mħabba fost il-bnedmin u bħala programm ta' għajnuna lil xulxin. L-anqas ma tiċħad illi fis-sekoli l-imgħoddija, il-Knisja sfat ta' ġid kbir għal ħafna popli, imma tikkontesta l-Knisja bħala espressjoni storika tal-Kristjaneżmu.

Dawn it-talin jaħsbu li l-Knisja bil-mod kif hija organizzata, kif ukoll bil-metodi ta' tagħlim u ta' azzjoni li għandha, mhix kapaċi llum li tipperswadi l-bniedem modern, twassallu l-messaġġ tal-Vanġelu b'mod li jinteressah u tkun għalih ta' dawl u gwida.

B) Id-DESTIN TAL-BNIEDEM FIS-SEKULARIZZAZZJONI

Il-ħajja eterna:

Skond il-mentalità nisranija, il-ħajja f' din id-dinja hija:

— żmien ta' thejjija għall-ħajja eterna
— żmien ta' prova li tagħha rridu nagħtu kont lil Alla.

JEKK

- nagħmlu t-tajjeb ikollna l-premju

JEKK

- nagħmlu l-ħażin ikollna l-kastig fid-dinja l-oħra.

Is-sekularizzazzjoni, għad li mhux neċes-

sarjament tiċħad ħajja oħra wara l-mewt, imma tikkonċentra l-attenzjoni kollha fuq il-ħajja ta' issa u tgħallem li biżżejjed din id-dinja għall-bniedem, li mingħajr ma joqgħod jistenna l-għajnuna minn Fuq, għandu jmidd idejh sabiex bil-mezzi li joffrilu l-progress modern, jibni dinja iktar umana fejn isaltnu sliem u ġustizzja ikbar.

Il-Moralità

Il-ħajja nisranija, kif nifhmuha aħna hija:—

- ħajja ta' fidi fi Kristu u fil-Kelma t'Alla
- ħajja ta' twettiq tar-Rieda Mqaddsa tal-Mulej li aħna nistgħu nagħrfuha bid-dawl tar-Rivelazzjoni u tar-raġuni.

Il-ħajja tan-nisrani għalhekk, għandha tiġi rregulata b'normi mogħtija minn Alla, li l-kuxjenza tan-nisrani għandha tfittex bir-reqqa u fuqhom tieħu d-deċiżjonijiet tagħha.

Kull darba li l-bniedem jagħżel dak li ma jridx Alla u jikser ir-regoli tal-imġieba morali li tah Alla, isir ħati tad-dnub.

Is-sekularizzazzjoni tippriedka morali ġdida, morali li fiha d-dnub m'għandux importanza; morali li ma taċċetta ebda liġi imposta minn fuq, imma tibbaża kollox fuq l-imħabba u thalli l-bniedem fil-libertà li jiddeċiedi waħdu liema triq għandu jaqbad.

Minn dan li għidna jidher ċar li din il-mentalità ġdida, dan il-proċess ta' sekularizzazzjoni joħloq problema serju mhux biss għat-

Teoloġija nisranija, imma wkoll għall-azzjoni pastorali u l-ħidma tal-Knisja fiż-żminijiet tal-lum.

IT-TIELET PARTI

ANALISI tas-SEKULARIZZAZZJONI

A) DAK LI NISTGĦU NAĊĊETTAW

Xi whud mill-istudjużi tal-problemi moderni, ma naqsux li jiflu bir-reqqa din il-kultura ġdida u ipprovaw jiskopru fiha xi elementi pożittivi.

Il-Valuri tal-bniedem

Hekk per eżempju, huwa bla dubju l-valur tal-bniedem, tad-dinjità tiegħu kif ukoll tar-responsabilità tiegħu quddiem id-dinja u l-istorja. Tinħass ukoll il-ħtieġa li r-relazzjonijiet bejn il-bnedmin ikunu ispirati millimħabba nisranija, li tgħin mhux ftit biex tiżviluppa l-personalità tal-individwi u l-paċi fis-soċjetà.

Awtentiċità fit-Twemmin

Ħadd ma jiċħad li l-insara tal-lum għandhom bżonn ta' spiritwalità ġenwina, biex ma jaħarbux mid-dinja, imma fil-waqt li jibqgħu sodi fi twemminhom, igħixu ħajja nisranija tassew li biha jagħtu xhieda ta' Kristu

fid-dinja u jiddedikaw ruħhom għall-ġid spiritwali u materjali tal-bnedmin ħuthom.

Reliġjon aktar Pura

Wieħed jifhem ukoll li dak li huwa sagru u reliġjuż għandu jiġi msoffi minn kull fdal ta' superstizzjoni li nġabar miegħu matul il-kors taż-żmien. Jekk ma jsirx dan, ir-reliġjon tiġi ridikolata minn dawk li m'għandhomx l-istess drawwiet tagħna.

Awtonomija tal-ħwejjeġ tad-dinja

Fl-aħħarnett il-Knisja tirrikonoxxi l-awtonomija leġittima tax-xjenzi u tar-realtajiet tad-dinja, kif ukoll tal-liġijiet proprji tagħhom. Difatti, kif igħallimna l-Konċilju (4)

> "Jekk b'awtonomija tal-ħwejjeġ ta' l-art nifhmu li l-ħwejjeġ maħluqa u l-istess soċjetajiet għandhom liġijiet u valuri tagħhom, li għandhom jiġu bil-mod il-mod studjati, użati u regolati mill-bnedmin, hija ħaġa tajba li wieħed jitlob din l-awtonomija. U dan mhux biss iriduh il-bnedmin ta' żminijietna, imma jaqbel ukoll mar-rieda t'Alla li ħalaq kollox."

B). DAK LI JALLARMANA

Madanakollu, meta fil-keffa l-oħra talmiżien, inpoġġu l-elementi negattivi u l-perikoli li jheddidna bihom il-proċess tas-sekularizzazzjoni, nintebħu li għandna tabilħaqq għalfejn nallarmaw ruħna.

Ikompli jgħallimna l-Konċilju:

> "Jekk bil-kliem 'awtonomija tal-ħwejjeġ ta' l-art' wieħed jifhem li l-ħwejjeġ maħluqa ma jiddependux minn Alla, u li l-bniedem jista' jinqeda bihom mingħajr ma jagħti każ t'Alla, l-ebda bniedem li jagħraf 'lAlla, ma jindunax kemm dawn il-prinċipji huma foloz. Għax il-ħaġa maħluqa mingħajr Dak li ħalaqha m'hi xejn. Wara kollox, dawk kollha li jemmnu, ta' kwalunkwe reliġjon huma, dejjem semgħu l-leħen u d-dehra t'Alla fil-kliem talħwejjeġ maħluqa. Anzi l-ħaġa maħluqa tibqa' fid-dlam meta jintesa Alla."

● L-ewwel perikolu: Alla jintesa

Kif josserva l-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI (5) huwa fatt storiku li s-sekularizzazzjoni żviluppat bħala oppożizzjoni għall-Kristjaneżmu. Prattikament, la darba dan il-proċess iwassal biex is-soċjetà tinsa lil Alla u s-sinjali tal-preżenza tiegħu, u twarrab l-istituzzjonijiet reliġjużi, tinħoloq atmosfera, li fiha Alla huwa assenti.

It-tħassib tagħna jkompli jikber meta nosservaw il-konsegwenzi ta' ħsara li l-proċess ta' sekularizzazzjoni jħalli warajh.

● **It-tieni perikolu: Kriżi fil-fidi**

F'xi pajjiżi nħolqot kriżi ġenerali tal-fidi, għax ħafna huma dižorjentati u fost il-ħafna opinjonijiet tat-teoloġiji, ma jafux liema jaqbdu jagħżlu u fejn qegħda l-verità. Ħafna oħrajn, ma jagħtux każ tal-problemi reliġjużi u meta xi darba jitkellmu fuqhom aktarx ikunu b'mod superfiċjali u preġudikat. Il-frekwenza għall-funzjonijiet liturġiċi naqset, kif naqas ukoll il-għadd ta' nies li jħossu l-ħtieġa tat-talb u li jitolbu ta' spiss.

● **It-tielet perikolu: Jintilef is-Sens tad-Dnub**

Oħrajn ma għadhom jintebħu xejn bit-toqol tad-dnub, u għalhekk b'indifferenza jikkommettuh u ma jħossux in-neċessità li jeħilsu minnu bl-indiema u bis-sagrament tarrikonċiljazzjoni. Kull ma jmur qed tinfirex mentalità permissiva li f'isem il-libertà tippermetti anke dak li jbaxxi l-bniedem, mentalità li għaliha l-mezzi tal-kommunikazzjoni soċjali bħal ma huma l-perjodiċi u l-films taw l-ikbar kontribuzzjoni.

● **Ir-raba' perikolu: Jonqos l-Ispirtu ta' Sagrifiċċju**

Huma ftit dawk li fadlilhom stima lejn il-misteru tas-salib, u li jieħdu bis-serjetà l-kelmiet ta' Kristu: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, jiċħad lilu nnifsu u jerfa' salibu kull

jum, u jiġi warajja." (6)

Ftit huma lesti għaċ-ċaħda u għas-sagrifiċċji, li jitlob minna l-Vanġelu u minn hawn ġej aktarx li nħolqot kriżi f'xi erwieħ ikkonsagrati lil Alla, kif ukoll mhux rari l-falliment fil-ħajja miżżewġa ta' xi koppji nsara.

IR-RABA' PARTI

L-ATTEĠĠJAMENT TAL-KNISJA QUDDIEM IS-SEKULARIZZAZZJONI

Quddiem din is-sitwazzjoni, il-Knisja jeħtieġilha tiddeċiedi x'atteġġjament sejra tieħu. Qabel xejn, ta' min jinnota li l-Knisja Kattolika, jiġifieri sewwa l-Ġerarkija kif ukoll il-membri l-oħra, ma tistax tibqa' ndifferenti quddiem it-theddida tas-sekularizzazzjoni; u l-anqas tista' tħaddan it-tama fiergħa li kollox għad jirritorna għal li kien qabel. Kif l-iżviluppp tal-istorja ma jerġax lura fil-mixja tiegħu, hekk ukoll is-sekularizzazzjoni hija proċess irreversibbli. (7)

L-anqas nistgħu nserrħu rasna aħna billi ngħidu li għandna tradizzjonijiet reliġjużi antiki u billi nimmaġinaw li qegħdin ngħixu fi ġżira diffiċilment milħuqa minn influwenzi barranin. Fil-kultura tal-lum, ma għadx fadal fruntieri li jifirdu xi pajjiż mill-bqija taddinja.

Biżżejjed inħarsu lejn il-ġenerazzjonijiet li telgħin, biex nintebħu kemm it-tfal u

ż-żgħażagħ tagħna huma lesti li jimitaw it-tendenzi ta' pajjiżi oħra u b'liema ħeffa jaċċettaw il-modi, gosti u divertimenti tal-oħrajn.

Il-publikazzjonijiet u l-films importati minn barra, kif ukoll il-kuntatt mat-turisti li jiġu fostna huma fatturi oħra li jħaffu din l-evoluzzjoni fil-kultura u fl-istil tal-ħajja moderna. Mela anke għalina, is-sekularizzazzjoni hija problema pastorali urġenti.

TLIET ALTERNATTIVI

i) Tikkuntenta biss bl-imgħoddi?

Il-Knisja Kattolika llum, għandha quddiemha tliet alternattivi. Teżisti t-tentazzjoni li l-knisja tikkontenta b'dak li kien isir fl-imgħoddi, u bla ma tagħti każ biżżejjed ta' dak li qed jiġri madwarha, tingħalaq fiha nfisha, iżżomm sħiħ ma' dawk is-sinjali u drawwiet li sal-lum kienu meqjusa bħala pilastri tar-reliġjon imma li ftit baqagħlhom siwi fil-fehmiet tan-nies tal-lum. Dan l-atteġġjament iġib miegħu r-riskju li jkompli jonqos il-għadd ta' nsara prattikanti u tkompli tikber id-distanza li hemm bejn il-Knisja u s-soċjetà tal-bnedmin.

ii) Timxi mal-moda taż-żmenijiet?

Mhix iċken it-tentazzjoni l-oħra li wieħed jaċċetta mingħajr ħafna riservi s-sekularizzazzjoni, li l-Knisja, impressjonata mill-

progress tad-dinja, tissagrifika kollox biex timxi mal-moda taż-żminijiet;

- tħaddan kull tibdil anke fi ħwejjeġ l-iktar fundamentali,
- tinżel għal-livell tal-bniedem modern,
- tadatta ruħha għall-gosti tiegħu,
- u mill-messaġġ nisrani tippriedka biss dak li l-ġenerazzjoni tal-lum tifhem u taċċetta faċilment.

F'atteġġjament bħal dan, il-Knisja ssir bħal kull soċjetà oħra tal-bnedmin, suġġetta għal kull taqlib u qajla tkun tista' tissejjaħ depożitarja tal-verità ta' Kristu u mgħallma tal-ġnus.

iii) Tifhem u tfiehem aħjar il-Messaġġ Nisrani

Hemm ukoll it-tielet u l-aħjar alternattiva: li l-Knisja tħoss il-ħtieġa li tapprofondixxi l-fidi tagħha, li tifhem u tfiehem dejjem aħjar il-messaġġ nisrani sabiex fil-waqt li tissodisfa l-ġuħ spiritwali tal-umanità ta' żmienna u titkellem b'mod li tinteressa l-ġenerazzjoni tal-lum, tibqa' dejjem leali u fidila lejn Kristu u t-tagħlim tiegħu u tkompli sa tmiem is-sekoli l-missjoni li Huwa afdalha.

IŻ-ŻEWĠ DIMENSJONIJIET TAR-RELIĠJON

F'kull mument tal-eżistenza tagħha, il-Knisja jeħtieġilha żżomm quddiem għajnejha ż-żewġ dimensjonijiet tar-Reliġjon Nisranija, orizzontali u vertikali; u ma tista' qatt

tissagrifika jew tinsa ebda waħda minnhom.

Taħseb fil-bniedem

Il-Knisja — kif josserva l-Papa attwali — fil-waqt li tipperfezzjona t-tagħlim u l-istrutturi tagħha, m'għandhiex intenzjoni li tinqata' l-bogħod mill-esperjenza proprja tal-bnedmin ta' żmienha, imma tfittex pjuttost li tifhimhom aħjar, li taqsam magħhom it-tbatijiet u l-aspirazzjonijiet tajba tagħhom u li tgħin mill-aħjar li tista' l-isforz li qed jagħmel il-bniedem modern biex jikseb il-prosperità, il-libertà u l-paċi tiegħu." (8)

Taħseb f'ALLA

Imma din l-attenzjoni kontinwa tal-Knisja għall-problemi tal-bnedmin u l-ħidma tagħha biex jitjiebu l-kondizzjonijiet talħajja tagħhom, m'għandhom qatt ifixkluha fit-twettiq tal-missjoni sublimi tagħha li tressaq l-erwieħ lejn Kristu u li trodd qima lil Alla. Kif igħallimna l-Konċilju:

> Il-Knisja "waqt li għandha xxandar dejjem lil dawk li jemmnu, it-twemmin u l-penitenza, għandha wkoll thejjihom għas-sagramenti, tgħallimhom iħarsu dak kollu li ordna Kristu u tiġbidhom għall-għemejjel kollha ta' mħabba, ta' tieba, u ta' apostolat, u b' dawn l-għemejjel jidher kemm hu minnu li l-insara m'humiex ta' din iddinja, iżda huma d-dawl tad-dinja u jagħtu foħrija lill-Missier quddiem il-

bnedmin." (9)

Ir-Reliġjon tal-Karità

F'kull żmien tal-istorja, imma wisq u wisq iżjed f'din l-epoka ta' wara l-Konċilju, il-Knisja Kattolika għandha l-jedd u d-dmir li tgħallem u twettaq fil-prattika r-reliġjon tal-karità lejn Alla u lejn il-proxxmu, għaliex hekk u hekk biss tista' tibqa' dejjem shiħa fil-fedeltà tagħha lejn Kristu u lejn il-Vanġelu Tiegħu. Għaliex Kristu ġabar il-prattika reliġjuża kollha fil-preċett tal-karità: "Ħobb lill-Mulej Alla tiegħek minn qalbek kollha u b'ruħek kollha ... Ħobb lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek." (10)

Hu għallem lid-dixxipli tiegħu jħarsu lejn Alla bħala Missier kollu mħabba u ħniena lejhom u riedhom ifittxu qabel kollox issaltna t'Alla (11) ħeġġiġhom biex jixtiequ u jitolbu li tiġi s-saltna t'Alla u li tkun magħmula r-Rieda Tiegħu. (12)

Imma Kristu ried ukoll li l-imħabba lejn ħutna l-bnedmin tkun is-sinjal ta' dawk li jemmnu fil-kelma tiegħu: "F'dan kulħadd jagħraf li intom dixxipli tiegħi, jekk ikollkom l-imħabba għal xulxin." (13)

L-Ispirtu tal-Vanġelu

Fis-siegħa tal-lum, il-missjoni tal-Knisja ma tikkonsistix biss filli torganizza servizzi liturġiċi, tamministra s-sagramenti u ssaħħaħ l-istrutturi nterni tagħha; imma hija wkoll ħidma proprja tal-Knisja dik li twassal

il-Vanġelu u l-qdusija lill-bnedmin u li tkun preżenti fl-ordni temporali u tipperfezzjonah bl-ispirtu evanġeliku. (14)

IL-ĦAMES PARTI

L-IMĠIEBA TAL-KATTOLIĊI F'DINJA SEKULARIZZATA

L-insara tal-lum, għandhom jirriflettu ta' spiss fuq it-talba għad-dixxipli tiegħu, li għamel Kristu, awl il-lejl qabel ma' miet: "Ma nitlobx sabiex tneħħihom mid-dinja, iżda biex tħarishom mill-ħażen. M'humiex tad-dinja, kif jien ukoll m'iniex tad-dinja. Qaddishom fil-verità". (15)

L-insara, mela, għandhom jieħdu bis-serjetà l-fatt li huma bil-Magħmudija li rċivew, saru membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu u għalhekk jeħtieġ li taħdem u tidher fihom il-grazzja u l-qdusija tas-Sinjur tagħna Ġesù.

Huma għandhom

> "jagħrfu b'mod speċjali li huma ġew elevati għall-kundizzjoni aktar għolja, anzi reġgħu twieldu għall-ħajja sopranaturali li fiha jistgħu jħossu l-ħena ta' wlied adottivi t'Alla, dinjità proprja ta' aħwa ta' Kristu, xorti kbira, jiġifieri l-grazzja u l-ferħ tal-Ispirtu Santu jgħammar fihom; b'mod li tabilħaqq huma msejħin għal għamla ġdida ta' ħajja, li fiha, xejn ma jintilef minn dak li hu bniedem, barra mill-ħsara tad-dnub oriġinali, imma dak kollu li hu uman jisa' jigi mgħolli biex jagħti idea sabiħa ta' perfezzjoni u jagħmel frott abbondanti u qaddis." (16)

1) Ħtieġa ta' Tiġdid Reliġjuż

Minn kull kattoliku, denn ta' dan l-isem, iż-żminijiet tal-lum jitolbu tiġdid reliġjuż, li jikkonsisti qabel xejn, f'rabta mal-fidi, iżjed personali u iktar konvinta.

Hija meħtieġa għalhekk, formazzjoni talfidi, jew edukazzjoni reliġjuża, adegwata u kontinwa, li tibda mis-snin tat-tfulija u tibqa' sejra sal-maturità, b'enfasi speċjali, fit-thejjija għas-sagramenti.

Il-ġenituri nsara, għandhom il-jedd u dmir li jinsistu biex tiġi mogħtija din il-formazzjoni reliġjuża lil uliedhom, jikkoperaw ma' dawk li għandhom f'idejhom din il-missjoni nobbli u jkunu grati lejhom.

2) Sehem attiv fil-Quddiesa u fis-Sagramenti

Huwa mportanti li l-kattoliċi sa minn ċkunithom, mhux biss jersqu għas-sagramenti u jattendu bi drawwa għaċ-ċelebrazzjoni tal-Misteru Ewkaristiku, imma li jħossu tabilħaqq il-ħtieġa ta' din l-għajnuna spiritwali għall-ħajja tagħhom, jieħdu sehem attiv fil-Quddiesa u fl-amministrazzjoni tas-sagramenti, jipprovaw jifhmu u jsegwu mhux biss il-kliem imma wkoll is-sinjali li bihom tiġi

mwassla lilhom il-grazzja t'Alla.

Il-laqgha kommunitarja ta' darba fil-gimgha maqwar il-mejda Ewkaristika, tibqa' anke niż-zminijiet tagħna kif kienet sa mill-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu, waħda mir-rabtiet ewlenin li bihom l-insara:

— jissaħħu fi twemminhom,
— joqorbu dejjem aktar lejn Kristu
— u jikbru fl-imħabba lejn ħuthom il-bnedmin.

Biex dan iseħħ però, jeħtieġ, li fiċ-ċelebrazzjoni tal-Misteru Ewkaristiku, il-fidili ma jassistux

> "bħallikieku barranin jew iħarsu sieħta, iżda waqt li jifhmuh tajjeb fir-riti u t-talb tiegħu, jieħdu sehem mifhum, qaddis u ħaj fl-att imqaddes; jiġu mgħallma bil-kelma t'Alla, jieklu mill-mejda tal-Ġisem tal-Mulej ... jitgħallmu joffru lilhom infushom u minn jum għall-ieħor, permezz ta' Kristu Medjatur, jitqaddsu fl-għaqda ma' Alla u bejnhom infushom, biex Alla jkun tabilħaqq kollox f'kulħadd." (17)

3) Apostolat fl-ambjenti kollha

Il-lajċi kattoliċi, però ma jistgħux jikkuntentaw li juru s-sentimenti tagħhom ta' nsara meta jkunu biss fil-knisja jew fis-sagristija.

Huma għandhom jagħtu bil-qalb is-sehem tagħhom biex jitwettaq tibdil għat-tajjeb, skond l-ispirtu ta' Kristu, fil-familja

proprja tagħhom, fl-ambjent u fil-kontest soċjali li fih igħixu u jaħdmu.

Huma għandhom ikunu bħala strument f'idejn Alla sabiex fir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin,

——jitnissel is-sens ta' rispett reċiproku,
— tikber l-imħabba fraterna,
— tinżamm l-armonija
— u tiġi mħarsa l-paċi dejjiema.

4) Apprezzament tal-valuri umani

Minn hawn jiġi li l-kattoliċi għandhom iħossuh bħala dmirhom li japprezzaw u jiddefendu l-valuri umani, li dwarhom huma tant sensibbli l-bnedmin tal-ġenerazzjoni tallum.

Ma jistax wieħed jissejjaħ nisrani tajjeb, jekk qabel xejn ma jkunx bniedem

≋ ta' karattru tajjeb
≋ iħobb il-verità
≋ jagħder lil ħaddieħor
≋ u jirrispetta d-drittijiet u l-libertà leġittima ta' l-oħrajn.

5) Impenn fil-ħajja soċjali

Il-preżenza tan-nisrani fid-dinja tfisser ukoll li huwa għandu jieħu bl-ikbar impenn u bħala dmir ta' kuxjenza, il-ħidma tiegħu fil-qasam

tekniku,
xjentifiku,
professjonali,

soċjali u ekonomiku,
kif ukoll f'dak kollu li fih huwa jħossu kompetenti.

Huwa għandu jikkunsidra din l-attività bħala sinjal u mezz ta' koperazzjoni effikaċi għat-twaqqif ta' soċjetà iktar ġusta u għall-affermazzjoni tad-dinjità tal-bniedem, skond il-pjan tal-Mulej.

Fi kliem ieħor, in-nisrani għandu jagħti tifsira ġdida lix-xogħol kollu tiegħu, jinqeda skond il-pjan providenzjali t'Alla, bir-riżultati tajbin tax-xjenza u tat-teknika u jużahom għas-servizz tiegħu nnifsu u ta' ħutu l-bnedmin, b'mod li tissaħħaħ dejjem iżjed id-dinjità tal-persuna umana.

GĦELUQ

Bla dubju ta' xejn dan kollu li għidna jitlob sforz mhux żgħir, jitlob fuq kollox dak ittiġdid profond fil-mentalità u fil-kuxjenza ta' kull wieħed minna li jista' jwassal għar-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-bnedmin. Dan huwa wkoll l-għan ewlieni tas-Sena Mqaddsa li qegħdin niċċelebraw.

Jekk irridu tabilħaqq li napprofittaw ruħna minn dan iż-żmien tal-grazzja, li qed joffrilna l-Mulej, jeħtieġ li bil-kuraġġ kollu, b' fiduċja sħiħa f'Alla u fil-qawwa ta' Kristu rxuxtat, imweżnin bit-talb magħmul bil-qalb, immiddu idejna biex inwettqu dan il-programm ta' tiġdid spiritwali.

23 ta' Frar, 1974.

REFERENZI

(1) S. Matt. 16. 2-4
(2) Cfr. P. Lombardi "Per vivere il Concilio" n. 63
(3) S. Matt. 16. 18
(4) Kost: Gaudium et Spes n. 36
(5) Diskors tat-18 ta' Marzu 1971
(6) S. Luqa 9. 23.
(7) A. Dondeyne "Ateismo e Secolarizzazione" pag. 57
(8) Diskors tal-21 ta' Novembru 1964.
(9) Kostituzzjoni dwar il-Liturġija n. 9.
(10) S. Matt. 22. 37-39
(11) S. Matt. 6. 33
(12) San Matt. 6. 10 Luqa 11. 2
(13) S. Ġwann 13.35
(14) Degr. Apostolicam Actuositatem n. 2
(15) S. Ġwann 17. 15-17
(16) Enċiklika "Ecclesiam Suam" n. 41
(17) Kostituzzjoni dwar il-Liturġija n. 48.

IL-ĦTIEĠA TAL-ĠURNALIŻMU KATTOLIKU

Kull ma jmur qed tinħass dejjem iżjed l-importanza li għandhom il-**ġurnali** u **l-perjodiċi fil-ħajja tal-bniedem u tas-soċjetà** moderna. Jeħtieġ għalhekk li fost il-kattoliċi tagħna titqanqal kuxjenza dwar dan il-problema ta' l-istampa perjodika u li kull wieħed minna jifhem sewwa l-ġid jew id-deni li jista' jħalli warajh mezz tal-kommunikazzjoni soċjali bħal ma huma l-ġurnali u r-rivisti.

Qabel xejn il-ġurnal huwa strument ta' informazzjoni. Minnu nkunu nafu x'qed jiġri

mhux biss f'pajjiżna imma wkoll f'artijiet oħra. Issa kull bniedem, kif igħidilna l-Papa Ġwanni XXIII fl-enċiklika "Pacem in Terris" (n. 11) għandu l-**jedd għall-informazzjoni oġġettiva,** jiġifieri li l-informazzjoni li tingħatalu tkun taqbel mal-fatti. Il-ġurnal għalhekk suppost li jiġbor fih messaġġ ta' verità u jwassal lill-qarrejja l-verità biss u dik il-verità li jixraq li jkunu jafu. Però, xi drabi sewwa minħabba l-għaġġla li biha jiġu mhejjijin il-ġurnali, kif ukoll minħabba l-preġudizzji ta' dawk li jhejjuhom jew għal raġunijiet oħra, jiġri li l-informazzjoni mogħtija fi-istampa perjodika ma tkunx eżatta għal kollox u għalhekk tista' tinganna l-qarrejja u tnissel filmenti tagħhom ideat qarrieqa, ħaġa li hija għal kollox kuntrarja għad-dinjità li għandu l-qarrej bħala persuna umana u wieħed minn ulied Alla. Kellu raġun, għaldaqstant, il-Papa preżenti, fid-diskors tiegħu tat-2 ta' Mejju 1964, jilmenta li xi ġurnali, "jilħqu l-erwieħ mhux biex inisslu l-verità imma biex jgħarrqulhom l-impressjonijiet u l-ideat tagħhom, biex jorbtuhom wisq agħar milli b'katina, birrbit tal-qerq, bl-irbit tal-jasar spiritwali għall-ideat żbaljati jew anke sempliċement tas-servilità għall-opinjoni ta' ħaddieħor". (Paolo VI, "Scritti e discorsi" Cantagalli — Siena, vol. 4 paġ. 162)

Iżda l-ġurnal mhux biss jinforma l-bniedem li jaqrah, imma huwa wkoll **strument talformazzjoni** tal-personalità tiegħu, għaliex jifforma l-kuxjenza b'ċertu mod u manjiera li ħafna nies ta' żmienna jaħsbu u jiġġudi-

kaw skond dak it-tagħim li jixorbu ftit ftit u forsi inkonxjament mill-qari li jagħmlu u ħafna jaslu saħansitra li jixxempjaw il-ħajja tagħhom skond il-pariri u s-suġġerimenti li jsibu fil-ġurnali preferiti tagħhom. Għalhekk il-Papa Pawlu VI, fl-istess diskors li semmejna jxebbaħ il-ġurnal ma' surmast fl-iskola bid-differenza li l-ġurnal għandu influwenza wisq akbar; "is-surmast jitkellem ma' ftit nies u għal ftit ħin, il-ġurnal jitkellm ma' bosta u għal żmien indefinit, is-surmast jitkellem mat-tfal, il-ġurnal ikellem lill-kbar".

Minn hawn wieħed jista' jifhem x'qawwa l-iktar meraviljuża jista' jkollu ġurnal jew perjodiku meta huwa wżat bħala **arma ta' apostolat**. Meta l-istampa hija mħaddma għas-servizz tal-verità u wisq iktar meta tintuża biex ixxandar it-tagħlim tal-Vanġelu, tista' tilħaq imkejjen l-iktar imbegħda fejn il-kelma tal-predikaturi ma tasalx, tista' tipperswadi u tixgħel il-fidi f'ċerti individwi li m'humiex disposti li jisimgħu xort'oħra l-messaġġ ta' Kristu.

Bid-dritt kollu għalhekk il-Konċilju Vatikan it-Tieni, fid-Digriet dwar il-Mezzi tal-Kommunikazzjoni Soċjali "Inter Mirifica" (n. 14) igħallimna: "Qabel xejn għandu jingħata appoġġ lill-istampa tajba. Bil-ħsieb li tnissel l-ispirtu nisrani fil-qarrejja tagħha, **l-istampa kattolika** denja ta' dan l-isem, għandha titwaqqaf u tiġi msaħħa. Sewwa jekk tkun ippublikata u mmexxija direttament mill-Awtorità Ekkleżjastika jew minn sekulari kattoliċi, jeħtieġ li tiġi mxandra b'dan il-għan: li

ssawwar, tqawwi u xxerred ideat li jaqblu mal-Liġi Naturali u mat-Tagħlim u l-Preċetti Katoliċi; għandha tagħti publiċità u tinterpreta kif imiss il-fatti li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja tal-Knisja. L-insara għandhom jiġu mwissija dwar il-ħtieġa li jaqraw u jqassmu l-istampa kattolika, jekk iridu jiġġudikaw bi kriterji nsara dak li jiġri."

Jidhrilna li fl-okkażjoni tal-Ġurnata ta' l-Istampa t-Tajba, ta' min jerġa' jfakkar fid-dmirijiet tal-kattoliċi f'dan il-kamp.

L-ewwelnett hija ndispensabbli f'kull wieħed minna **kuxjenza tal-ħtieġa** u l-qawwa ta' **l-istampa tajba**, kuxjenza li sfortunatament għad mhix żviluppata biżżejjed f'pajjiżna. Kulħadd għandu jifhem u jkun persważ li l-problema tal-ġurnali u r-rivisti hija waħda mill-aqwa problemi li qegħdin jittormentaw il-Knisja u s-soċjetà fis-siegħa tal-lum. Jeħtieġ li l-Kleru u l-fidili jħossu li s-servizz li jagħtu għall-kawża ta' l-istampa t-tajba, u t-tixrid tagħha huwa wieħed mid-dmirijiet tagħhom l-iktar urġenti.

Huwa mportanti wkoll li fil-qarrejja jiġi edukat is-**sens ta' kritika**, hekk li min jaqra ma jiblax kollox imma jkun jaf jagħrbel u jagħżel il-veru mill-falz, dak li hu xieraq minn dak li mhux, dak li jgħolli l-bniedem minn dak li jbaxxih. B'mod speċjali l-ġenituri, it-teachers u l-edukaturi għandhom iqisuh bħala dmir tagħhom li jqanqlu fiż-żgħażagħ issens ta' kritika, billi jgħallmuhom igħixu ta' bnedmin u jaħsbu ta' bnedmin, fid-dinja tallum meta l-istampa u l-mezzi l-oħra ta' kom-

munikazzjoni soċjali jifformaw bosta drabi minaċċja serja għall-awtonomija tal-ġudizzju u tas-sentimenti tagħhom.

Huwa dover tagħna li **nsegwu u naqraw l-istampa tajba.** Fi żminijietna, meta kważi kulħadd jaf jaqra, il-qari tajjeb għandu jkun għalina mhux biss mezz ta' rikreazzjoni għallħin liberu, imma wkoll għajn ta' istruzzjoni u mezz li bih insaħħu l-Fidi tagħna u l-fehmiet tagħna għal ħajja aħjar. Għalhekk intennu x-xewqa li naraw f'kull familja kattolika l-ġurnal kattoliku jew għall-inqas ta' ispirazzjoni nisranija.

Fl-aħħarnett kulħadd għandu jikkontribwixxi s-sehem tiegħu sabiex il-ġurnali kattoliċi jiġu pperfezzjonati u jixxerrdu dejjem iżjed. Dawk li jinqalgħu għall-kitba, ikunu jwettqu apostolat l-iktar sabiħ u fejjiedi jekk jippreparaw materjal għall-pubblikazzjoni. Kulħadd, min ftit u min wisq, jista' joffri għajnuna finanzjarja biex juri li jappoġġja tabilħaqq l-istampa t-tajba. B'mod partikulari nixtiequ nirrikkmandaw għall-ġenerożità tagħkom il-perjodiku ppublikat fid-djoċesi tagħna, 'Il-Ħajja f'Għawdex'.

Jalla, dawn it-twissijiet tagħna jiswew b'xi mod biex tikber u tissaħħaħ f'pajjiżna l-istampa t-tajba li fiha aħna naraw mezz l-iktar effikaċi sabiex jogħla l-livell ta' kultura tal-poplu tagħna u sabiex iżżomm dejjem sħiħa l-Fidi nisranija speċjalment fiż-żgħażagħ tagħna.

(Miċ-Ċirkulari tat-12 - XII - 67.

F'kull aspett li fih tiġi kkunsidrata, il-paċi hija valur li biex niksbuh għandna nħabirku u nitolbu ta' kuljum; l-ewwelnett il-paċi ma' Alla li titnissel meta r-rieda toqgħod għal dak li jrid minnha Alla l-Imbierek, u r-ruħ tikkopera biex jitwettaq il-pjan li hejjiet għaliha l-Providenza Divina; il-paċi fi ħdan il-familja, meta l-ġenituri bi ftehim u armonija u dawn jirrispettaw 'l uliedhom reliġjożament u dawn jirrispettaw l-awtorità ta' dawk li tawhom il-ħajja; il-paċi bejn il-familji, meta b'sens ta' tolleranza jagħdru n-nuqqasijiet ta' xulxin u bi spirtu ta' karità nisranija jfittxu li jkunu ta' għajnuna wieħed lill-ieħor; il-paċi fi ħdan in-nazzjon, meta d-diversi gruppi li jeżistu fiha, speċjalment il-ħaddiema u min iħaddimhom, jikkollaboraw fiimkien għall-progress u l-ġid komuni tas-soċjetà; il-paċi bejn in-nazzjonijiet, li biha mhux biss tiġi evitata l-gwerra, imma tiġi assigurata lill-bnedmin il-ħlusija mill-injoranza, millmard u mill-miżerja, hekk li kulħadd ikun jista' jgħix skond id-dinjità li tixraqlu bħala iben t'Alla u membru tal-familja umana.

Però nosservaw b'dispjaċir tagħna, li din il-paċi hija mhedda u mhedda serjament. Jeżisti mhux biss il-**periklu ta' gwerra** oħra li qed tant jinkwieta lill-Missier tagħna l-Papa, imma nintebħu wkoll li anke fil-gżira żgħira tagħna, il-paċi għadha ma bdietx tiddi fis-

sbuħija kollha tagħha. Kif innotajna bosta drabi bi qsim il-qalb, jeżistu madwarna diversi **familji li fihom hemm il-firda u l-inkwiet.** Mhux nieqes it-tilwim bejn familja u oħra, frott ta' l-għira jew rebgħa, tilwim li xi drabi jtul is-snin b'tant skandli u ħsarat spiritwali li jġib miegħu. Sfortunatament ma nistgħux ngħidu li spiċċaw minn fostna l-piki esaġerati u l-preġudizzji partitarji, li huma l-vera kontradizzjoni tal-karità nisranija u tfixkil serju biex tinbena l-komunità ekkleżjali, li fiha Kristu jsaltan bil-paċi tiegħu, u jġib unjoni u għaqda ta' mħabba fost dawk li huma tabilħaqq ħrief tal-merħla tiegħu. Kif nistgħu nippretendu li l-ġnus jaslu għall-paċi bejniethom jekk aħna ma nfittxux li noħolqu **spirtu ta' paċi fl-ambjent tagħna** u bil-paċenzja u bil-karità kollha ma nagħmlux ħilitna biex insolvu l-problemi li qed jifirduna minn xulxin?

Il-Papa qalilna fid-dokument tat-8 ta' Diċembru 1967, li l-pedamenti tal-paċi huma: "is-sinċerità, il-ġustizzja u l-imħabba fir-relazzjonijiet taċ-ċittadini bejniethom u ma' dawk li jiggvernawhom, libertà ta' l-individwi u tal-popli, fl-espressjonijiet kollha ċivili, kulturali, morali u reliġjużi". Dan igħodd mhux biss għall-paċi internazzjonali, imma anke għall-paċi bejn soċjetà u oħra, kif ukoll fi ħdan kull soċjetà.

Il-Jum tal-Paċi għandu jservi għalhekk biex aħna nġeddu l-proponimenti tagħna li niksbu bil-mod il-mod u nrawmu fina dawn il-kwalitajiet li mingħajrhom ma tistax teżisti paċi vera. Nagħmlu ħilitna biex inkunu iktar sinċieri magħna nfusna u ma' għajrna; inkattru fina s-sens ta' ġustizzja u ta' rispett għall-jeddijiet ta' ħaddieħor; nirrispettaw ukoll li-libertà leġittima ta' l-oħrajn; fuq kollox nifthu qalbna għal sentimenti ta' karità nisranija li tgħaqqadna flimkien u tagħmel minna lkoll familja waħda, il-familja ta' wlied Alla.

Il-Jum tal-Paċi għandu jkun ukoll jum ta' talb biex Alla jżomm bogħod minna t-tilwim u l-flaġelli tal-gwerra. "L-ebda leħen", qalilna l-Papa, "l-ebda leħen ma għandu jonqos f'dan il-kor kbir tal-Knisja u tad-dinja, li jitlob lil Kristu li ta ħajtu għalina, biex jagħtina l-Paċi".

(Miċ-Ċirkulari tas-26 - XII - 67).

IR-RISPETT LEJN IS-SAĊERDOTI

Waħda mill-akbar ħtiġijiet li tinħass fil-Knisja ta' Kristu fis-siegħa tal-lum, hija dik li jkollha għadd suffiċjenti ta' **saċerdoti qaddisin u ħabrieka,** lesti li jissagrifikaw ruħhom għall-glorja t'Alla u għall-ġid ta' l-erwieħ. Dak li għallem u ordna l-Konċilju Vatikan II, ma jistax jitwettaq fil-prattika jekk ma jkunx hemm fil-Kleru spirtu mħeġġeġ ta' apostolat saċerdotali; għaliex huma proprju l-

qassisin, is-sisien li fuqhom mibnija l-istruttura viżibbli tal-Knisja, huma l-istrumenti ewlenin li bihom jinqeda l-Mulej għat-tiġdid tal-ħajja nisranija.

Din il-ħtieġa għandha tkun oġġett ta' riflessjoni u motiv ta' thassib mhux biss għall-ġerarkija u għall-membri tal-Kleru, imma għall-Poplu t'Alla kollu kemm hu. L-insara kollha li għandhom għal qalbhom il-progress tal-Knisja, jeħtieġ li jagħrfu s-serjetà ta' dal-problema u jistaqsu lilhom infushom x' jistgħu jagħmlu biex tinstab soluzzjoni, x' tistenna minnhom il-Knisja f'dan il-kamp.

Hemm bżonn qabel xejn, li nippruvaw nifhmu sewwa lis-saċerdot. Huwa veru li s-saċerdot huwa bniedem meħud minn fost il-bnedmin, xi drabi wkoll bid-difetti u n-nuqqasijiet bħall-bnedmin sħabu, imma jekk inħarsu lejh bil-għajnejn tal-Fidi, nintebħu li s-saċerdot huwa mżejjen b'dinjità u setgħat spiritwali li bnedmin oħra m'għandhomx. Is-**saċerdot kattoliku** għandu setgħa fuq il-Ġisem reali ta' Kristu li huwa jqassam fl-Ewkaristija kif ukoll setgħa fuq il-Ġisem Mistiku Tiegħu, għaliex jagħti lill-insara l-maħfra tad-dnubiet u l-grazzja permezz tas-Sagramenti.

Jekk in-nisrani jkollu dan l-ispirtu ta' Fidi, ma jonqosx fih ir-**rispett lejn is-saċerdoti,** rispett li jiġi muri anki minn barra bilmod kif nitħaddtu dwar is-saċerdoti u kif inġibu ruħna magħhom. Ċerta kritika nġusta, bil-fomm jew bil-kitba, li fil-ħajja u fil-ħidma tas-saċerdoti tipprova ssib dejjem xi

tmaqdar u x'tikkundanna, bla ma thares lejn it-tajjeb li jista' jkollhom, żgur li mhix ġejja mix-xewqa li jsir il-ġid, mhix imsieħba la mill-karità u l-anqas mill-prudenza u ma tindikax li f'min jagħmilha hemm rispett veru lejn is-saċerdoti. Sabiex bejn il-kleru u l-poplu jista' jkun hemm kuntatti u djalogu li jħallu l-ġid, jeħtieġ qabel xejn li jiġu mwarrba l-preġudizzji kontra l-qassisin u l-patrijiet u li f'dawn iċ-ċirkustanzi l-insara jitkellmu u jġibu ruħhom b'dik il-qima li tixraq lill-ministri t'Alla.

L-insara huma mitlubin ukoll li jikkoperaw mas-saċerdot fil-**ħidma tal-Apostolat**. Kif igħallimna d-Digriet: "Apostolicam Actuositatem", "Fil-ħdan tal-komunitajiet tal-Knisja, il-ħidma tal-lajċi hi hekk meħtieġa li mingħajrha l-istess apostolat tal-Isqfijiet u tas-saċerdoti ma jistax għall-inqas jilħaq l-effetti sħaħ tiegħu. Infatti l-lajċi li għandhom veru spirtu apostoliku bħal per eżempju dak ta' l-irġiel u nisa li kienu jgħinu lil San Pawl fit-tixrid tal-Vanġelu, jimlew dak li jonqos lil ħuthom u jinkoraġġixxu l-qalb kemm tar-ragħajja u kemm tal-membri l-oħra tal-poplu fidil." (En. 10.)

Huwa dmir tal-insara mbagħad, li jieħdu ħsieb ħalli s-saċerdoti ma jonqoshomx dak li huwa meħtieġ biex igħixu ħajja deċenti. San Pawl igħid: "Jekk aħna niżirgħu l-ġid tar-ruħ, hija forsi xi ħaġa kbira li naħsdu xi ftit mill-ġid tagħkom temporali?" (I Cor. 9. 11) Dan huwa obbligu ta' rikonoxxenza li kull min iħobb ir-reliġjon tiegħu, iwettqu bil-qalb.

Imma wisq iżjed minn kull ħaġa oħra, l-insara għandhom iħossu l-ħtieġa li **jitolbu kontinwament** għas-saċerdoti. Kull ma jmur, f'bosta pajjiżi tad-dinja qed jinħass in-nuqqas ta' vokazzjonijiet saċerdotali. Il-lum iżjed minn dari jeħtieġ li kif qalilna Kristu, nitolbu lill-Mulej li jibgħat il-ħassada fil-qasam tiegħu. (Luc. 10. 2.) .B'mod partikolari mbagħad għandna nitolbu għas-saċerdoti tagħna, biex Alla jseddaq fihom l-ispirtu saċerdotali u jagħtihom dehen, qawwa, ħeġġa, u qdusija ħalli jkomplu bir-reqqa l-missjoni fdata f'idejhom.

(Miċ-Ċirkulari tat-28 - X - 68).

IL-ĠURNATA TAL-KARITA'

Ir-Reliġjon tagħna Nisranija hija mibnija fuq il-Karità, l-imħabba lejn Alla u lejn il-Proxxmu tagħna. Sidna Ġesù Kristu nsista kemm-il darba fuq l-importanza tal-Karità: "Nagħtikom kmandament ġdid, biex tħobbu lil xulxin, kif ħabbejtkom jiena". (Ġw. XIII, 34).

Però din il-karità hemm bżonn li tkun effikaċi, jiġifieri għandha tiġi murija mhux bilkliem biss, imma bl-opri tajba li nwettqu għall-imħabba t'Alla favur min hu fil-bżonn. Din l-istess verità għallimhielna Kristu meta qalilna l-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb.

Issa l-**karità lejn għajrna bil-fatti,** l-iktar li nistgħu nwettquha hu meta nagħmlu għemejjel ta' ħniena jew opri ta' miserikordja, skond il-ħtiġijiet li fihom ikunu jinsabu nnies ta' madwarna. F'pajjiżna u f'pajjiżi oħra tad-dinja, hemm bosta li jeħtieġu l-għajnuna tagħna, u jistħoqqilhom li nħennu għalihom. Huma l-familji fil-bżonn, l-orfni, dawk li ma għandhomx x'jieklu, x'jilbsu u fejn joqogħdu, il-morda u l-inkapaċitati minħabba d-difetti fiżiċi jew psikiċi li jkollhom. L-għajnuna u l-ħniena li nuru ma' dawn it-talin, barra milli tnissel fina konsolazzjoni l-iktar profonda, hija wkoll azzjoni meritorja li taqlagħlna maħfra u ħniena mingħand Alla u li jistħoqqilha premju fil-ħajja ta' dejjem; għalhekk Kristu qalilna: "Henjin dawk li jħennu għax isibu ħniena". (Matt V, 7)

Imma fiż-żmenijiet tal-lum, wisq iżjed mill-karità privata, hija meħtieġa l-**karità organizzata** li tista' tiskopri ħtiġijiet ġodda u twassal għajnuna lil għadd ikbar ta' nies. Għalhekk sa mis-sena l-oħra ddeċidejna li nwaqqfu fid-djoċesi tagħna, il-Kummissjoni tas-Servizz Soċjali Djoċesan, b'uffiċċju fil-Kurja biex tikkordina l-opri assistenzjali u tieħu ħsieb li toffri xi għajnuna lill-familji fil-bżonn. Però din il-Kummissjoni ftit li xejn tista' twettaq, jekk ma tkunx sostnuta bl-appoġġ u bil-ġenerożità tagħkom.

Bil-għan li l-insara bil-mod il-mod jiġu edukati dwar id-dmir li jieqfu mal-proxxmu tagħhom, nordnaw li fit-tielet Ħadd ta' Novembru ta' kull sena tinżamm il-**Ġurnata tal-**

Karità li fiha jingħata tagħlim dwar l-għemejjel tal-ħniena u ssir ġabra għall-opri assistenzjali tad-djoċesi. Aħna nittamaw li din il-Ġurnata tiswa sabiex il-fidili jitgħallmu li kull darba li jilmħu nies fil-bżonn, iħarsu lejhom bħala aħwa tagħhom u wlied l-istess Missier li qiegħed fis-smewwiet u b'hekk iżommu tixgħel dejjem f'qalbhom il-fjamma talkarità nisranija.

(Miċ-Ċirkulari tal-4 - XI - 68).

ID-DEVOZZJONI TAR-RUŻARJU

It-tibdil liturġiku li qed jitwettaq fil-Knisja, bħala wieħed mill-frottijiet tal-Konċilju Vatikan II m'għandux jeqred jew inaqqas id-**devozzjonijiet privati** li kellhom sal-lum l-approvazzjoni tagħha. Fil-Kostituzzjoni "Sacrosanctum Concilium" n. 13 insibu li "d-devozzjonijiet tal-poplu nisrani, sakemm ikunu jaqblu mal-liġijiet u n-normi tal-Knisja, huma rrikkmandati bil-qawwa, fuq kollox meta jiġu mwettqa bi kmand tas-Sede Apostolika".

Fost dawn id-devozzjonijiet hemm ir-**Rużarju Mqaddes**, li bosta drabi l-Papiet marru jirrikkmandawh lill-insara. Il-Knisja Kattolika għandha stima kbira għal din it-talba u xhieda ta' dan huma l-indulġenzi li bihom ir-Rużarju huwa mżejjen. Fil-ġabra tal-Indul-

ġenzi mogħtija mis-Sagra Penitenzjarja Apostolika fid-29 ta' Ġunju 1968 (n. 48) hemm li tista' tintrebaħ Indulġenza Plenarja jekk ir-Rużarju jiġi reċitat fil-knisja, f'oratorju publiku, fil-familja, f'kommunità reliġjuża jew f' xi Għaqda pija. Huma biżżejjed ħames posti, jeħtieġ però li jiġu reċitati wara xulxin, u li barra mit-talb vokali jkun hemm ukoll il-meditazzjoni tal-misteri.

Nirrikkmandawlkom għalhekk b'qalbna kollha, ir-reċita tar-Rużarju ta' kuljum speċjalment matul dan ix-xahar ta' Ottubru. B' mod partikulari nixtiequ nissuġġerixxu li
(a) it-tfal jiġu mgħallmin jirreċitaw ir-Rużarju u sa minn ċkunithom jidraw iħobbu lill-Madonna u jqimuha b'din it-talba għażiża;
(b) tinbeda fid-djoċesi tagħna "Kruċjata tar-Rużarju fil-familja" għax il-familja li l-membri tagħha jsibu żmien jingħabru flimkien biex jitolbu, ikollha kontinwament il-ħarsien tal-Mulej u tibqa' magħquda fl-imħabba; (c) ir-Reċita tar-Rużarju mill-morda sabiex fil-kontemplazzjoni tal-misteri doloruži ta' Kristu, isibu l-faraġ u l-qawwa fit-tbatijiet tagħhom.

(Miċ-Ċirkulari tat-28 - IX - 69).

IL-ĦIDMA EKUMENIKA

Wieħed mir-rigali li l-Ispirtu s-Santu Alla għoġbu jagħti lill-Knisja u lill-insara tas-seklu għoxrin huwa l-**moviment ekume-**

niku li jaħdem sabiex dawk kollha li jemmnu fi Kristu jaslu biex jingħaqdu f'merħla waħda taħt raġħaj wieħed.

L-Imqaddes Papa Piju X, f'dokument ta' l-4 ta' Diċembru 1912, kiteb: "Il-qassisin, ir-reliġjużi u l-insara kollha għandhom jingħaqdu flimkien u jinsistu bit-talb tagħhom kollu sabiex jaqilgħu mill-Ħniena t'Alla, li dawk li ma jaqblux magħna u huma mifrudin mill-Knisja Kattolika, jirritornaw għall-unità tal-Fidi, permezz tal-Ewkaristija".

Il-Papa Beneditt XV, fil-25 ta' Frar, 1916, ħeġġeġ biex issir **l-ottava solenni ta' talb għall-unità tal-Knisja,** li riedha ssir mit-18 sal-25 ta' Jannar ta' kull sena.

Imbagħad il-Papa Piju XI, fl-enċiklika "Rerum Orientalium" tat-8 ta' Settembru 1928, stieden lill-kattoliċi sabiex iżommu ruħhom iktar informati dwar il-knejjes tal-Lvant.

Però f'dawn l-aħħar snin, il-moviment ekumeniku kellu l-aqwa approvazzjoni tal-knisja fil-laqgħat tal-Konċilju Vatikan II. Difatti fid-digriet "Unitatis Redintegratio" no. 4 naqraw "Dan is-Sinodu Mqaddes iħeġġeġ lill-fidili kattoliċi kollha sabiex fil-waqt li jimxu maż-żminijiet, jieħdu sehem bil-ħerqa kollha fil-ħidma ekumenika".

Mhux kullimkien huwa possibbli li jitwettqu ċerti ħidmiet ekumeniċi bħalma huwa **d-djalogu bejn esperti** minn diversi knejjes,

imma kullimkien u mill-kattoliċi kollha għandu jitwettaq l-ekumeniżmu spiritwali li jikkonsisti "fil-bidla tal-qalb u l-qdusija tal-ħajja, flimkien mat-talb pubbliku u privat għall-għaqda tal-Insara" (Uni. Red. 8).

Bil-ħeġġa kollha għalhekk nirrikkmandaw lil uliedna li jinteressaw ruħhom minn dal-problema li Ommna l-Knisja għandha quddiemha: il-firda minnha ta' kommunitajiet ekkleżjali fil-Lvant u fil-Punent. Inħeġġuhom ukoll sabiex wara li bl-eżempji ta' ħajja tajba jagħtu xhieda tal-qdusija tar-Reliġjon għażiża tagħna, jitolbu lil Alla, sabiex jiltaħaq dan l-ideal li l-insara kollha jkunu magħqudin fl-għaqda tal-Knisja waħda u unika ta' Kristu.

(Miċ-Ċirkulari tal-11 - 1 - 70).

GĦAJNUNA LILL-MISSJONIJIET

Fl-okkażjoni tal-Ġurnata Missjunarja, inħossu iktar mis-soltu wieħed mid-dmirijiet pastorali tagħna; dak ċioè li nħeġġukom biex tiftakru fil-ħidma li qed twettaq il-Knisja ħalli twassal il-messaġġ ta' Kristu lil dawk li għadhom ma għarfuhx u li nistiednu lil kull wieħed u waħda minnkom biex tagħtu **sehemkom għat-tixrid tal-Fidi Nisranija.** "L-ulied kollha tal-Knisja għandhom ikunu jafu sewwa x'inhi r-responsabilità tagħhom lejn id-

dinja. Għandhom ikabbru fihom spirtu tassew kattoliku. Għandhom japplikaw l-enerġija tagħhom fix-xogħol tat-tixrid tal-Vanġelu." Hekk jgħallem il-Konċilju Vatikan II fid-digriet fuq il-ħidma missjunarja tal-Knisja. (Ad Gentes n. 36).

U sabiex dan id-digriet ikun jista' jitwettaq b'mod konkret, is-Santa Sede tat xi normi mportanti li huma miġburin fl-Ittra Apostolika tal-Q.T. il-Papa Pawlu VI "Ecclesiae Sanctae" tas-6 ta' Awissu 1966 u fl-istruzzjoni mogħtija mis-Sagra Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Ġnus bid-data tal-24 ta' Frar 1969.

Billi xi whud minn dawn id-direttivi jgħoddu wkoll għall-fidili tad-djoċesi tagħna, ħassejna l-ħtieġa li ngħarrfukom bihom, bil-ħsieb li jservukom bħala **gwida fit-tkomplija tad-dmirijiet tagħkom lejn il-Missjonijiet.**

(a) Ta' kuljum għandu jsir **talb għall-Missjoni** u xi sagrifiċċji għalihom sabiex b'hekk jissaħħaħ l-ispirtu missjunarju fil-poplu nisrani. Il-Ġurnata Missjunarja mbagħad tkun manifestazzjoni spontanja ta' dan l-ispirtu, ġurnata li fiha iktar mis-soltu l-kattoliċi juru l-ġenerożità tagħhom lejn il-missjonijiet.

(b) Il-fidili huma mistiedna li jinkitbu fl-**Opri Missjunarji Pontifiċji** u li josservaw fedelment l-istatuti tagħhom. Fost kull għamla ta' għajnuna lill-missjonijiet, dawn l-Opri "għandhom jingħataw l-ewwel post, billi huma l-

mezzi li bihom jiġi mdaħħal fil-kattoliku sa mit-tfulija tiegħu, spirtu tassew universali u missjunarju. Bis-saħħa tagħhom ukoll tista' tingħabar għajnuna biżżejjed b risq il-missjonijiet kollha, kull waħda skond il-ħtiġijiet tagħha" (Ad Gentes n. 38).

(c) Jeħtieġ li nagħtu kull appoġġ lill-**vokazzjonijiet missjunarji.** Jekk josservaw li xi whud miż-żgħażagħ afdati f'idejhom huma msejħin minn Alla għall-ħidma f dan il-qasam tal-Mulej, il-ġenituri, is-saċerdoti u l-edukaturi għandhom jagħmlu ħilithom biex iħarsulhom u jqawwu fihom vokazzjoni qaddisa bħal din. Ħaqqhom ukoll l-approvazzjoni u kull għajnuna tagħna, dawk is-sekulari rġiel jew nisa li jitħajru li jmorru għal xi żmien fl-artijiet tal-missjoni biex iwettqu xi ħidma għall-ġid tan-nies ta' hemm.

(d) Jixraq li l-insara kollha jkunu jafu t-**tagħlim miġbur fid-Digriet** dwar il-Missjonijiet. Nirrikkmandaw għalhekk, li fil-priedki li jsiru dwar il-missjonijiet u fil-laqgħat tal-Għaqdiet Kattoliċi li jsiru f'dawn il-jiem, dan it-tagħlim ma jkunx imħolli fil-ġenb.

(Miċ-Ċirkulari tal-10 - X - 70).

IL-KONSAGRAZZJONI TAL-PARROĊĊI LILL-MADONNA

Fost tant devozzjonijiet marjani, jixirqilha post tal-unur il-konsagrazzjoni tal-insara lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija; mhux biss il-konsagrazzjoni personali li biha wieħed iġedded l-impenn tiegħu li jgħix ta' nisrani fuq l-eżempju tal-Madonna u taħt il-ħarsien tagħha, imma wkoll il-konsagrazzjoni kollettiva tal-familji, tal-għaqdiet u anke tan-nazzjonijiet.

Il-Papa Piju XII, wettaq ix-xewqa tal-Madonna mfissra fid-dehriet ta' Fatima u kkonsagra d-dinja lill-Qalb Tagħha bla Tebgħa fl-1942. Fis-sena ta' wara kienet saret il-konsagrazzjoni tad-djoċesi tagħna u fl-1960, il-gżejjer tagħna bħala nazzjon għamlu l-konsagrazzjoni tagħhom. Kważi l-familji kollha tagħna, għandhom għal qalbhom iddrawwa li jikkonsagraw lilhom infushom lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u l-Qalb Safja ta' Marija u ħafna minnhom iġeddu ta' kull sena dan il-att. Jonqos issa li ssir il-konsagrazzjoni tal-parroċċi tagħna lil Sidtna Marija; hekk fil-waqt li nkunu żguri li qegħdin nagħmlu ħaġa li togħġob lill-Madonna, niġbdu l-barka tagħha fuq il-ħidma pastorali tagħna u jkollna garanzija biex nittamaw li fil-parroċċi tagħna ssaltan il-karità nisranija u l-paċi ta' Kristu.

Nirrikkmandaw għaldaqstant, iilli fil-knejjes parrokkjali, fil-funzjoni tal-għeluq taddevozzjonijiet tax-xahar ta' Mejju, isir b'mod solenni l-att tal-konsagrazzjoni tal-parroċċa lill-Qalb Immakolata ta' Marija, wara li l-insara jkunu ġew imhejjija b'mod xieraq biex jifhmu sewwa xi tfisser din il-konsagrazzjoni.

(Miċ-Ċirkulari tat-13 - V - 71).

IL-VOKAZZJONIJIET U S-SEMINARJU

Il-Kuxjenza tal-insara fiż-żminijiet tagħna kull ma jmur qegħda tagħraf aħjar il-ħtieġa li l-Knisja jkollha saċerdoti biżżejjed fil-għadd u fil-kwalità tagħhom sabiex iwasslu lill-bnedmin it-tagħlim u l-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu. L-ilment tal-Imgħallem Divin "Il-ħsad huwa kbir, imma l-ħaddiema huma ftit" (Matt. 9-37), għadu jidwi fil-kelma tal-Papa u tal-Isqfijiet kattoliċi li huma mħassbin bil-**problema tal-Vokazzjonijiet saċerdotali.** Dan il-problema jeħtieġ li jħossuh il-kattoliċi kollha u ħadd m'għandu jibqa' ndifferenti quddiem dan il-bżonn hekk kbir tal-Knisja, għax kif igħallimna l-Konċilju "Ix-xogħol ta' tħabrik għall-vokazzjonijiet huwa dmir tal-Kommunità nisranija kollha" (Opt. Tot. 2.)

Issa fil-waqt li l-kwistjoni tal-għadd ta' saċerdoti tiddependi mill-korrispondenza ġe-

neruża ta' dawk li jkollhom is-sejħa tal-Mulej, il-kwalità ta' saċerdoti ta' għada tiddependi l-iktar nett mill-iskejjel fejn iż-żgħażagħ li qed ihejju ruħhom għas-saċerdozju jiġu ffurmati u mrawma.

Il-Knisja, fil-waqt li tirrikonoxxi l-ħidma siewja li jwettqu skejjel oħra, dejjem iddefendiet id-dritt li turi l-preżenza tagħha fil-qasam tal-edukazzjoni billi jkollha skejjel tagħha u "Il-Konċilju jħeġġeġ bil-ħerqa kollha r-raġħajja tal-Knisja u anke l-fidili kollha ħalli jagħmlu kull sagrifiċċju biex igħinu l-iskejjel kattoliċi ħalli jwettqu l-missjoni tagħhom dejjem aħjar". (Grav. Educ. n. 9.)

Fost l-iskejjel kattoliċi, jixirqilhom attenzjoni u kura partikolari s-**Seminarju** minuri u maġġuri, li għandhom bi skop tagħhom dak li jwasslu liż-żgħażagħ għas-saċerdozju. Għad li fost l-istudenti tas-Seminarju Minuri, jiġu aċċettati wkoll tfal li m'humiex għal saċerdoti, però tingħata l-ikbar attenzjoni għal dawk li juru xi sinjali ta' vokazzjoni Saċerdotali jew reliġjuża. Igħallimna l-Konċilju "Fis-Seminarji Minuri, imwaqqfin biex ikabbru ż-żrieragħ tal-vokazzjoni li jkunu għadhom kemm nibtu, it-tfal studenti għandhom jintagħġnu bi trobbija speċjali, l-ewwel-nett b'direzzjoni spiritwali tajba, biex jitgħallmu jimxu wara Kristu l-Feddej bi spirtu ta' ġenerożità u b'qalb safja". (Opt. Tot. n. 3) Din it-trobbija mogħtija bl-ikbar għożża lit-tfal aspiranti għas-saċerdozju, maż-żgħażagħ li ħaddnu l-vokazzjoni titkompla fis-Seminarji Maġġuri li kif ifissrilna l-Konċilju "huma

meħtieġa għall-formazzjoni saċerdotali. L-edukazzjoni kollha li hawnhekk tingħata lis-seminaristi jrid ikollha l-ħsieb li huma jiġu ffurmati tabilħaqq f'raġħajja ta' l-erwieħ, fuq ix-xebh ta' Sidna Ġesù Kristu, l-Imgħallem, is-Saċerdot u r-Raġħaj." (Opt. Totius n. 4)

La darba mis-Seminarju joħorġu l-mexxejja ta' l-erwieħ, li huma s-saċerdoti, u la darba mill-formazzjoni li jkunu rċevew fis-Seminarju, jiddependi ż-żelu u l-effiċjenza pastorali tagħhom, jidher ċar kemm hija kbira l-importanza ta' din l-istituzzjoni. Il-Konċilju jxebbah is-Seminarju mal-"qalb" meta jgħidilna: "is-Saċerdoti kollha jqisu s-Seminarju bħala l-**qalb tad-Djoċesi** u jagħtuh minn qalbhom l-għajnuna tal-ħidma tagħhom". (Opt. Tot. n. 5) Issa kif fil-bniedem ma jistax ikun hemm saħħa u enerġija jekk il-qalb tkun marida, hekk ukoll fid-djoċesi, ma jistax ikun hemm livell għoli ta' ħajja spiritwali u ta' ħidma pastorali, ħlief jekk is-Seminarju jkun organizzat tajjeb u jilħaq veru-ment l-iskop tiegħu. Min għandu għal qalbu l-progress tal-Knisja, jeħtieġ għalhekk jinteressa ruħu u jagħti l-appoġġ sħiħ tiegħu lis-Seminarju.

Fid-Djoċesi tagħna, għad li żgħira, u fqira, jeżisti bi tradizzjoni ta' iktar minn mitt sena, is-Seminarju li kien oġġett ta' għożża u predilezzjoni għall-Isqfijiet ta' qabilna u għalina wkoll huwa l-kamp fejn tajna u għadna niddedikaw ħafna mill-enerġija u t-tħabrik tagħna. B'wiċċna minn quddiem, għalhekk

nagħmlu appelli lill-fidili tagħna, biex jiftakru fis-Seminarju, u jgħinuh b'kull mezz possibbli.

U l-ewwel għajnuna li nistennew minn għandkom għeżież **ġenituri**, hija dik li tiformaw u tibgħatulna tfal u żgħażagħ li kapaċi jagħrfu l-idejal ta' ħajja ddedikata għal Kristu u għall-erwieħ. Kif qal il-Papa fil-messaġġ tiegħu għal Jum il-Vokazzjonijiet, "Inħeġġu lill-familji, li huma l-ewwel Seminarju u mixtla ewlenija ta' vokazzjonijiet ġodda għall-Knisja, biex igħassu fedelment, il-valuri primarji tal-Fidi, tal-pjetà u tal-osservanza mill-qalb tal-Liġi t'Alla".

(Miċ-Ċirkulari tat-22 - IV - 72)

L-EWARISTIJA, ĊENTRU TAL-ĦAJJA NISRANIJA

Minn qalbna f'din il-lejla toħroġ l-għajta "Ejjew nagħmlu 'l Għawdex, ġżira ewkaristika!"

Missirijietna ħasbu sabiex f'din il-ġżira ċkejkna jwaqqfu u jiddekoraw ħafna tempji tal-Ewkaristija. Issa jmiss lilna, li nifformaw l-erwieħ ewkaristiċi. Din għandha tkun ir-riżoluzzjoni ewlenija ta' dan il-Kungress li l-Għawdxin kollha jħabirku sabiex jikbru fl-

imħabba u fil-qima lejn il-Misteru tal-Artal Imqaddes.

Mhux biss fil-ħidud imma wkoll fil-ġranet tax-xogħol, mhux biss fil-għodu, imma wkoll fil-għaxija, nixtiequ naraw lil Għawdxin kollha jissieħbu mas-saċerdoti tagħna u jieħdu **sehem attiv fis-Sagrifiċċju Ewkaristiku**. Speċjalment lit-tfal u liż-żgħażagħ, irriduhom jifhmu u jħossu l-importanza tal-Quddiesa filħajja spiritwali tagħhom għaliex il-Quddiesa li tgħaqqadna ma' Kristu u li tgħaqqadna flimkien hekk li tifforma minna l-familja ta' wlied Alla.

Il-Mejda ewkaristika għandha tkun għal kull wieħed u waħda minna, għajn ta' qdusija bla ma taqta'. Bit-**Tqarbin Imqaddes**, mhux biss nieħdu sehem iktar perfett u mill-qrib fis-Sagrifiċċju tal-Artal, imma nirċievu wkoll l-enerġija u l-qawwa spiritwali li teħtieġ sabiex ħajjitna tkun sabiħa u mimlija opri tajba.

Il-knejjes tagħna nixtequhom iffrekwentati minn għadd dejjem ikbar ta' nsara li b' fidi sħiħa u b'devozzjoni mħeġġa, jaduraw l-Iben t'Alla ħaj, mohbi taħt ix-xbihat ewkaristiċi.

L-Ewkaristija għandha ssir għalina lkoll **skola li fiha nitgħallmu l-virtujiet insara**, ta' l-umiltà, ta' l-ubbidjenza, tal-faqar, imma fuq kollox il-virtù tal-karità li tagħmilna tabilħaqq segwaċi ta' Kristu u tagħtina l-jedd tas-saltna tas-smewwiet.

Xi grazzja nistgħu nixtiequ ikbar minn din li art twelidna tkun tabilħaqq il-gżira tal-

ewkaristija u li kollha kemm aħna nsiru erwieħ ewkaristiċi?!

Dan għandu jkun l-ideal tagħna saċerdoti, dana l-iskop ewlieni li għalih inħabirku l-membri tal-Għaqdiet, dina għandha tkun ix-xewqa tal-ġenituri nsara kollha, dina wkoll il-grazzja li llum speċjalment bil-ħerqa nitolbu lil Alla, matul din iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika.

(Mid-diskors ta' għeluq
il-Kungress Ewkaristiku-Liturġiku
30 - XI - 69).

ID-DMIR TA' RIKONOXXENZA

Wieħed mid-dmirijiet li għandu l-bniedem, huwa dak tal-gratitudni jew rikonoxxenza, jiġifieri dak li niżżuħajr lil min għamlilna xi ġid.

Dan id-dmir għandna nħossuh bħala ħaġa naturali fina għaliex mit-twelid sal-mewt, aħna nsibu ruħna f'ċirkustanzi li nkunu neħtieġu l-għajnuna ta' ħaddieħor. Hekk tarbija teħtieġ il-kura u l-protezzjoni tal-ġenituri tagħha, tifel jeħtieġ min jedukah u jrawmu fis-sewwa, u meta nikbru, ħafna drabi jkollna

nirrikorru għand l-oħrajn biex jagħtuna l-parir tagħhom u xi għajnuniet oħra. Il-bnedmin huma interdependenti: ħadd ma jista' jgħid li huwa verament awtosuffiċjenti u m' għandu bżonn ta' ħadd iżjed. Minn dan jiġi d-dmir li nħossuna obbligati lejn il-proxxmu tagħna, li b'mod jew ieħor kien ta' għajnuna għalina u li għamlilna xi ġid.

Imma **l-ikbar dejn ta' rikonoxxenza** huwa dak li għandna lejn Alla, l-ewwel u l-aqwa benefattur tagħna. Alla li tana l-ħajja, iżommna f'saħħitna, jipprovdilna l-għixien. Alla wkoll li jmexxi s-soċjetà umana u l-kors tal-istorja; u dak kollu li jiġri, tajjeb u ħażin, Alla jippermettih sabiex jisfa dejjem ta' ġid għall-erwieħ li jħobbuh. Għandna dmir ċar għalhekk, li lil Alla nirringrazzjawH ta' kuljum għal dak li jagħmel magħna, għall-għajnuniet li jagħtina, sewwa dawk li nagħrfuhom kif ukoll dawk li ma nintebħux bihom.

Però, għad li d-dmir ta' rikonoxxenza huwa dmir li suppost li jifhmu kulħadd, ħafna bnedmin jittraskurawh. Ħafna nies jitolbu u jinsistu meta jkollhom bżonn ta' xi ħaġa, imma malli jakkwistawha, jinsew min kien il-benefattur tagħhom u l-anqas biss igħidulu: grazzi. Dana jixhdu l-Vanġelu fil-ġrajja tal-għaxar imġiddmin, li kollha talbu u qalgħu l-fejqan minn għand Kristu, imma wieħed biss reġa' lura biex jirringrazzjah, tant li Huwa lmenta u staqsa fejn baqgħu d-disgħa l-oħra.

Meħtieġ għalhekk li nitgħallmu sewwa d-dmir li nroddu ħajr lil Alla; mhux li niftakru fih biss, meta tkun tonqosna xi ħaġa. Anke r-

ringrazzjament huwa talba li togħġob lil Missierna tas-Smewwiet. U difatti s-sagrifiċċju tal-Quddiesa li qegħdin noffru flimkien għandu bħala wieħed mill-għanijiet tiegħu dak ta' ringrazzjament lil Alla u għalhekk jissejjaħ Sagrifiċċju Ewkaristiku.

Fost id-drawwiet tajba li għandkom tgħallmu lil uliedkom, tinsewx dik li ddarruhom minn ċkunithom juru rikonoxxenza lil min jagħmlilhom xi ġid u fuq kollox lill-Ħallieq tagħhom. Ma jistax jissejjaħ bniedem edukat u ma jistax igħid li ġie mrobbi tajjeb, min m'għandux sens ta' rikonoxxenza.

(Mid-diskors f'Jum ir-Ringrazzjament)
20 - XII - 70.

DMIRIJIETNA LEJN KRISTU

Kif igħallimna l-Konċilju Vatikan II, "Kristu li għamel lilu nnifsu obbidjenti salmewt u għalhekk ġie mgħolli mill-Missier, daħal fil-glorja tas-Saltna tiegħu: lejh kollox hu sottomess, sabiex Hu jissottometti lilu nnifsu u l-ħwejjeġ kollha lill-Missier, sabiex Alla jkun kollox f'kulħadd. Din is-setgħa ġiet mgħoddija minnu lid-dixxipli." (L.G. 36)

Permezz tal-Magħmudija, in-nisrani, mhux biss isir dixxiplu ta' Kristu, imma jingħaqad ukoll miegħu u għalhekk jibda jieħu sehem fil-missjoni tiegħu ta' sultan. Għalina li rċivejna l-Magħmudija, din il-missjoni hija

ġieħ liema bħalu, imma hija wkoll dmir li jekk ma nwettquhx sewwa, l-eżistenza tagħna bħala nsara tkun veru falliment.

Din il-parteċipazzjoni fil-missjoni ta' Kristu bħala sultan, għandha tidher l-ewwelnett fil-ħajja tagħna bħala individwi, kif ukoll bħala membri tas-soċjetà.

Bħala **dixxipli ta' Kristu,** mela, għandna sehem mill-poter jew setgħa tiegħu. Imma din is-setgħa hija għal kollox differenti mill-qawwa fiżika li biha jitwettqu l-fenomeni naturali, kif ukoll mill-qawwa morali, li biha l-bnedmin irieġu bnedmin oħra fis-soċjetà. Is-setgħa li għandu n-nisrani, dixxiplu u suddittu fidil ta' Kristu hija ġejja mid-dawl tat-tagħlim li jinsab miġbur fil-messaġġ ta' l-Imgħallem tiegħu, ġejja mill-grazzja li Kristu jsawwab fi-erwieħ li jħobbuh. Fi kliem ieħor, hija s-setgħa li biha n-nisrani jrażżan u jeqred il-ħakma tad-dnub fir-ruħ tiegħu, bi spirtu ta' sagrifiċċju u b'għemejjel ta' qdusija.

In-nisrani għandu **sehem ukoll mir-rebħa ta' Kristu,** Sultan. Kristu rebaħ meta bil-qawmien glorjuż tiegħu ġab fix-xejn is-setgħa tad-dnub u tal-mewt. In-nisrani li jirreżisti għat-tħajjir tal-ħażen, imut ma' Kristu, biex miegħu jirxoxta għall-ħajja ġdida, jeqred fih innifsu s-saltna tad-dnub biex iwaqqaf minflokha s-saltna tal-grazzja, iwarrab minnu l-vizzju, biex floku twarrad il-virtù. L-Appostlu Missierna jeżortana: "Hekk ukoll intom qisu rwieħkom mejtin għad-dnub, imma ħajjin għal Alla, fi Kristu Ġesù. Le ma jsaltan mela, id-dnub f'ġisimkom li jmut, billi toqogħdu għax-xewqat tiegħu. L-anqas tagħmlu 'l ġisimkom għodda tal-ħażen għad-dnub, imma idhru quddiem Alla, bħala ħajjin mill-imwiet u agħmlu 'l ġisimkom għodda ta' ġustizzja għal Alla. Għax id-dnub ma jaħkimx fuqkom, għax m'intomx taħt il-Liġi, imma taħt il-grazzja." (Rom. 6, 11-14) Din hija r-rebħa li jeħtieġlu jwettaq ta' kuljum in-nisrani, mhux bil-ħila tiegħu biss, imma bil-qawwa ta' Kristu Sultan.

Min hu veru dixxiplu ta' Kristu, għandu **sehem** ukoll **mil-libertà jew ħelsien tiegħu,** bħala sultan. Hemm ħafna għamliet ta' jasar li fihom jista' jsib ruħu l-bniedem; huwa jasar il-preġudizzju, li jfixkel l-intelliġenza umana u jgħawweġ il-fehmiet tagħha; jasar il-vizzju u kull drawwa ħażina, għax inaqqsu s-setgħa ta' deċiżjoni li għandha l-volontà; jasar il-moda, li tiddetermina x'wieħed għandu jilbes u kif iġib ruħu, jasar ukoll ir-rispett esaġerat għall-opinjoni tal-pubbliku, li xi drabi ġġiegħel 'l bniedem jaġixxi kontra l-konvinzjonijiet proprji tiegħu. Imma n-nisrani jgawdi l-libertà ta' Kristu, għaliex huwa għażel minn jeddu u b'rajh f'idejh lil Kristu, bħala sid tiegħu, l-imħabba u l-ġenerożità ma' Kristu hija r-regola ta' ħajtu; xejn ma jista' jagħmlu lsir, ibeżżgħu jew jaqtagħlu qalbu; kollox madwaru, iwassal għal skop wieħed: il-glorja ta' Kristu: "id-dinja, il-ħajja, il-mewt, ta' issa u li ġej, kollox tagħkom, u intom ta' Kristu, u Kristu ta' Alla" jgħallimna l-Appostlu Missierna (I Kor. 3. 22) Min igħix il-ħajja awtentika ta' nisrani, hu meħ-

lus minn kull xorta ta' jasar, hu proprjetà ta' Alla waħdu, li min jaqdiH ikun isaltan, huwa marbut biss bil-morali ta' Kristu li qal: "Il-madmad tiegħi ħelu, u t-toqol tiegħi ħafif." (Matt. 11. 30)

Minn dan li għedna jirriżulta li **l-istil tal-ħajja tan-nisrani** bħala sudditu ta' Kristu, għandu jkun differenti mill-istil ta' ħajja ta' dawk li 'l Kristu ma jagħrfuhx. Dan ma jfissirx li l-għemejjel tan-nisrani fihom infushom huma differenti mill-għemejjel tal-bnedmin l-oħra, imma jfisser li f'kull ma jagħmel in-nisrani, hemm bżonn li jkun imdawwal bit-tagħlim ta' Kristu, imsaħħaħ bil-grazzja tiegħu, iżomm ruħu 'l bogħod middnub u mill-ħażen, jiġġudika u jaġixxi bilħelsien ta' wlied Alla, biex ħajtu kollha tkun xhieda ta' Kristu fid-dinja u prolungament tal-preżenza tiegħu matul iż-żminijiet. Huwa għalhekk li San Pawl Missierna jwissina: "Mela sewwa jekk tieklu, sewwa jekk tixorbu, sewwa jekk tagħmlu xi ħaġa oħra, agħmlu kollox għal sebħ Alla." (I Kor. 10. 31)

Min-naħa l-oħra, hija illużjoni ta' dawk li jaħsbu li huwa possibbli għalihom iżewqu flimkien fil-ħajja tagħhom is-saltna ta' Kristu mas-saltna tad-dnub. Huma mqarrqin, dawk li jimmaġinaw li jistgħu jibqgħu ma' Kristu u fl-istess ħin jirrikorru għall-qerq, mibegħda, vjolenza jew pjaċir bla rażan kull meta jfettlilhom jew ikun jaqblilhom, jagħmlu hekk. Imma kif jista' jkun sudditu fidil ta' Kristu, min ma jipprovax bis-serjetà kollha, li jrażżan u jeqred il-ħakma tad-dnub fir-

ruħ tiegħu? Fi ftit kliem, mhux possibbli li s-saltna ta' Kristu titwaqqaf u ddum għat-tul fir-ruħ ta' bniedem, fejn ma hemmx **spirtu ġenwin ta' sagrifiċċju.**

Però, il-missjoni ta' Kristu bħala sultan, mhux limitata biss għall-individwi, imma Huwa jrid li jwassal is-setgħa, ir-rebħa u l-ħelsien tiegħu lis-**soċjetà umana** u għal din l-estensjoni, huwa jinqeda bil-ħidma tas-sudditi lejali tiegħu. L-insara, immela, ikunu jieħdu sehem fil-missjoni regali ta' Kristu, meta jħabirku għat-tixrid ta' saltnatu billi "bl-umiltà u l-paċenzja, iressqu lill-bnedmin ħuthom lejn is-Sultan tagħhom." (Lumen Gentium 36.)

L-insara għandhom iwasslu d-**dawl ta' Kristu fis-soċjetà** u jħabirku sabiex l-attivitajiet kollha tal-bnedmin jitmexxew bl-ispirtu tiegħu, ħalli kemm jista' jkun joqorbu lejn l-idejal ta' ġustizzja, imħabba u paċi, kif huwa mxandar fil-Vanġelu. Fil-waqt, għalhekk, li jinqdew sewwa bil-kapaċitajiet tagħhom u bl-għajnuna tal-grazzja divina, l-insara m' għandhomx jonqsu li jikkollaboraw biex il-ġid materjali jiżdied u jkun imqassam aħjar, fil-waqt li jaħdmu għalenija biex ikunu magħrufa u rrispettati l-valuri morali fil-kultura u fl-attività umana. Kif kiteb il-Papa Ġwanni XXIII fl-enċiklika "Pacem in Terris" l-insara fid-dawl tal-Fidi u bil-qawwa tal-imħabba, għandhom iħabirku sabiex l-istituzzjonijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali u politiċi, ikunu tali li ma jfixxklux 'l persuni li jridu jsiru aħjar, imma pjuttost igħinu jew

jagħmlu inqas diffiċli dan il-perfezzjonament: sewwa fl-ordni naturali kif ukoll fl-ordni sopranaturali." (n. 147)

Fi kliem ieħor, in-nisrani, fil-waqt li jagħti l-ikbar importanza lill-esiġenzi tar-ruħ tiegħu, ma jistax però jinjora l-**progress** li jsir **fid-dinja** jew jibqa' għal kollox indifferenti; għall-kuntrarju, huwa għandu jara dan il-progress bħala parti mill-pjan tal-Provvidenza u juża l-influwenza tiegħu sabiex kollox jitwettaq kif irid Alla u bla ma titnaqqas id-dinjità tal-persuna umana. Il-lejalтà tannisrani lejn Kristu ma teskludix id-dmirijiet li huwa għandu bħala membru tas-soċjetà umana; iżda mmexxi minn kuxjenza fformata skond il-prinċipji nsara, huwa għandu jġib ruħu kullimkien bħala ċittadin onest u eżemplari.

Hemm ukoll ħidma oħra li għandha x' taqsam ma' din li semmejna: Id-dinja li ngħixu fiha hija marida ħtija tad-dnubiet u l-vizzji u għalhekk teħtieġ il-**fejqan morali.** F'ċerti pajjiżi, il-bniedem mhux ittrattat skond kif titlob id-dinjità tiegħu bħala iben ta' Alla. Fejn il-jeddijiet ta' Alla ma humiex rispettati, l-anqas jiġu mħarsa jeddijiet il-bniedem u dan isib ruħu mirfus minn min hu iktar felħan minnu, użat bħala oġġett u strument dment li jkun utli, mitluq u mormi meta ma jifdalx iktar bżonnu. Fis-soċjetà tallum, hawn diversi għamliet ta' sfruttament tal-bniedem minn bnedmin oħra. Biżżejjed insemmu li hemm min għal skopijiet egoistiċi tiegħu, qed jisfrutta t-tendenza li għandhom

iż-żgħażagħ għall-pjaċir u għad-divertiment, u bla ebda skruplu jwassalhom f'xifer ir-rovina morali tagħhom; eżempju tipiku huwa l-kummerċ tad-drogi.

Fatti bħal dawn għandhom jallarmaw mhux biss lir-rgħajja tal-erwieħ, imma lil kull kattoliku li għandu sens ta' responsabilità. "Jekk ikun hemm min qed imexxi l-kostumi lejn id-dnub", igħidilna l-Konċilju, "il-lajċi billi jgħaqqdu l-forzi tagħhom, għandhom ifejqu l-istituzzjonijiet u l-ambjenti sabiex kollha jkunu skond il-ġustizzja u minflok jostakolaw, jiffavorixxu l-eżerċizzju tal-virtujiet." (L.G. 36)

Kristu li feda l-umanità seta' kieku ried, iwaqqaf is-saltna tiegħu fi żmien qasir u bil-ħila tiegħu biss, imma Huwa għażel li saltnatu titwaqqaf fid-dinja, gradwalment, u bil-koperazzjoni ta' dawk li jemmnu fih. Seta' kieku ried Kristu, iwassal id-dawl tal-messaġġ tiegħu u l-fejqan spiritwali lill-ġnus, mingħajr il-**medjazzjoni tal-bnedmin,** iżda Huwa ppreferixxa li jinqeda bix-xhieda tas-segwaċi tiegħu u bl-eżempju tal-għemejjel tajba tagħhom. Għalina li għażilna li nimxu wara Kristu, dan huwa privileġġ, imma wkoll responsabilità kbira li dwarha għandna naħsbu ta' spiss kollha kemm aħna, Kleru u sekulari nsara.

Ma jidhirx li hemm triq tan-nofs: l-umanità, fl-epoka tagħna, jekk twarrab lil Kristu, tkun tirriskja l-**katastrofi morali** tagħha. Wisq iżjed minn żminijiet oħra, hija urġenti s-sejħa tal-Appostlu Missierna: "Jeħtieġ li

Hu jsaltan" (I Kor 15. 25) imma biex isehh dan l-idejal, jehtieġ ukoll li fil-ħajja tagħna privata u pubblika, bla biża' u bla tnikkir, nikkollaboraw għat-tixrid tas-saltna ta' Kristu.

(Id-diskors tal-Festa ta' Kristu Re, 1972).

IL-KOOPERAZZJONI MISSJUNARJA

Paċi jew Gwerra? Din hija mistoqsija li qegħda tittormenta lill-bnedmin ta' żminijietna. Ħafna jixtiequ sinċerament il-paċi. Imma l-paċi trid taħdem għaliha u din il-ħidma trid issir bis-sabar, b'sagrifiċċju personali u għal tul taż-żmien.

Anke fost il-kattoliċi, ħafna għadhom ma fehmux sewwa l-ħidma siewja li twettaq il-Knisja għall-paċi fid-dinja permezz tal-organizzazzjoni tagħha fil-missjonijiet. Il-Missjunarji kattoliċi, b'sagrifiċċju tagħhom li nistgħu nsejħulu wkoll erojiżmu, jgħallmu eluf ta' tfal fl-iskejjel tagħhom, jieħdu ħsieb l-iltiema fl-orfanatrofji, jikkuraw il-morda u jwettqu kull ħidma oħra edukattiva u assistenzjali li tista' ttaffi l-miżerja ta' ħafna ġnus. Imma l-aqwa kontribut tagħhom għall-paċi fid-dinja, huwa dak li jwasslu l-messaġġ ta' Kristu li huwa messaġġ ta' mħabba fost il-bnedmin u joħolqu spirtu ta' fraternità bejn nies ta' kull razza u kull kulur.

Ma nistgħux aħna bħala nsara nibqgħu nħarsu biss. Il-Ġurnata Missjunarja, li tiġi

ċċelebrata l-Ħadd li ġej, għandha tfakkarna f'dan id-dmir importanti u bl-offerti tagħna u bit-talb, nieħdu sehem f'din il-ħidma tal-Knisja.

Il-Papa ftit ilu reġa' irrikkmandalna l-Opri Missjunarji Pontifiċji, kif kien għamel il-Konċilju Vatikan fid-digriet tiegħu dwar il-ħidma missjunarja. Min jinkiteb fl-Opri Missjunarji, jiftakar fil-missjonijiet mhux darba fis-sena biss, imma kuljum matul is-sena. Għalihom noffru wkoll it-tbatijiet u s-sagrifiċċji tagħna.

J'Alla, il-jum tal-Missjonijiet iqanqal fina kuxjenza biex nagħrfu u nwettqu sewwa d-dmir li nagħtu sehemna għat-tixrid tal-paċi ta' Kristu fost il-bnedmin.

(mill-appell għall-Ġurnata Missjunarja magħmul fil-15 - 10 - 73).